IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 25.9.2017
JOIN(2017) 37 final

ANNEX 3

ANNESS

tal-

Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq in-naħa l-oħra.

ANNESS VIII

KUMMERĊ FIS-SERVIZZI U L-ISTABBILIMENT

1. Dan l-Anness huwa magħmul minn seba' Annessi li jispeċifikaw l-impenji u r-riżervi tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Armenja dwar il-kummerċ fis-servizzi u l-istabbiliment skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu VI ta' dan il-Ftehim.

2. Fir-rigward tal-Unjoni Ewropea:

   (a) Anness VIII-A fih ir-riżervi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istabbiliment skont l-Artikolu 144 ta' dan il-Ftehim;

   (b) Anness VIII-B fih il-lista ta' impenji tal-Unjoni Ewropea dwar is-servizzi transfruntiera skont l-Artikolu 151 ta' dan il-Ftehim;

   (c) Anness VIII-C fih ir-riżervi tal-Unjoni Ewropea dwar il-persunal ewlieni, l-apprentisti gradwati u bejjiegħa ta' negozju skont l-Artikoli 154 u 155 ta' dan il-Ftehim;

   (d) Anness VIII-D fih ir-riżervi tal-Unjoni Ewropea dwar il-forniturи ta' servizzi b'kuntratt u l-professjonisti indipendenti skont l-Artikoli 156 u 157 ta' dan il-Ftehim.

3. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Armenja:

(a) Anness VIII-E fih ir-riżervi tar-Repubblika tal-Armenja dwar l-istabbiliment skont l-Artikolu 144 ta' dan il-Ftehim;

(b) Anness VIII-F fih il-lista ta' impenji tar-Repubblika tal-Armenja dwar is-servizzi transfruntiera skont l-Artikolu 151 ta' dan il-Ftehim;

(c) Anness VIII-G fih ir-riżervi tar-Repubblika tal-Armenja dwar il-forniturи ta' servizzi kuntrattwali u l-professjonisti indipendenti skont l-Artikoli 156 u 157 ta' dan il-Ftehim.

4. L-Annessi msemmija fil-paragrafi 2 u 3 jikkostitwixxu parti integrali minn dan l-Anness.

5. Id-definizzjonijiet tat-termini previsti fil-Kapitolu 5 tat-Titolu VI ta' dan il-Ftehim japplikaw ukoll għal dan l-Anness.

6. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali tas-servizzi:

(a) (a) "CPC" tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, *CPC prov*, 1991; u

(b) "CPC ver. 1.0" "tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, *CPC ver 1.0*, 1998.

7. It-taqsiriet li ġejjin għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma użati fl-Annessi VIII-A, VIII-B, VIII-C u VIII-D:

UE	L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha
AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands

PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka
UK	Ir-Renju Unit

8. L-abbrevjazzjoni li ġejja tintuża għar-Repubblika tal-Armenja fl-Annessi VIII-E, VIII-F u VIII-G:

AR	Ir-Repubblika tal-Armenja

ANNESS VIII-A

RIŻERVI DWAR L-ISTABBILIMENT TAL-UNJONI EWROPEA

1. Il-lista ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi fejn l-Unjoni Ewropea tapplika r-riżervi għat-trattament nazzjonali jew l-iktar trattament iffavorit skont l-Artikolu 144 il-paragrafu 2 ta' dan il-Ftehim għall-istabbilimenti u l-intraprendituri tar-Repubblika tal-Armenja.

   Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) lista ta' riżervi orizzontali li japplikaw għas-setturi jew is-subsetturi kollha;

   (b) lista ta' riżervi speċifika għas-settur jew is-subsettur li tindika s-settur jew is-subsettur ikkonċernat flimkien mar-riżervi li japplikaw.

   Riżerva li tikkorrispondi għal attività li mhijiex liberalizzata (unbound) tiġi espressa kif ġej: "Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali u ta' trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit".

   Meta riżerva skont il-punt (a) jew (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għal Stat Membru, l-Istati Membri li ma jissemmewx hemm jassumu l-obbligi tal-Artikolu 144 il-paragrafu 2 ta' dan il-Ftehim fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi. In-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għal Stat Membru f'settur partikolari huwa bla ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali li japplikaw għall-UE kollha li jistgħu japplikaw.

2. B’konformità mal-Artikolu 141 il-paragrafu 3 ta’ dan il-Ftehim, il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija mill-Partijiet.

3. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista ta’ hawn taħt ma għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

4. Skont l-Artikolu 144 ta’ dan il-Ftehim, rekwiżiti mhux diskriminatorji, bħal dawk li jikkonċernaw il-forma legali jew l-obbligu biex jinkisbu liċenzji jew permessi applikabbli għall-forniturі kollha li joperaw fit-territorju mingħajr distinzjoni bbażata fuq ċittadinanza, ir-residenza jew kriterji ekwivalenti, mhumiex imniżżla f’dan l-Anness għax dawn mhumiex preġudikati b’dan il-Ftehim.

5. Meta l-Unjoni żżomm riżerva li teħtieġ li fornitur ta’ servizzi jkun ċittadin, resident permanenti jew residenti tat-territorju tagħha bħala kondizzjoni biex jipprovdu servizz fit-territorju tagħha, riżerva elenkata fil-lista tal-impenji fl-Anness VIII-B jew riżervi elenkati fl-Annessi VIII-C u VIII-D għandhom joperaw bħala riżerva fir-rigward tal-istabbiliment skont dan l-Anness, sa fejn ikun applikabbli.

6. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li, jiġi estiż għal ċittadini jew persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra, it-trattament mogħti fi Stat Membru lil ċittadini u persuni ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Dan it-trattament nazzjonali jingħata biss lil persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dak l-Istat Membru, inkluż dawk il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-UE li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn ċittadini tal-Parti l-oħra.

Riżervi orizzontali

Utilitajiet pubbliċi

UE: L-attivitajiet ekonomiċi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati[1].

[1] Is-servizzi ta' utilità pubblika jeżistu f'setturi bħalma huma servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika, servizzi R&Ż fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljari għal kull mod ta' trasport. Id-drittijiet esklussivi fuq servizzi bħal dawn spiss jingħataw lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li s-servizzi ta' utilità pubblika spiss jeżistu wkoll fuq livell subċentrali, skedar speċifiku għas-settur li jkun dettaljat u komprensiv mhuwiex prattiku. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' telekomunikazzjoni u ta' kompjuter u servizzi relatati.

Tipi ta’ stabbiliment

UE: It-trattament mogħti lis-sussidjarji (ta’ kumpaniji Armeni) stabbiliti skont il-liġijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni ma għandux jiġi estiż għall-fergħat jew l-aġenziji stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea minn kumpaniji Armeni[1]. Madanakollu, dan ma għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpanija jew ditta minn pajjiż terz, rigward l-operat tagħhom fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita b’mod espliċitu mil-liġi tal-UE.

UE: Trattament anqas favorevoli jista’ jingħata lis-sussidjarji (ta’ kumpaniji minn pajjiżi terzi) iffurmati skont il-liġi ta’ Stat Membru li jkollhom biss l-uffiċċju reġistrat tagħhom fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx jista’ jintwera li għandhom rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija ta’ wieħed mill-Istati Membri.

AT: Diretturi maniġerjali ta’ fergħat ta’ persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; il-persuni fiżiċi responsabbli f’persuna ġuridika jew fergħa, skont l-Att dwar il-Kummerċ tal-Awstrija, irid ikollhom domiċilju fl-Awstrija.

[1] Skont l-Artikolu 54 tat-TFUE, dawn is-sussidjarji jiġu kkunsidrati bħala persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea. Sal-punt li dawn ikollhom rabta kontinwa u effettiva mal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, dawn ikunu benefiċjarji tas-suq intern, u dan jinkludi fost l-oħrajn il-libertà li jistabbilixxu u li jfornu servizzi fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

BG: L-istabbiliment ta’ fornituri ta’ servizz barranin, inklużi impriżi konġunti, jistgħu biss jieħdu l-forma ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata jew ta’ kumpanija b’ishma konġunti b’tal-inqas żewġ azzjonisti. L-istabbiliment ta’ fergħat huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni. Uffiċċji rappreżentattivi għandhom ikunu rreġistrati mal-Kamra Bulgara tal-Kummerċ u l-Industrija u ma jistgħux jieħdu sehem f’attività ekonomika.

EE: Tal-inqas nofs il-membri tal-bord tal-maniġment għandu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Kumpanija barranija għandha taħtar direttur jew diretturi għal fergħa. Direttur ta’ fergħa jrid ikun persuna fiżika b’kapaċità ġuridika attiva. Ir-residenza ta’ mill-inqas direttur wieħed ta’ fergħa trid tkun fl-Estonja, fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

FI: Barrani li jagħmel kummerċ bħala intraprenditur privat u mill-inqas nofs is-sħab fi sħubija ġenerali jew sħab ġenerali fi sħubija limitata jridu jkunu residenti permanenti fiż-ŻEE. Għas-setturi kollha, residenza ŻEE hi meħtieġa għal mill-inqas nofs il-membri ordinarji u deputati tal-bord tad-diretturi u għad-direttur maniġerjali; madankollu, jistgħu jingħataw xi eżenzjonijiet lil ċerti kumpaniji. Jekk l-organizzazzjoni Armena tkun beħsiebha twettaq negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, ikun meħtieġ permess tan-negozju.

FR: id-direttur maniġerjali ta’ attività industrija, kummerċjali jew artiġjanali, jekk ma jkunx id-detentur ta’ permess ta’ residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika.

HU: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta’ trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit għall-akkwist ta’ proprjetajiet tal-istat.

IT: Aċċess għall-attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali jista’ jkun soġġett għal permess ta’ residenza.

PL: L-ambitu tal-operazzjonijiet ta’ uffiċċju rappreżentant jista’ jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rrappreżentata mill-uffiċċju. Għas-setturi kollha, ħlief għas-servizzi legali u s-servizzi pprovduti minn unitajiet tal-kura tas-saħħa. Investituri Armeni jistgħu jwettqu attivitajiet ekonomiċi fl-għamla biss ta’ soċjetà limitata, soċjetà b'ishma konġunti limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata u kumpanija b'ishma konġunti (fil-każ ta’ servizzi legali fl-għamla ta’ soċjetà reġistrata u soċjetà limitata biss).

RO: L-amministrattur uniku jew il-President tal-Bord ta’ Amministrazzjoni kif ukoll nofs l-għadd totali tal-amministratturi tal-kumpaniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni.

SE: Kumpanija barranija, li ma tkunx waqqfet entità ġurdika fl-Iżvezja jew li tkun qed twettaq in-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'maniġment indipendenti u bil-kontijiet miżmumin separati. Id-direttur maniġerjali ta' fergħa, u l-viċi direttur maniġerjali jekk ikun hemm, iridu jkunu jirresjedu fiż-ŻEE. Persuna fiżika mhux residenti fiż-ŻEE, li twettaq operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant responsabbli residenti għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena — imwettqa minn kumpanija li tinsab, jew minn persuna fiżika li toqgħod barra ż-ŻEE — huma eżentati mir-rekwiżiti ta' twaqqif ta' fergħa jew milli jappuntaw rappreżentant residenti. Soċjetà tista' tkun fundatur, biss jekk is-sidien kollha b'responsabbiltà personali mingħajr limitu jkunu residenti fiż-ŻEE. Il-fundaturi barra miż-ŻEE jistgħu japplikaw għal permess mill-awtorità kompetenti. Għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata u assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-diretturi, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali, id-deputati membri tal-bord u mill-inqas waħda mill-persuni awtorizzati biex jiffirmaw għall-kumpanija, jekk ikun hemm, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. Jekk l-ebda wieħed mir-rappreżentanti tal-kumpanija/tas-soċjetà ma jgħix fl-Iżvezja, il-bord irid jaħtar u jirreġistra persuna residenti fl-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata biex tirċievi servizzi f'isem il-kumpanija/is-soċjetà. Hemm kundizzjonijiet simili għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet ġuridiċi. L-applikant/detentur ta' drittijiet reġistrati (privattivi, marki kummerċjali, il-protezzjoni tad-disinni, u varjetajiet tal-pjanti) li ma jkunx jirrisjedi fl-Iżvezja għandu jkollu aġent residenti fl-Iżvezja għall-iskop ewlieni ta' servizzi ta' proċess, notifika, eċċ.

SI: applikant/detentur ta' drittijiet reġistrati (privattivi, marki kummerċjali, il-protezzjoni tad-disinni) li ma jirrisjedix fis-Slovenja għandu jkollhom aġent tal-privattivi jew tal-marka kummerċjali u aġent tad-disinn li jkun irreġistrat fis-Slovenja, għall-iskop ewlieni ta' servizzi ta' proċess, notifika, eċċ.

SK: Persuna fiżika Armena li isimha se jkun irreġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem l-intraprenditur hija meħtieġa tippreżenta permess ta' residenza għar-Repubblika Slovakka.

Investiment

ES: L-investiment fi Spanja minn gvernijiet barranin u entitajiet pubbliċi barranin (li jkollu l-għan li apparti interessi ekonomiċi, jimplika wkoll interessi nonekonomiċi tal-entità), b'mod dirett jew bis-saħħa ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.

BG: L-investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fi privatizzazzjoni. Investituri barranin u persuni ġuridiċi Bulgari taħt kontroll ta' parteċipazzjoni Armena jeħtieġu permess għal a) prospettar, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-ibħra territorjali, mill-ixkaffa kontinentali jew miż-żona ekonomika esklużiva u b) l-akkwiżizzjoni ta' interessi ta' ekwità ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe attività speċifikata f' "a)".

FR: skont l-Artikoli L151–1 u R135–1 sec tal-kodiċi finanzjarju u monetarju, jinżamm id-dritt li l-investimenti barranin fi Franza fis-setturi elenkati fl-Artikolu R153–2 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju jkunu suġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Ministeru tal-Ekonomija. Id-dritt huwa miżmum biex jillimita l-parteċipazzjoni barranija, fl-ekwità offruta lill-pubbliku, f'kumpaniji li jkun għadhom kif ġew ipprivatizzati, għal ammont varjabbli li jiġi ddeterminat mill-gvern ta' Franza skont kull każ. Għall-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, jinżamm id-dritt li tintalab awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali ma jkunx detentur ta' permess ta' residenza permanenti.

FI: Jinżamm id-dritt li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment u d-dritt li jiġu pprovduti servizzi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe persuna ġuridika, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

HU: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u ta' trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward ta' parteċipazzjoni Armena f'kumpaniji li għadhom kif ġew ipprivatizzati.

IT, l-akkwist ta' ekwità ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u l-akkwist ta' assi strateġiċi fil-qasam tas-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri.

LT: Jistgħu jiġu applikati proċeduri ta' skrining fir-rigward ta' investimenti f'intrapriżi, setturi u faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali.

PL: Bla rbit fir-rigward ta' akkwist ta' proprjetà tal-istat, jiġifieri r-regolamenti li jirregolaw il-proċess tal-privatizzazzjoni.

SE, Iżżomm id-dritt li tadotta jew ikollha rekwiżiti diskriminatorji għall-fundaturi, il-maniġment superjuri u l-bord tad-diretturi meta forom ġodda ta' assoċjazzjoni legali jiġu inkorporati fil-liġi Żvediża.

Proprjetà immobbli

L-akkwist ta' art u ta' proprjetà immobbli huwa soġġett għal-limitazzjonijiet[1] li ġejjin:

AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kiri u l-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin jeħtieġu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder) li jikkunsidraw humiex se jkunu affettwati jew le interessi ekonomiċi, soċjali jew kulturali importanti.

BG: Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma jistgħux isiru proprjetarji ta' art. Il-persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jiksbu sjieda ta' art agrikola. Il-persuni ġuridiċi barranin u ċ-ċittadini barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż jistgħu jsiru proprjetarji ta' bini u jakkwistaw drittijiet limitati ta' proprjetà (id-dritt tal-użu, id-dritt li jibnu, id-dritt li jibnu superstruttura u servitù) ta' proprjetà immobbli.

CZ: Art agrikola u tal-foresti tista' tiġi akkwistata biss minn persuni fiżiċi barranin li jkollhom residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka u intrapriżi stabbiliti bil-persuni ġuridiċi b'residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka. Għall-art agrikola u tal-foresti japplikaw regoli speċifiċi fis-sjieda tal-istat. Art agrikola tal-Istat tista' tiġi akkwistata biss minn ċittadini Ċeki, minn muniċipalitajiet u minn universitajiet pubbliċi (għal taħriġ u riċerka). Persuni ġuridiċi (irrispettivament mill-forma jew mill-post ta' residenza) jistgħu jakkwistaw art agrikola tal-istat biss jekk fuq din l-art diġà jkun hemm bini mibni u huma jkunu diġà proprjetarji ta' dan il-bini jew jekk din l-art tkun indispensabbli għall-użu ta' dan il-bini. Muniċipalitajiet u universitajiet pubbliċi biss jistgħu jakkwistaw foresti tal-istat.

CY: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali u ta' trattament tan-nazzjon tal-aktar iffavorit.

[1] Rigward is-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

DE: soġġett għal ċerti kondizzjonijiet ta’ reċiproċità.

DK: L-akkwist ta’ proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi mhux residenti huwa, bħala regola ġenerali, suġġett għal permess tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-kundizzjonijiet għal ħtieġa ta’ permess jiddependu fuq l-użu maħsub tal-proprjetà immobbli.

EE: iżżomm id-dritt li teżiġi li persuni fiżiċi b’ċittadinanza a Estonjana jew ċittadinanza ta’ xi pajjiż taż-ŻEE jew persuna ġuridika li tkun fir-reġistru Estonjan adegwat biss ikunu jistgħu jakkwistaw xi proprjetà immobbli użata għal art li trendi profitt, liema kategoriji ta’ dan l-użu ta’ art jinkludu l-art agrikola jew tal-foresti, u biss bl-awtorizzazzjoni tal-gvernatur tal-kontea. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-akkwist ta’ art agrikoltura jew tal-foresti għall-iskopijiet ta’ forniment ta’ servizz li huwa liberalizzat skont dan il-ftehim.

ES: iżżomm id-dritt li teżiġi investiment barrani f’attivitajiet relatati direttament mal-investimenti fil-proprjetà immobbli tal-missjonijiet diplomatiċi minn Stati li mhumiex membri tal-UE jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni amministrattiva mill-Kunsill Spanjol tal-Ministri, sakemm ma jkunx hemm fis-seħħ ftehim ta’ liberalizzazzjoni reċiproka.

FI: fir-rigward tal-Gżejjer Åland qed jinżamm id-dritt li tintalab awtorizzazzjoni minn qabel.

HU: Soġġetti għall-eċċezzjonijiet inklużi fil-leġiżazzjoni dwar l-art agrikola, persuni fiżiċi u ġuridiċi mhux permessi jakkwistaw art agrikola. Ix-xiri ta’ proprejtà immobbli minn barranin huwa soġġett għall-ksib ta’ permess mill-aġenzija tal-amministrazzjoni pubblika kompetenti tal-pajjiż fuq il-bażi ta’ fejn tkun tinsab il-proprejtà immobbli. L-akkwist ta’ proprjetajiet tal-Istat huwa mingħajr restrizzjonijiet.

EL: Skont il-Liġi Nru 1892/90, huwa meħtieġ permess mill-Ministru tad-Difiża għal akkwist ta' art f'żoni qrib il-fruntieri. Skont il-prassi amministrattivi, il-permess jingħata faċilment għal investiment dirett.

HR: Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward ta' akkwist ta' proprjetà immobbli minn fornituri ta' servizzi mhux stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja. Huwa permess l-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-provvista ta' servizzi minn kumpaniji stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-provvista ta' servizzi minn fergħat jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Art agrikola ma tistax tiġi akkwistata minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi barranin.

IE: Kunsens bil-miktub minn qabel tal-Kummissjoni tal-Art huwa meħtieġ għall-akkwist ta' kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn ċittadini barranin. Meta tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), dan ir-rekwiżit jiġi rinunzjat, soġġett għal ċertifikazzjoni għal dan l-iskop mill-Ministeru tal-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjiegi. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti ta' bliet u rħula, fejn jinżamm id-dritt li tintalab awtorizzazzjoni minn qabel.

IT: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin huwa soġġett għall-kundizzjoni tar-reċiproċità.

LT: L-akkwist ta' sjieda ta' art, ilmijiet interni u foresti għandu jkun permess lill-barranin li jissodisfaw il-kriterji tal-integrazzjoni Ewropea u transatlantika. Il-proċedura, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-akkwist ta' plott ta' art, kif ukoll ir-restrizzjonijiet għandhom, ikunu stabbiliti bil-liġi kostituzzjonali.

LV: fir-rigward tal-akkwist ta' art rurali minn ċittadini ta' pajjiż terz, inkluż fir-rigward tal-proċess tal-awtorizzazzjoni għall-akkwiżizzjoni ta' art rurali.

PL: L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli, diretta jew indiretta, tirrikjedi permess. Il-permess jinħareġ b'deċiżjoni amministrattiva ta' ministru kompetenti fl-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola, ukoll bil-kunsens tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà tal-Istat, jiġifieri r-regolamenti li jirregolaw il-proċess tal-privatizzazzjoni (għall-modalità 3) hija mingħajr restrizzjonijiet.

RO: Persuni fiżiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u residenza fir-Rumanija, kif ukoll persuni ġuridiċi li ma la jkollhom ċittadinanza Rumena u li lanqas il-kwartieri ġenerali tagħhom ma jkunu fir-Rumanija, ma jistax ikollhom sjieda tal-ebda tip ta' art, permezz ta' atti *inter vivos*.

SI: jinżamm id-dritt li jiġi eżiġ li persuni ġuridiċi, stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli fit-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja, u li fergħat stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw biss proprjetà immobbli, ħlief art, li tkun meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi li għalihom dawn ikunu ġew stabbiliti. Skont il-Liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fir-Repubblika tas-Slovenja mhix meqjusa bħala persuna ġuridika, iżda f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tagħha, it-trattament huwa l-istess bħala dak ta' sussidjarju, li huwa skont l-Artikolu XXVIII para.(g) tal-GATS.

SK: L-akkwist ta' art huwa mingħajr restrizzjonijiet (għall-modi 3 u 4). Kumpaniji barranin jew il-persuni fiżiċi ma jistgħux jakkwistaw art agrikola jew art forestali barra mill-konfini ta' erja mibnija ta' muniċipalità u xi art oħra (pereżempju riżorsi naturali, għadajjar, xmajjar, toroq pubbliċi, eċċ.).

Rikonoxximent

UE: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u t' trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tad-direttivi tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi. Id-dritt li wieħed jipprattika servizz professjonali regolat f'xi Stat Membru tal-UE ma jagħtix id-dritt li wieħed ikun jista' jipprattika fi Stat Membru ieħor[1].

Speċifikament għal trattament ta' nazzjon l-aktar iffavorit

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali skont xi trattat internazzjonali ta' investiment jew ftehim ta' kummerċ ieħor fis-seħħ jew iffirmati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali dwar id-dritt ta' stabbiliment lil ċittadini jew impriżi permezz ta' ftehim bilaterali eżistenti jew futur bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li ġejjin: Il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit, u kull wieħed mill-pajjiżi jew prinċipalitajiet li ġejjin: San Marino, Monaco, Andorra u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

L-Unjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali li xi pajjiż abbażi ta' kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti jew futur li:

(a) joħloq suq intern għas-servizzi u l-investiment;

(b) jagħti d-dritt ta' stabbiliment; jew

[1] Biex ċittadini ta' pajjiż mhux tal-UE jkunu jistgħu jiksbu rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom fl-UE kollha, huwa meħtieġ ftehim ta' rikonoxximent reċiproku, innegozjat fil-qafas definit fl-Artikolu XXX.

(c) jirrikjedi l-approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni f'xi settur jew setturi ekonomiċi.

Għall-fini ta' din l-eżenzjoni:

(a) Suq intern għas-servizzi u l-investiment tfisser żona mingħajr fruntieri interni li fiha jista' jsir moviment ħieles ta' servizzi, kapital u persuni.

(b) Id-dritt ta' stabbiliment tfisser obbligu li jitneħħew fis-sustanza l-ostakli kollha għall-istabbiliment bejn il-partijiet tal-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mad-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim. Id-dritt ta' stabbiliment jinkludi d-dritt ta' ċittadini tal-partijiet fil-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali li jistabbilixxu u joperaw impriżi skont l-istess kundizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini skont il-liġi domestika tal-pajjiż fejn isir dan l-istabbiliment.

(c) L-approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni tfisser:

(i) l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-partijiet fil-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mal-leġiżlazzjoni tal-parti jew il-partijiet l-oħra f'dak il-ftehim; jew

(ii) l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni komuni fil-liġi domestika tal-partijiet fil-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

It-tali allinjament jew inkorporazzjoni għandu sseħħ, u għandu jitqies li sseħħ, biss meta jkun iddaħħal fil-liġi domestika tal-parti jew tal-partijiet fil-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

Riżervi settorjali

BG: ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet.

Fl-korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità jkollhom sehem fil-kapital li jeċċedi 50 %, kwalunkwe tranżazzjoni għal disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, biex tikkonkludi xi kuntratt għal akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni ta' interess, lokazzjoni, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll biex il-korporazzjoni jġarrab xi obbligi li jirriżultaw minn kambjali, huma suġġetti għal awtorizzazzjoni jew permess permezz tal-Aġenzija għall-Privatizzazzjoni jew ta' korpi oħra tal-istat jew reġjonali, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti.

DK, FI, SE: miżuri meħuda mid-Danimarka, l-Iżvezja u l-Finlandja intenzjonati biex jippromwovu l-kooperazzjoni Nordika, bħal pereżempju:

(a) appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) (il-Fond Industrijali Nordiku);

(b) il-finanzjament ta' studji ta' flessibbiltà għal proġetti internazzjonali (il-Fond Nordiku għall-Esportazzjonijiet tal-Proġetti); u

(c) għajnuna finanzjarja lil kumpaniji[1] li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali).

[1] Japplika għall-kumpaniji tal-Ewropa tal-Lvant, li qed jikkooperaw ma' xi kumpanija Nordika jew aktar.

Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist pubbliku minn Parti, sussidji, jew sostenn governattiv għal negozju f'servizzi f'Artikolu 141 ta' dan il-Ftehim.

PT: eżenzjoni mir-rekwiżiti taċ-ċittadinanza għall-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet u professjonijiet minn persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi għal pajjiżi li fihom il-Portugiż hija l-lingwa uffiċjali (l-Angola, il-Brażil, Cape Verde, il-Guinea-Bissau, il-Mozambique u São Tomé u Principe).

Trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit relatat mat-trasport:

UE: kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet eżistenti jew futuri dwar l-aċċess għal passaġġi fuq l-ilma intern (inkluż ftehimiet wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube), li jirriżervaw xi drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati li jissodisfaw il-kriterji ta' ċittadinanza fir-rigward tas-sjieda. Soġġett għar-regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar it-Tbaħħir fuq ir-Rhine. Din il-parti tar-riżerva tapplika biss għall-Istati Membri tal-UE li ġejjin: BE, FR, DE, u NL. Trasport ta' mogħdijiet tal-ilma interni (CPC 722).

FI: l-għoti ta' trattament differenzjali lil xi pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jeżentaw bastimenti reġistrati taħt il-bandiera barranija ta' pajjiż speċifikat ieħor jew vetturi rreġistrati barra mill-projbizzjoni ġenerali li jipprovdu trasport ta' kabotaġġ (inkluż trasport ikkombinat, bit-triq u bil-ferrovija) fil-Finlandja abbażi tar-reċiproċità (parti minn CPC 712, parti minn 721, parti minn 711).

SE: jistgħu jittieħdu miżuri fuq bażi reċiproka li tippermetti bastimenti mill-Armenja taħt il-bandiera tal-Armenja biex joperaw traffiku ta' kabotaġġ fl-Iżvezja sakemm l-Armenja tippermetti bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera tal-Iżvezja sabiex joperaw traffiku ta' kabotaġġ fl-Armenja. L-għan speċifiku ta' din ir-riżerva jiddependi fuq il-kontenut ta' ftehim futur bi qbil reċiproku bejn l-Armenja u l-Iżvezja (CPC 7211, 7212).

BG: sakemm l-Armenja tippermetti fornituri ta' servizz mill-Bulgarija biex jipprovdu servizzi ta' maniġġ ta' merkanzija u servizzi ta' ħżin u magażinaġġ fil-portijiet marittimi u tax-xmajjar, inkluż servizzi relatati ma' kontejners u prodotti f'kontejners, il-Bulgarija se tippermetti lil fornituri ta' servizzi mill-Armenja jipprovdu servizzi ta' maniġġ ta' merkanzija u servizzi ta' ħżin u magażinaġġ fil-portijiet marittimi u tax-xmajjar, inkluż servizzi relatati ma' kontejners u prodotti f'kontejners bl-istess kundizzjonijiet (Parti minn CPC 741, parti 742).

DE: il-kiri ta' vapuri barranin minn konsumaturi residenti fil-Ġermanja jista' ikun suġġett għall-kundizzjoni ta' reċiproċità (CPC 7213, 7223, 83103).

UE: tirriżerva d-dritt li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (inkluż trasport ikkombinat — bit-triq jew bil-ferrovija) u trasport tal-passiġġieri, konkluża bejn l-UE jew l-Istati Membri tal-UE u pajjiż terz (CPC 7111, 7112, 7121, 7122, 7123). Dan it-trattament jista':

(a) jirriżerva jew jillimita l-forniment ta' servizzi ta' trasport rilevanti bejn il-Partijiet kontraenti jew fit-territorju tal-partijiet kontraenti għal vetturi reġistrati fil-partijiet kontraenti[1]; jew

[1] Fir-rigward tal-Awstrija, il-parti tal-eżenzjoni tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku tkopri l-pajjiżi kollha li magħhom jeżistu, jew jistgħu jitqiesu fil-futur, ftehimiet bilaterali dwar trasport bit-triq jew arranġamenti oħra dwar trasport bit-triq.

(b) jipprevedi eżenzjonijiet mit-taxxa għal dawn il-vetturi.

BG: miżuri meħuda skont ftehimiet eżistenti jew futuri, li jirriżervaw jew jirrestringu l-forniment ta' dawn it-tipi ta' servizzi ta' trasport u jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-forniment, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq, fit-territorju tal-Bulgarija jew min-naħa għall-oħra tal-fruntieri tal-Bulgarija (CPC 7111, 7112).

HR: miżuri applikati taħt ftehimiet eżistenti jew futuri dwar trasport internazzjonali bit-triq u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw l-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, min-naħa għall-oħra u 'l barra mill-Kroazja għall-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7111, 7112).

CZ: miżuri meħuda skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, min-naħa għall-oħra u 'l barra mir-Repubblika Ċeka lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

EE: meta tagħti trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar it-trasport internazzjonali bit-triq (inkluż trasport kombinat bit-triq jew bil-ferrovija), tirriżerva jew tillimita l-forniment ta' servizzi tat-trasport lejn, ġewwa. min-naħa għall-oħra u 'l barra mill-Estonja lill-partijiet kontraenti għal vetturi reġistrati fil-partijiet kontraenti, u tipprevedi eżenzjoni mit-taxxa għal dawn il-vetturi.

LT: miżuri meħuda skont ftehimiet bilaterali u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet għas-servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż it-tranżitu bilaterali u permessi oħra għal servizzi ta' trasport fi, minn u 'l barra mit-territorju tal-Litwanja lill-partijiet kontraenti kkonċernati, u taxxi u imposti tat-triq (CPC 7121, 7122, 7123).

SK: miżuri meħuda skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw l-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għal servizzi tat-trasport lejn, fi, min-naħa għall-oħra u 'l barra mis-Slovakkja lill-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

ES: awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali fi Spanja tista' tiġi rifjutata għal fornituri ta' servizzi, li l-pajjiż tal-oriġini tagħhom ma jagħtix aċċess effettiv għas-suq lill-fornituri tas-servizz minn Spanja (CPC 7123).

BG, CZ u SK: miżuri meħuda skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tal-operat, u l-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Islovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati.

UE: tadotta trattament differenzjali għal pajjiż terz abbażi ta' ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jirrigwardaw s-servizzi Awżiljarji tat-trasport bl-ajru li ġejjin:

(a) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(b) sistemi ta' riżervazzjoni bil-kompjuter (CRS); u

(c) servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru, bħal servizzi ta' groundhandling u servizzi ta' tħaddim tal-ajruporti.

Fir-rigward ta’ manutenzjoni u tiswija ta’ inġenji tal-ajru u partijiet, l-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet ta’ kummerċ eżistenti jew futuri skont l-Artikolu V tal-GATS.

UE: tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-UE biss ikunu jistgħu jwettqu stħarriġ statutorju u ċertifikazzjoni ta’ vapuri f’isem l-Istati Membri. Jista’ jkun meħtieġ l-istabbiliment.

PL: sakemm l-Armenja tippermetti l-forniment ta’ servizzi ta’ trasport fit-territorju tal-Armenja minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Polonja, il-Polonja tippermetti l-forniment ta’ servizzi tat-trasport minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Armenja fit-territorju tal-Polonja bl-istess kundizzjonijiet.

A. Agrikoltura, Kaċċa, Foresterija u Qtugħ ta’ Siġar għall-Injam

FR: L-istabbiliment ta’ impriżi agrikoli minn kumpaniji mhux mill-UE u l-akkwiżizzjoni ta’ vinji minn investituri mhux mill-UE huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni.

AT, HR, HU, MT, RO: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta’ trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għall-attivitajiet agrikoli.

CY: Il-parteċipazzjoni tal-investituri hija permessa biss sa 49 %.

FI: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għat-trobbija tar-renni.

IE: L-istabbiliment minn residenti Armeni f’attivitajiet ta’ dħin tad-dqiq huwa soġġett għal awtorizzazzjoni.

BG: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta’ trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għal attivitajiet ta’ qtugħ ta’ siġar għall-injam.

SE: Il-poplu Sami biss jista’ jippossjedi u jrabbi r-renni.

B. Sajd u Akkwakultura

UE: L-aċċess għal u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi u l-postijiet tas-sajd li jinsabu fl-ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri tal-UE jistgħu jkunu ristretti għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta’ territorju tal-UE, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.

CY: Il-massimu ta’ sjieda mhux mill-UE f’dgħajsa/bastiment tas-sajd huwa ta’ 49 % u suġġett għal awtorizzazzjoni.

SE: Bastiment għandu jitqies li huwa Żvediż u jista’ jġorr il-bandiera Svediża jekk aktar minn nofs l-ekwità tkun ta' ċittadini jew persuni ġuridiċi Żvediżi. Il-Gvern jista’ jippermetti bastimenti barranin itajru l-bandiera Żvediża jekk l-operazzjonijiet tagħhom ikunu taħt il-kontroll Svediż jew is-sid ikollu residenza permanenti fl-Iżvezja. Bastimenti li huma 50 % jew aktar proprjetà ta’ ċittadini jew ta’ kumpaniji taż-ŻEE li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fiż-ŻEE u li l-operat tagħhom huwa kkontrollat mill-Iżvezja, jistgħu wkoll jiġu rreġistrati fir-reġistru Żvediż. Liċenzja professjonali għas-sajd meħtieġa għas-sajd professjonali professjonali, tista’ tingħata jekk is-sajd ikollu konnessjoni mal-industrija tas-sajd Żvediża. Konnessjoni pereżempju tista’ tkun il-ħatt fl-art ta’ nofs il-qabda matul sena kalendarja (fil-valur) fl-Iżvezja, nofs il-vjaġġi tas-sajd jitilqu minn port Żvediż jew nofs tas-sajjieda fil-flotta jkunu domiċiljati fl-Iżvezja. Għal bastimenti ta’ iktar minn ħames metri, hu meħtieġ permess ta’ bastiment flimkien mal-liċenzja tas-sajd professjonali. Permess jingħata jekk, fost affarijiet oħra, il-bastiment ikun irreġistrat fir-reġistru nazzjonali u l-bastiment ikollu rabta ekonomika reali mal-Iżvezja. Il-kmandant ta’ bastiment kummerċjali jew ta’ bastiment tradizzjonali għandu jkun ċittadin ta’ Stat Membru taż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Aġenzija Żvediża tat-Trasport.

SI: Waqt transitu mill-baħar territorjali tar-Repubblika tas-Slovenja minn bastimenti tas-sajd barranin, kwalunkwe sajd jew qbid ta' ħut u organiżmi tal-baħar oħra fuq il-baħar u minn qiegħ il-baħar huwa pprojbit. Din il-projbizzjoni testendi wkoll għal dgħajjes tas-sajd barranin. Il-bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera Slovena jekk aktar min-nofs il-bastiment ikun proprjetà ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew ta' persuni ġuridiċi li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Farms tal-akkwakultura għat-trobbija tal-organiżmi għall-istokkjar mill-ġdid iridu jkunu rreġistrati fis-Slovenja.

UK: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għall-akkwiżizzjoni ta' bastimenti b'bandiera tar-Renju Unit, sakemm tal-inqas 75 fil-mija mill-investiment ma jappartjenix lil ċittadini Brittanniċi u/jew lil kumpaniji li jappartjenu f'tal-inqas 75 fil-mija minnhom lil ċittadini Brittanniċi, li fil-każijiet kollha jridu jkunu residenti u jgħixu fir-Renju Unit. Il-bastimenti għandhom ikunu mmaniġġjati, diretti u kkontrollati minn ġewwa r-Renju Unit.

C. Minjieri u barrieri

UE: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal persuni ġuridiċi kkontrollati[1] minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-UE li jgħodd għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' żejt jew gass naturali. Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni).

[1] Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment jidderieġu l-azzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, is-sjieda ta' iktar minn 50 fil-mija tal-interessi tal-ekwità f'persuna ġuridika għandha titqies li tikkostitwixxi kontroll.

D. Manifattura

UE: Ma hemmx trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal persuni ġuridiċi kkontrollati[1] minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-UE li jgħodd għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' żejt jew gass naturali. Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni).

IT: Sidien ta' kumpanija tal-pubblikazzjoni u tal-istampar u l-pubblikaturi jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE. Il-kumpaniji jrid ikollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Stat Membru tal-UE.

HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikazzjoni, l-istampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata

SE: Sidien ta' perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja, li huma persuni fiżiċi, għandhom ikunu residenti fl-Iżvezja jew ikunu ċittadini taż-ŻEE. Sidien ta' dawn il-perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Perjodiċi li huma stampati u ppubblikati fl-Iżvezja, u reġistrazzjonijiet tekniċi jrid ikollhom editur responsabbli, li jrid jkun domiċiljat fl-Iżvezja.

Għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni għan-nom proprju tal-elettriku, il-gass, il-fwar u l-misħun[2] (minbarra ġenerazzjoni nukleari tal-elettriku):

UE: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tal-pajjiż l-aktar iffavorit għall-produzzjoni tal-elettriku, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku għan-nom proprju u l-manifattura ta' gass, distribuzzjoni ta' fjuwil gassuż.

---

[1] Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment jidderieġu l-azzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, is-sjieda ta' iktar minn 50 fil-mija tal-interessi tal-ekwità f'persuna ġuridika għandha titqies li tikkostitwixxi kontroll.

[2] Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun:

UE: Ma hemmx trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal persuni ġuridiċi kkontrollati[1] minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-UE li jgħodd għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea taż-żejt, l-elettriku jew il-gass naturali. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni).

FI: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tal-pajjiż l-aktar iffavorit għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-fwar u l-misħun.

1. Servizzi kummerċjali

Servizzi professjonali

UE: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit fir-rigward ta' konsulenza legali u dokumenti legali u servizzi ta' ċertifikazzjoni pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, "*huissiers de justice*" jew "*officiers publics et ministériels*" oħrajn, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn *bailiffs* li jinħatru minn att uffiċjali tal-gvern.

UE: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura meħtieġa biex wieħed jipprattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza u/jew tar-rekwiżit tar-residenza.

[1] Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment jidderieġu l-azzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, is-sjieda ta' iktar minn 50 fil-mija tal-interessi tal-ekwità f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu kontroll.

AT: Fir-rigward tas-servizzi legali, kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-għoti ta' servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali. Il-parteċipazzjoni f'ekwità u ishma ta' avukati barranin (li jridu jkunu kkwalifikati bis-sħiħ f'pajjiżhom) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe ditta legali ma tistax taqbeż 25 %. Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għall-investituri barranin b'minoranza, jew il-persunal kwalifikat tagħhom, l-għoti ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u l-liġi tal-ġurisdizzjoni ta' fejn ikunu kkwalifikati jaħdmu bħala avukati; l-għoti ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru) inkluża r-rappreżentazzjoni fil-qrati, jirrikjedi ammissjoni sħiħa fl-avukatura li hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza.

AT: Fir-rigward tas-servizzi tal-kontabilità, iż-żamma tal-kotba, l-awditjar u l-konsulenza fiskali, il-parteċipazzjoni fl-ekwità u d-drittjiet tal-vot ta' persuni intitolati li jeżerċitaw il-professjoni skont liġi barranija ma jistgħux jaqbżu 25 %.

AT: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit għas-servizzi mediċi (ħlief għall-psikologi u l-psikoterapisti).

AT, BG, HR: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-għoti ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika rispettiva (tal-UE u tal-Istati Membri).

AT, CY, EE, MT, SI: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal servizzi veterinarji.

BE: Fir-rigward tas-servizzi legali, japplikaw kwoti għar-rappreżentanza quddiem il-"*Cour de cassation*" f'każijiet mhux kriminali.

BG: Avukati barranin jistgħu jipprovdu biss servizzi ta' rappreżentanza legali għal ċittadin ta' pajjiżhom u soġġett għar-reċiproċità u f'kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, hija meħtieġa residenza permanenti.

BG: Fir-rigward tas-servizzi legali, xi tipi ta' forom legali ("*advokatsko sadrujie*" u "*advokatsko drujestvo*") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fl-Avukatura fil-Repubblika tal-Bulgarija.

BG: Entità tal-awditjar barranija (għajr minn pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE) tista' twettaq servizzi ta' awditjar biss soġġett għar-reċiproċità u li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li tliet kwarti mill-membri tal-korpi maniġerjali u tal-awdituri reġistrati li jwettqu awditjar f'isem l-entità jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti għal dawk tal-awdituri Bulgari.

BG: Għal servizzi ta' medjazzjoni tinħtieġ residenza permanenti. Fir-rigward ta' servizzi ta' tassazzjoni tapplika l-kundizzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE.

BG: Fir-rigward tas-servizzi arkitettoniċi, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettoniċi tat-tisbiħ tal-pajsaġġ, inġinerija u servizzi integrati ta' inġinerija, persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin, li jkollhom kompetenza rikonoxxuta ta' disinjatur liċenzjat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, jistgħu jistħarrġu u jiddisinjaw xogħlijiet fil-Bulgarija indipendentement biss wara li jkunu rebħu proċedura kompetittiva u ntgħażlu bħala kuntratturi skont it-termini u skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

BG: Fir-rigward tas-servizzi arkitettoniċi, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettoniċi tat-tisbiħ tal-pajsaġġ, servizzi ta' inġinerija u servizzi integrati ta' inġinerija, għal proġetti ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, investituri Armeni jridu jaġixxu fi sħubija ma' jew, bħala sottokuntratturi ta', investituri lokali. Fir-rigward tas-servizzi arkitettoniċi, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettoniċi tat-tisbiħ tal-pajsaġġ, speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-inqas sentejn fis-settur tal-kostruzzjoni. Tapplika l-kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-ippjanifikar urban u s-servizzi arkitettoniċi tat-tisbiħ tal-pajsaġġ.

BG: Fir-rigward tas-servizzi tal-ippjanar urban u tal-arkitettura tat-tisbiħ tal-pajsaġġ, tapplika l-kundizzjoni taċ-ċittadinanza.

BG, CY, MT, SI: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit għas-servizzi tal-qwiebel u s-servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku.

CY: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għas-servizzi tal-arkitettura, l-ippjanar urban u s-servizzi tal-arkitettura tat-tisbiħ tal-pajsaġġ, servizzi ta' inġinerija u servizzi integrati ta' inġinerija.

CY: Hija meħtieġa ċittadinanza taż-ŻEE jew CH kif ukoll residenza (preżenza kummerċjali) għall-prattika ta' servizzi legali, inkluż rappreżentazzjoni quddiem il-qrati. Avukati li huma membri tal-Avukatura biss jistgħu jkunu sħab jew azzjonisti jew membri ta' Bord tad-Diretturi f'kumpanija tal-avukati f'Ċipru. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. Ammissjoni sħiħa fl-avukatura hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza u residenza.

CZ: Hija meħtieġa ċittadinanza taż-ŻEE jew tar-CH u residenza fir-Repubblika Ċeka biex wieħed jipprattika servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), inkluż rappreżentazzjoni quddiem il-qrati. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

CZ, HU, SK: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit għas-servizzi tal-qwiebel.

CY: L-awdituri barranin iridu jiksbu awtorizzazzjoni suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

BG, CY, CZ, EE, MT: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali ua tan-nazzjoni l-aktar iffavorit għas-servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali.

CZ, SK: Huwa rriżervat id-dritt li jintalab li tal-inqas 60 fil-mija tas-sehem kapitali jew mid-drittijiet tal-vot ikunu rriżervati għal ċittadini fejn jidħol il-forniment ta’ servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minn barra s-servizzi ta’ kontabilità).

CZ: Rigward servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali, servizzi tal-qwiebel, u servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku, l-aċċess huwa limitat għal persuni fiżiċi biss. Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.

CZ: Rigward is-servizzi veterinarji, l-aċċess huwa limitat għal persuni fiżiċi biss. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni mill-amministrazzjoni veterinarja.

DK: Skont l-Att Daniż dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, l-uniku skop ta’ ditta tal-avukati jrid ikun li tipprattika l-liġi. Avukati li jipprattikaw il-liġi f’ditta tal-avukati jew impjegati oħra fil-korporazzjoni li għandhom ishma fiha għandhom jinżammu personalment responsabbli b’mod konġunt mad-ditta għal kwalunkwe pretensjoni li tinħoloq b’riżultat tal-assistenza tagħhom lil klijent. Barra minn hekk, 90 % tal-ishma ta’ ditta tal-avukati Daniża jridu jkunu jappartjenu lil avukati b’liċenzja Daniża, avukati mill-UE rreġistrati fid-Danimarka, jew ditti tal-avukati rreġistrati fid-Danimarka.

DK: L-għoti ta' servizzi ta' awditjar statutorju jeħtieġ l-approvazzjoni Daniża ta' awditur. L-approvazzjoni teħtieġ ir-residenza fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Membru taż-ŻEE. Drittijiet tal-vot f'ditti tal-awditjar approvati u ditti tal-awditjar mhux approvati skont ir-regolament ta' implimentazzjoni nru 8. Direttiva dwar l-awditjar statutorju ma tistax teċċedi 10 fil-mija tad-drittijiet tal-vot.

DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' kontabbilisti awtorizzati Daniżi, kontabbilisti barranin iridu jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tan-Negozju.

DK: Rigward is-servizzi veterinarji, l-aċċess huwa limitat għal persuni fiżiċi biss.

EL: kundizzjoni taċ-ċittadinanza biex wieħed jikseb liċenzja biex ikun awditur statutorju.

EL: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għal tekniki dentali.

ES: Biex wieħed jipprovdi servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi tal-UE u tal-liġi ta' Stat Membru tal-UE, jista' jkun meħtieġ li l-preżenza kummerċjali jkollha waħda mill-forom legali li huma permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi nondiskriminatorja. Xi tipi ta' forom legali jistgħu jkunu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi fl-Avukatura, ukoll fuq bażi nondiskriminatorja.

FI: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal rappreżentazzjoni quddiem il-qrati barra minn għall-aġenti tal-privattivi u "*asianajaja*".

FI: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward ta' servizzi b'rabta ma' servizzi tas-saħħa u soċjali ffinanzjati pubblikament jew privatament (jiġifieri s-servizzi Mediċi, inkluż il-Psikologi, u s-servizzi dentali; is-servizzi tal-Qwiebel; il-Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku).

FI: Fir-rigward tas-servizzi tal-awditjar, rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija b'responsabbiltà Finlandiża.

FI, HU, NL: rekwiżit ta' residenza għall-aġenti tal-privattivi (parti minn CPC 861).

FR: Fir-rigward tas-servizzi ġuridiċi, xi tipi ta' forom legali ("*association d'avocats*" u "*société en participation d'avocat*") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi Franza. F'ditti tal-avukati li joffru servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-UE, mill-inqas 75 % tas-sħab li jkollhom 75 % tal-ishma għandhom ikunu avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi Franza.

FR: Fir-rigward tas-servizzi arkitettoniċi, is-servizzi mediċi (inkluż il-psikoloġisti) u dentali, is-servizzi tal-qwiebel u s-servizzi ta' infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku, l-investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom ġuridiċi ta' "société d'exercice liberal" (sociétés anonymes, sociétés à responsabilité limitée ou sociétés en commandite par actions) u "société civile professionnelle".

FR: Fir-rigward ta' servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali, servizzi ta' qwiebel u servizzi ta' infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku, iċ-ċittadinanza hija meħtieġa. Madankollu, għall-qwiebel u s-servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku, l-aċċess mill-barranin huwa possibbli fil-limiti tal-kwoti annwali stabbiliti.

FR: Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza u reċiproċità fir-rigward tas-servizzi veterinarji.

HR: Bla restrizzjoni għal konsulenza dwar il-pajjiż tal-oriġini u l-liġi barranija u dik internazzjonali. Ir-rappreżentazzjoni tal-partijiet quddiem il-qrati tista' tiġi prattikata biss mill-membri tal-Kunsill tal-Avukatura tal-Kroazja (titolu Kroat "*odvjetnici*"). Rekwiżit ta' ċittadinanza għal sħubija fil-Kunsill tal-Avukatura. Fi proċedimenti li jinvolvu elementi internazzjonali, il-partijiet jistgħu jkunu rappreżentati quddiem tribunal tal-arbitraġġ — qrati *ad hoc* minn avukati li huma membri ta' assoċjazzjonijiet tal-avukatura ta' pajjiżi oħra.

HR: Hija meħtieġa liċenzja biex jiġu pprovduti servizzi tal-awditjar.

HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jipprovdu servizzi ta' arkitettura u inġinerija wara li jiksbu l-approvazzjoni tal-Kamra tal-Periti Kroata u l-Kamra tal-Inġieniera Kroata rispettivament.

HR: Il-persuni kollha li jagħtu servizzi direttament lil pazjenti/jittrattaw pazjenti jeħtieġu liċenzja minn kamra professjonali.

EL: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit fir-rigward tat-tekniċi dentali. Iċ-ċittadinanza tal-UE hija meħtieġa sabiex tikseb liċenzja biex wieħed ikun awditur statutorju u fis-servizzi veterinarji.

ES: Awdituri statutorji u avukati tal-proprjetà industrijali huma soġġetti għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE.

HU: L-istabbiliment għandu jieħu s-sura ta' shubija ma' barrister Ungeriż (*ügyvéd*) jew ma' uffiċċju ta' barrister (*ügyvédi iroda*), jew uffiċċju rappreżentattiv.

HU: Rekwiżit ta' residenza għal ċittadin mhux miż-ŻEE fis-servizzi veterinarji.

LV: Rekwiżit ta' ċittadinanza għal solicitors liċenzjati, li għalihom hija rriżervata r-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali.

LV: F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja iktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri liċenzjati jew ta' kumpaniji kummerċjali ta' awdituri liċenzjati tal-UE jew iż-ŻEE. Prokuraturi minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss skont ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza ġuridika reċiproka.

LT: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-avukati tal-privattivi.

LT: Fir-rigward ta’ servizzi tal-awditjar, ir-rapport tal-awditur irid ikun ippreparat flimkien ma’ awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja. Mill-inqas ¾ tal-ishma f’kumpanija tal-awditjar iridu jkunu ta’ awdituri jew ta’ kumpaniji tal-awdituri mill-UE jew miż-ŻEE. Mhuwiex permess stabbiliment fil-forma ta’ Kumpanija b’Ishma Pubbliċi (AB).

LT: Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti skont ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali reċiproka biss

LT: Fir-rigward ta’ servizz mediċi (inklużi Psikologi), u servizzi dentali, il-forniment ta’ servizzi huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni li hija bbażata fuq pjan ta’ servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, fid-dawl tal-popolazzjoni u s-servizzi mediċi u dentali li diġà jeżistu.

PL: Filwaqt li huma disponibbli tipi oħra ta’ forom legali għal avukati mill-UE, l-avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta’ soċjetajiet reġistrati u soċjetajiet limitati.

PL: Kundizzjoni ta’ ċittadinanza tal-UE biex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji. Persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess biex jipprattikaw.

PL: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza biex wieħed jipprovdi servizzi tal-awditjar.

PT: Fejn jidħlu servizzi legali, kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-aċċess għall-professjoni ta’ “solicitadores” u għal aġent tal-proprjetà industrijali.

SK: Ir-residenza hija meħtieġa għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, u biex wieħed jipprovdi servizzi tal-arkitettura, tal-inġinerija u veterinarji. Il-forniment ta’ servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi.

SK: Iċ-ċittadinanza u r-residenza taż-ŻEE jew CH (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi domestika, inkluż rappreżentazzjoni quddiem il-qrati.

SE: Għal servizzi legali, għall-ammissjoni fl-Avukatura, li hija meħtieġa biss għall-użu tat-titolu Żvediż "*advokat*", hija meħtieġa residenza fl-UE, fiż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-bord tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Żvediża. L-ammissjoni għall-Avukatura mhijiex neċessarja għall-prattika tal-liġi domestika. Membru tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Żvediża ma jistax jiġi impjegat minn ħaddieħor għajr membru tal-Avukatura jew kumpanija li twettaq in-negozju ta' membru tal-Avukatura. Madankollu, membru tal-Avukatura jista' jiġi impjegat minn kumpanija barranija. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit. Hemm rekwiżiti taż-ŻEE marbuta mal-ħatra ta' ċertifikatur ta' pjan ekonomiku.

SE: awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja biss u ditti tal-awditjar irreġistrati fl-Iżvezja jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju f'ċerti entitajiet ġuridiċi, inkluż fil-kumpaniji b'responsabbiltà limitata kollha, kif ukoll persuni fiżiċi. Awdituri approvati fl-Iżvezja biss, u ditti pubbliċi tal-kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew li jiffurmaw sħubijiet kummerċjali f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar kwalifikat (għal għanijiet uffiċjali). Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera biex tingħata awtorizzazzjoni jew approvazzjoni. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumiex awtorizzati jew kontabilisti approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. (CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità).

SI: rappreżentazzjoni ta' klijenti quddiem il-qorti bi ħlas hija bil-kundizzjoni li jkunu hemm preżenza kummerċjali f'Repubblika tas-Slovenja. Avukat barrani li jkollu d-dritt li jipprattika l-liġi f'pajjiż barrani jista' jagħti servizzi legali jew jipprattika l-liġi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att tal-Avukati, sakemm il-kundizzjoni ta' reċiproċità reali tkun issodisfata. Il-komformità mal-kundizzjoni tar-reċiproċità hija vverifikata mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta tal-avukati b'responsabilità limitata (soċjetà) jew għal ditta tal-avukati b'responsabilità illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta tal-avukati għandhom ikunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu soċji f'ditta tal-avukati.

SI: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta' servizzi tal-kontabilità, żamma tal-kotba u tal-awditjar. Preżenza kummerċjali hija meħtieġa. L-entità tal-awditjar minn pajjiż terz jista' jkollha ishma jew tiffurma soċjetajiet f'kumpanija tal-awditjar Slovena sakemm, skont il-liġi tal-pajjiż li fih tkun inkorporata l-entità tal-awditjar mill-pajjiż terz, kumpaniji tal-awditjar Sloveni jista' jkollhom ishma jew jifformaw soċjetajiet f'entità tal-awditjar. Residenza permanenti fis-Slovenja hija meħtieġa għal tal-inqas membru wieħed tal-bord tal-maniġment ta' kumpanija tal-awditjar stabbilita fis-Slovenja.

SI: Tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, spiżjara jeħtieġu liċenzja minn kamra professjonali, professjonisti oħra fil-qasam tas-saħħa jeħtieġu reġistrazzjoni.

SI: Ma hemmx trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit fir-rigward ta' mediċina soċjali, sanità, epidemoloġija, servizzi mediċi/ekoloġiċi; il-forniment tad-demm, preparazzjonijiet tad-demm u trapjanti; u awtopsji.

Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi[1] (CPC 63211)

AT: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jitwettaq biss minn spiżerija. Iċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera hija meħtieġa biex wieħed jopera spiżerija. Iċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera hija meħtieġa għad-detentur ta' lokazzjoni u għall-persuni li huma responsabbli mill-maniġment ta' spiżerija.

BG: Rekwiżit ta' residenza permanenti għall-ispiżjara.

CY: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi u l-forniment ta' prodotti mediċinali u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara (CPC 63211).

DE: Persuni fiżiċi biss huma permessi jipprovdu servizzi bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi speċifiċi għall-pubbliku. Residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar u/jew biex tiftaħ spiżerija bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' ċerti oġġetti mediċi għall-pubbliku. Persuni li ma jkunux għaddew mill-eżami tal-farmaċija Ġermaniż jistgħu jiksbu biss liċenzja biex jieħu f'idejhom spiżerija li diġà kienet teżisti fit-tliet snin ta' qabel. Din il-kundizzjoni ma tapplikax għal applikanti approvati li l-kwalifiki tagħhom ikunu diġà ġew rikonoxxuti għal skopijiet oħra. Barra minn hekk, l-applikanti jridu jkunu eżerċitaw l-attivitajiet ta' spiżjar għal tal-anqas tliet snin konsekuttivi fil-Ġermanja. Ċittadini ta' pajjiżi mhux fiż-ŻEE ma jistgħux jiksbu liċenza biex jistabbilixxu spiżerija.

[1] Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hija riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

EE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi għall-pubbliku jista' jitwettaq biss minn spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali kif ukoll il-konsenja bil-posta jew b'servizz espress ta' prodotti mediċinali ordnati bl-internet huwa pprojbit.

EL: Persuni fiżiċi biss, li huma spiżjara liċenzjati u kumpaniji stabbiliti minn spiżjara liċenzjati, huma permessi jipprovdu servizzi bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċinali speċifiċi għall-pubbliku. Ċittadinanza tal-UE hija meħtieġa għall-operat ta' spiżerija.

ES: Persuni fiżiċi biss huma permessi jipprovdu servizzi bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi speċifiċi għall-pubbliku. Spiżjar ma jistax jikseb aktar minn liċenzja waħda. L-awtorizzazzjoni tal-istabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: kundizzjonijiet tad-densità fiż-żona.

FI, SE: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali u tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u l-forniment ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku ġenerali (CPC 63211).

FR: Iċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera hija meħtieġa biex wieħed jopera spiżerija. Spiżjar barrani jista' jingħatalu permess ta' stabbiliment fi ħdan kwoti stabbiliti annwalment.

HU: Iċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera hija meħtieġa biex wieħed jopera spiżerija.

IT: Residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar u/jew biex tinfetaħ spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' ċerti oġġetti mediċi lill-pubbliku.

LT: il-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti mediċinali lill-pubbliku jista’ jitwettaq biss permezz ta’ spiżerija. Bejgħ onlajn ta’ prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika huwa pprojbit.

LV: Biex spiżjar barrani jew assistent spiżjar, edukat fi stat li mhuwiex Stat Membru tal-UE jew Stat taż-ŻEE, jibda prattika indipendenti fi spiżerija, dan irid jaħdem għal tal-inqas sena fi spiżerija taħt is-superviżjoni ta’ spiżjar.

SI: Is-servizz ta’ spiżerija fis-Slovenja fil-livell primarju huwa pprovdut mill-muniċipalitajiet. In-netwerk tas-servizz farmaċewtiku jikkonsisti minn istituzzjoni ta’ spiżerija pubblika, proprjetà tal-muniċipalitajiet u minn spiżjara privati b’konċessjoni (fejn is-sid maġġoritarju jrid ikun fil-professjoni ta’ spiżjar). Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' farmaċewtiċi li jirrikjedu riċetta huwa pprojbit.

SK: Kundizzjoni tar-residenza.

Servizzi ta’ Riċerka u Żvilupp

UE: tirriżerva d-dritt li żżomm jew tadotta miżuri għas-servizzi R&Ż kollha, li jirċievu finanzjament pubbliku jew sostenn mill-Istat f’kull forma, u għalhekk mhumiex meqjusa bħala li huma ffinanzjati privatament fejn id-drittijiet esklużivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE (CPC 851, CPC 852, CPC 853).

Servizzi ta' Proprjetà Immobbli

CY: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza.

DK: għall-provvista ta’ servizzi ta’ proprjetà immobbli minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tad-Danimarka, aġenti awtorizzati biss ta’ proprjetà immobbli li huma persuni fiżiċi li ġew ammessi fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli jistgħu jużaw it-titolu ta’ “aġent tal-proprjetà immobbli”, f’konformità mat-Taqsima 6(1) tal-Att dwar il-bejgħ tal-proprjetà immobbli li jistipula r-rekwiżiti tal-ammissjoni fir-reġistru, inkluż ir-residenza fl-UE, iż-ŻEE jew l-Iżvizzera. L-att dwar il-bejgħ ta’ proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jiġu pprovduti servizzi ta’ proprjetà immobbli lil konsumaturi, u ma japplikax għall-lokazzjoni ta’ proprjetà immobbli.

PT: Ir-residenza fi Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa għal persuni fiżiċi. L-inkorporazzjoni fi Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa għal persuni ġuridiċi.

Kera/ lokazzjoni mingħajr Operaturi

A. Dwar il-vapuri

AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LV LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Ma hemmx trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tat-twaqqif ta’ kumpanija rreġistrata sabiex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat ta' stabbiliment:

CY: il-livell massimu ta’ sjieda f’vapur mhux tal-UE huwa ta’ 49 %.
LT: Il-vapuri jridu jkunu proprjetà ta’ persuni fiżiċi Litwani jew kumpaniji stabbiliti fil-Litwanja
SE: Sabiex tittajjar il-bandiera Żvediża trid tingħata prova ta' influwenza dominanti Żvediża fl-operat fil-każ ta' interess Armen fis-sjieda tal-vapur.

B. Dwar l-inġenji tal-ajru

UE: L-inġenji tal-ajru użati mill-kumpaniji tal-ajru tal-UE jridu jkunu reġistrati fl-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur jew, jekk l-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja jippermetti dan, x'imkien ieħor fl-UE. Sabiex ikun irreġistrat, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu rikjesti li jkunu l-proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw ċerti kriterji speċifiċi ta' cittadinanza jew ta' intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi dwar sjieda ta' kapital u kontroll.

C. Dwar tagħmir ieħor ta' trasport

SE: Rekwiżit ta' residenza fiż-ŻEE (CPC 83101).

E. Oħra

BE, FR: jinżamm id-dritt li jkollhom jew li jadottaw kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' kiri u lokazzjoni li jikkonċernaw video tape (CPC 83202).

Servizzi oħra ta' negozju

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa, il-forestrija (CPC 881); b'rabta mas-sajd (CPC 882) u l-manifattura (CPC 884 u 885), ħlief għal servizzi ta' pariri u konsulenza.

BG, CY, CZ, DE, EE, ES, FI, HR, IE, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI, SE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-għoti ta' servizzi ta' tfittix eżekuttiv (CPC 87201).

AT, BE, BG, CY, CZ, EE, ES, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SI u SK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għas-servizzi ta’ sejbien ta’ impjieg (CPC 87202);

AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, FR, HR, IT, IE, LV, LT, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SK, SI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għas-servizzi ta’ forniment ta’ persunal ta’ sostenn tal-uffiċċju (CPC 87203);

UE, ħlief HU u SE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit għal servizzi ta' forniment ta' persunal tal-għajnuna domestika, ħaddiema kummerċjali jew industrijali oħra, infermiera u persunal ieħor. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' ċittadinanza.

L-UE ħlief BE, DK, EL, ES, FR, HU, IE, IT, LU, NL, SE, UK: Kundizzjonijiet ta’ ċittadinanza u rekwiżit ta’ residenza għal servizzi ta’ provvista ta’ persunal.

UE minbarra AT u SE: Għas-servizzi tal-investigazzjoni, ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' ċittadinanza.

AT: Rigward is-servizzi tal-impjiegi u l-aġenziji tal-lokazzjoni tal-ħaddiema u tal-provvista tal-ħaddiema (CPC 8720), tista’ tingħata awtorizzazzjoni biss lil persuni ġuridiċi li jkollhom il-kwartieri tagħhom fiż-ŻEE u l-membri tal-bord tal-maniġment jew l-isħab/azzjonarji li jimmaniġjaw u li jkunu intitolati li jirrappreżentaw lill-persuna ġuridika għandhom ikunu ċittadini taż-ŻEE u jkollhom domiċilju fiż-ŻEE.

BG, CY, CZ, DK, EE, FI, HR, LT, LV, MT, PL, RO, SL, SK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309).

BG, SK, HR, HU: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta’ forniment ta’ traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali (parti minn CPC 87905).

BE: Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà, iċ-ċittadinanza tal-UE u r-residenza fl-UE huma rikjesti għall-maniġers. Rigward servizzi ta’ rappurtar tal-kreditu, jinżamm id-dritt li tintalab il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal banek tad-dejta tal-kreditu tal-konsumaturi (parti minn CPC 87901). Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal servizzi ta' aġenzija tal-ġbir.

BG: Rekwiżit ta’ stabbiliment u kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal attivitajiet ta’ fotografija mill-ajru u għal ġeodesija, stħarriġ tal-kadastru u kartografija meta ikun qed isir studju tal-movimenti tal-qoxra tad-dinja. Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għal servizzi ta’ investigazzjoni. ittestjar tekniku u servizzi ta’ analiżi, servizzi fuq bażi ta' kuntratt ta' tiswija u tneħħija ta' tagħmir f'meded taż-żejt u l-gass. Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit għal traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali.

CY: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit fir-rigward ta’ ttestjar tekniku u servizzi ta’ analiżi jew servizzi ġeoloġiċi, ġeofiżiċi, ta’ stħarriġ u ta’ produzzjoni tal-mapep.

CZ: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta’ servizzi ta’ aġenzija tal-ġbir.

DE: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-interpreti liċenzjati.

DE: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza u rekwiżit ta' residenza għal servizzi ta’ sejbien ta’ impjieg.

DK: Rekwiżit ta’ residenza għal individwu li japplika għal awtorizzazzjoni biex iwettaq servizz tas-sigurtà u għall-maniġers u l-maġġoranza tal-membri tal-bord ta’ entità legali li tapplika għal awtorizzazzjoni biex twettaq servizzi ta’ sigurtà. Madankollu, ir-residenza mhijiex rikjesta jekk mhix meħtieġa skont ftehimiet internazzjonali jew b’ordnijiet maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja. Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta’ trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għall-provvista ta' servizzi ta' gwardji tal-ajruport.

EE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għas-servizzi tas-sigurtà. Iċ-ċittadinanza tal-UE hi meħtieġa għal tradutturi bil-liċenzja.

ES: Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza taż-ŻEE għal persuni fiżiċi u ġuridiċi u għal persunal tas-sigurtà privata hija meħtieġa.

FI: Ir-residenza taż-ŻEE hija meħtieġa għal tradutturi ċertifikati.

FR: Investituri barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika għal servizzi ta’ esplorazzjoni u prospettar għal servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika.

HR: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għal servizzi ta’ investigazzjoni u tas-sigurtà. Għal servizzi ta’ stampar u ta’ pubblikazzjoni, japplika r-rekwiżit tar-residenza għall-bordijiet tal-pubblikaturi u l-edituri.

HU: Il-forniment ta’ servizzi ta’ arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602), soġġett għal awtorizzazzjoni u rekwiżit ta’ residenza.

IT: Ir-rekwiżit ta’ ċittadinanza u residenza Taljana jew tal-UE sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta’ gwardjani tas-sigurtà. Sidien ta’ kumpanija tal-pubblikazzjoni jew tal-istampar u pubblikaturi jridu jkunu ċittadini ta’ Stat Membru tal-UE. Il-kumpaniji għandu jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Stat Membru tal-UE. Ma hemmx trattament nazzjonali u l-obbligu tal-MFN għal aġenzija ta' ġbir u servizzi ta’ rappurtar ta’ kreditu.

LV: Fir-rigward tas-servizzi tal-investigazzjonijiet, kumpaniji tal-investigazzjoni privata biss li l-kap tagħhom u kull persuna li jkollha uffiċċju fl-istituzzjonijiet amministrattivi tagħha jkunu ċittadini tal-UE jew taż-ŻEE huma intitolati jiksbu liċenzja. Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà, mill-inqas nofs il-kapital tal-ekwità għandu jkun fil-pussess ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-UE jew taż-ŻEE biex jiksbu liċenzja. Id-dritt li wieħed jistabbilixxi ruħu fis-settur tal-pubblikazzjoni jingħata biss lil persuni ġuridiċi inkorporati fin-nazzjon (mhux bil-fergħat).

LT: L-attività tas-servizzi tas-sigurtà tista’ titwettaq biss minn persuni biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż miż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta’ pajjiż membru tan-NATO. Id-dritt li wieħed jistabbilixxi ruħu fis-settur tal-pubblikazzjoni jingħata biss lil persuni ġuridiċi inkorporati fin-nazzjon (mhux bil-fergħat).

LT: iżżomm id-dritt li tillimita l-preżenza kummerċjali tal-persuni ġuridiċi inkorporati għas-servizzi tal-istampar u l-pubblikazzjoni (CPC 88442).

UE, ħlief NL: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għas-servizzi imbollar (parti minn CPC 893);

NL: Għall-provvista ta' servizzi ta' imbollar, hija meħtieġa preżenza kummerċjali fin-Netherlands. L-imbollar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż huwa attwalment mogħti esklużivament lil żewġ monopolji Netherlandiżi pubbliċi (parti minn CPC 893).

PL: Fir-rigward ta' servizzi ta' investigazzjoni, il-liċenzja professjonali tista' tingħata lil persuna li jkollha ċittadinanza Pollakka jew lil ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera. Fir-rigward ta' servizzi ta' sigurtà, tista' tingħata liċenzja professjonali lil persuna li jkollha ċittadinanza Pollakka jew lil ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera. Kundizzjoni ta' ċittadinanza tal-UE għal tradutturi bil-liċenzja. Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza Pollakka biex jiġu pprovduti servizzi fotografiċi mill-ajru għall-editur kap ta' gazzetti u ġurnali.

PT: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għas-servizzi tal-investigazzjoni. Kundizzjoni ta' ċittadinanza tal-UE għall-investituri biex jipprovdu servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rappurtar ta' kreditu. Rekwiżit ta' ċittadinanza għal persunal speċjalizzat għal servizzi ta' sigurtà.

RO: Rigward servizzi tat-tindif, kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-ispeċjalisti.

SE: Persuna fiżiċi li huma proprjetarji ta' rivisti li huma stampati u ppubblikati fl-Iżvezja jridu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-Iżvezja jew ikunu ċittadini taż-ŻEE. Sidien ta' dawn il-perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Perjodiċi li huma stampati u ppubblikati fl-Iżvezja, u reġistrazzjonijiet tekniċi jrid ikollhom editur responsabbli, li jrid jkun domiċiljat fl-Iżvezja.

SK: Fir-rigward tas-servizzi tal-investigazzjoni u s-servizzi tas-sigurtà, il-liċenzji jistgħu jingħataw biss jekk ma jkunx hemm riskju għas-sigurtà u jekk il-maniġers kollha jkunu ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera.

2. Servizzi tal-komunikazzjoni

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir, ħlief servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir bis-satellita. Xandir hija definita bħala l-katina ta' trażmissjoni mingħajr interruzzjonijiet meħtieġa għad-distribuzzjoni tas-sinjali tal-programmi tat-televiżjoni u r-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma tkoprix il-konnessjonijiet ta' kontribuzzjoni bejn l-operaturi.

BE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir bis-satellita.

3. Servizzi tal-bini u tal-inġinerija relatati

CY: japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi u hija meħtieġa awtorizzazzjoni għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-istabbiliment.

4. Servizzi ta' distribuzzjoni

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tal-pajjiż l-aktar iffavorit fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-armi, il-munizzjonijiet u l-isplussivi u materjal ieħor tal-gwerra, għad-distribuzzjoni ta’ prodotti kimiċi, u għal metalli (u ħaġar) prezzjuż.

UE: Kundizzjoni ta’ ċittadinanza u rekwiżit ta’ residenza japplikaw f’xi pajjiżi biex jkunu operati spiżeriji u u biex wieħed jopera bħala bejjiegħ tat-tabakk.

HR: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tad-distribuzzjoni tat-tabakk u tal-prodotti tat-tabakk.

FR: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-għoti tad-drittijiet esklużivi fl-oqsma tal-bejgħ bl-imnut tat-tabakk.

FI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-alkoħol (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929) u farmaċewtiċi (CPC 62251, 62117, 8929).

AT: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tad-distribuzzjoni ta’ farmaċewtiċi, ħlief għall-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi (CPC 63211); Fir-rigward tal-bejgħ bl-imnut ta’ tabakk (CPC 63108), jistgħu japplikaw biss persuni fiżiċi għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk (tingħata prijorità lil ċittadini taż-ŻEE).

BG: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tad-distribuzzjoni ta’ xorb alkoħoliku, prodotti kimiċi, tabakk u prodotti tat-tabakk, prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, armi, munizzjon u tagħmir militari, żejt u prodotti taż-żejt, gass, metalli prezzjużi, ħaġar prezzjużi.

DE: Persuni fiżiċi biss huma permessi jipprovdu servizzi bl-imnut ta’ farmaċewtiċi u ta’ oġġetti mediċi speċifiċi għall-pubbliku. Residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja ta’ spiżjar u/jew biex tinfetaħ spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta’ farmaċewtiċi u ta’ ċerti oġġetti mediċi lill-pubbliku. Ċittadini ta' pajjiżi oħra jew persuni li ma għaddewx mill-eżami Ġermaniż għal spiżerija jistgħu biss jiksbu liċenzja sabiex jieħdu kontroll ta' spiżerija li tkun diġà eżistiet matul it-tliet snin preċedenti. Din il-kundizzjoni ma tapplikax għal applikanti approvati li l-kwalifiki tagħhom ikunu diġà ġew rikonoxxuti għal skopijiet oħra. Barra minn hekk, l-applikanti jridu jkunu eżerċitaw l-attivitajiet ta’ spiżjar għal tal-anqas tliet snin konsekuttivi fil-Ġermanja. Ċittadini ta’ pajjiżi mhux fiż-ŻEE ma jistgħux jiksbu liċenza biex jistabbilixxu spiżerija.

ES: Monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. L-istabbiliment huwa suġġett għar-rekwiżit taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE.

IT: Dwar id-distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, parti minn CPC 6310), għal intermedjarju bejn il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut, il-proprjetarji tal-ħwienet (“magazzini”), hija meħtieġa ċittadinanza tal-UE.

SE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-bejgħ bl-imnut ta’ xorb alkoħoliku.

6. Servizzi ambjentali

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-għoti ta’ servizzi relatati mal-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma fid-djar, lil utenti industrijali, kummerċjali jew oħrajn, inkluż il-provvista ta’ ilma għax-xorb, u l-immaniġġjar tal-ilma.

SK: Għall-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, żjut użati, karozzi użati u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku, l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa (rekwiżit ta' residenza) (parti minn CPC 9402).

7. Servizzi finanzjarji[1]

UE: Kumpaniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fl-UE biss jistgħu jaġixxu bħala depożitorji ta' assi ta' fondi tal-investiment. Huwa meħtieġ l-istabbiliment ta' kumpanija speċjalizzata tal-immaniġġjar, li jkollha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-istess Stat Membru, biex jitwettqu attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' unit trusts u kumpaniji tal-investiment.

AT: Il-liċenzja għall-fergħat ta' assiguraturi barranin ma tinħariġx jekk l-assiguratur barrani ma jkollux il-forma legali li tikkorrispondi jew li tkun paragonabbli ma' kumpanija azzjonarja jew assoċjazzjoni mutwa tal-assigurazzjoni. Il-maniġment ta' uffiċċju ta' fergħa jrid ikun magħmul minn żewġ persuni residenti fl-Awstrija.

BG: L-assikurazzjoni tal-pensjonijiet għandha tiġi implimentata permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpaniji inkorporati tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet (mhux fergħat). Ir-residenza permanenti fil-Bulgarija hija rikjesta għall-president tal-bord maniġerjali u l-president tal-bord tad-diretturi. Qabel tiġi stabbilita fergħa jew aġenzija fil-Bulgarija biex tipprovdi ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. L-inkorporazzjoni lokali (mhux fergħa) meħtieġa għal intermedjarji assigurattivi. Ir-rekwiżit ta' residenza għall-membri ta' korp maniġerjali u superviżorju ta' intrapriżi ta' (ri)assigurazzjoni u kull persuna awtorizzata li timmaniġġa jew tirrappreżenta l-intrapriża ta' (ri)assigurazzjoni.

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq id-differenza fit-trattament bejn il-fergħat u s-sussidjarji. Il-fergħat barranin jistgħu jingħataw biss awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru bil-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni relevanti ta' dak l-Istat Membru u għalhekk jistgħu jiġu mitluba jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi.

CY: Membri (sensara) tal-Borża ta' Ċipru biss jistgħu jwettqu negozju relatat mas-senserija tat-titoli f'Ċipru. Impriża ta' senserija kummerċjali tista' tkun reġistrata bħala membru tal-Borża ta' Ċipru biss jekk tkun ġiet stabbilita u reġistrata skont il-Liġi tal-Kumpaniji ta' Ċipru (mhux fergħat)

DE: Il-poloz tal-assigurazzjoni obbligatorji jistgħu jiġu sottoskritti biss minn kumpanija sussidjarja stabbilita fl-UE jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja. Jekk kumpanija tal-assigurazzjoni barranija stabbiliet fergħa fil-Ġermanja, din tista' tikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni fil-Ġermanja dwar trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja.

DK: fir-rigward ta’ servizzi ta’ assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni, id-dritt huwa riservat li jirrikjedu li l-ebda persuna jew kumpanija (inklużi kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma jistgħu, għal għanijiet ta’ negozju fid-Danimarka, jassistu fil-ħruġ ta’ assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi, jew għal proprjetà fid-Danimarka, ħlief għal kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew minn awtoritajiet kompetenti.DK tirriżerva d-dritt li titlob li l-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru tista’ tkun sottoskritta biss minn kumpaniji stabbiliti fl-UE.

EE: dwar l-assigurazzjoni diretta: il-korp maniġerjali ta' kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni barranija fil-kapital jista' jkollu fih ċittadini barranin biss fil-proporzjon tal-parteċipazzjoni barranija, imma mhux aktar minn nofs il-membri tal-korp tad-diretturi. Il-kap al-maniġment ta' kumpanija sussidjarjaw jew indipendenti jrid ikun jgħix b'mod parmanenti fl-Estonja. Għal aċċettazzjoni ta' depożiti, jinżamm id-dritt li tintalab awtorizzazzjoni mill-Awtorità ta' Superviżjoni Finanzjarja Estonjana u reġistrazzjoni taħt il-liġi Estonjana bħala kumpannija b'ishma konġunti, kumpanija sussidjarja jew fergħa.

EL: Fir-rigward ta’ servizzi tal-assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni, id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew presenza permanenti oħra ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, ħlief fejn dawn l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji ċentrali.

ES: Qabel ma jistabbilixxu fergħa jew aġenzija biex jipprovdu ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom għal mill-inqas ħames snin. Ir-residenza jew tliet snin esperjenza hija meħtieġa għal professjoni attwarjali.

HR: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal servizzi ta’ saldu u kklirjar fejn l-Aġenzija Depożitarja Ċentrali (ADĊ) tkun l-uniku fornitur fil-Kroazja, aċċess għas-servizzi tal-ADĊ jingħata lill-persuni mhux residenti fuq bażi nondiskriminatorja.

HU: Il-forniment ta' assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-Ungerija minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbilita fl-UE huwa permess biss permezz tal-uffiċċju tal-fergħa rreġistrat fl-Ungerija. Dwar servizzi ta’ bank u finanzjarji oħra (ħlief assigurazzjoni), fergħat ta' istituzzjonijiet barranin mhux permessi jipprovdu servizzi ta' maniġment tal-assi għal fondi privati tal-pensjonijet jew maniġment ta' kapital tar-riskju. Il-bord ta’ istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi mill-anqas żewġ membri, ċittadini Ungeriżi, residenti fis-sens tar-regolamenti rilevanti tal-kambju barrani u li ilhom residenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena.

IE: Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment kostitwiti bħala fondi komuni ta' investiment u kumpaniji ta' kapital varjabbli (ħlief għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, UCITS), il-fiduċjarju/depożitarju u l-kumpanija tal-immaniġġjar jeħtieġ li jkunu inkorporati fl-Irlanda jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (mhux fergħat). Fil-każ ta’ sħubija tal-investiment b’responsabbiltà limitata, mill-inqas sieħeb ġenerali wieħed irid ikun inkorporat fl-Irlanda. Biex issir membru tal-Borża tal-Irlanda, l-entità trid jew (a) tkun awtorizzata fl-Irlanda, li jfisser li trid tkun inkorporata fl-Irlanda, jew tkun soċjetà bl-uffiċċju prinċipali reġistrat fl-Irlanda, jew (b) tkun awtorizzata fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ieħor skont id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar is-Servizzi tal-Investiment.

PT: B’rigward għall-operazzjonijiet bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni), il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni tista’ tingħata biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-Portugall għal dak l-iskop u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati li jwettqu n-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew minn entitajiet awtorizzati għall-ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet fi Stati Membri oħra tal-UE. Dwar l-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni, biex jistabbilixxu fergħa fil-Portugall, il-kumpaniji barranin tal-assigurazzjoni jeħtiġilhom esperjenza preċedenti fil-qasam ta’ mill-inqas ħames snin. Fergħat diretti mhux permessi għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni; dawn huma riżervati għal kumpaniji ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u dak marittimu, li tkopri oġġetti, ajruplani, bastimenti, jistgħu jiġu sottoskritti minn impriżi stabbiliti fl-UE biss;

FI: Għal kumpaniji tal-assigurazzjoni li jipprovdu assigurazzjoni statutorja ta' pensjoni: mill-inqas nofs il-promoturi u l-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-UE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. Kumpaniji oħrajn tal-assigurazzjoni għajr dawk li jipprovdu assigurazzjoni statutorja ta' pensjoni: ir-rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi u tal-bord ta' superviżjoni u d-direttur maniġerjali. L-aġent ġenerali tal-kumpanija Armena tal-assigurazzjoni jrid ikollu l-post tiegħu ta' residenza fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-UE. L-assiguraturi barranin ma tistax tinħarġilhom liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa biex jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni tal-pensjoni statutorja. Biss assikuraturi li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fl-UE jew fergħa fil-Finlandja jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluż koassikurazzjoni). Il-forniment ta' servizzi ta' sensar tal-assigurazzjoni huwa suġġett għal post tan-negozju permanenti fl-UE. Rekwiżiti ta’ residenza għall-bord tad-diretturi jistgħu japplikaw. Għas-servizzi bankarji: rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-fundaturi, membru wieħed tal-bord tad-diretturi u l-bord ta' superviżjoni, id-direttur maniġerjali u l-persuna intitolata biex tiffirma fl-isem ta' istituzzjoni ta' kreditu.

IT: Iżżomm id-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta’ attivitajiet ta’ “consulenti finanziari”. (konsulenti finanzjarji). Sabiex tkun awtorizzata timmaniġġja s-sistema tas-saldu tat-titoli bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat). Sabiex tkun awtorizzata timmaniġġja s-sistema ta' servizzi ta’ depożitorju ċentrali tat-titoli bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat). Fil-każ ta’ skemi kollettivi ta’ investiment għajr għall-UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, il-fiduċjarju/depożitarju jeħtieġ li jkun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, u jkun stabbilit permezz ta’ fergħa fl-Italja. Il-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-UCITS li mhumiex armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea wkoll huma meħtieġa jkunu inkorporati fl-Italja (mhux fergħat). Huma biss banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni, kumpaniji tal-investiment u kumpaniji li jimmaniġġjaw UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li jkollhom l-uffiċċju legali prinċipali tagħhom fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll UCITS inkorporati fl-Italja li jistgħu jwettqu attivitajiet ta' mmaniġġjar tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjonijiet. Fil-provvediment tal-attività tal-bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw il-bejjiegħa finanzjarji awtorizzati elenkati fir-reġistru Taljan. L-uffiċċji rappreżentattivi ta’ intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet bl-iskop li joffru servizzi ta’ investiment.

LT: Għall-fini tal-immaniġġjar tal-assi, huwa meħtieġ li tiġi inkorpporata kumpanija speċjalizzata fil-maniġment (mhux fergħat). Dawk l-impriżi li għandhom l-uffiċċju jew il-fergħa rreġistrati fil-Litwanja biss jistgħu jkunu depożitarji tal-fondi tal-pensjonijiet. Huma biss banek li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom jew fergħa fil-Litwanja u awtorizzati li jipprovdu servizzi ta’ investiment fl-Unjoni Ewropea jew fi Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet. Tal-inqas kap wieħed mill-amministrazzjoni ta' bank irid jitkellem il-lingwa Litwana u jirrisjedi b'mod permanenti fil-Litwanja.

PL: L-inkorporazzjoni lokali (mhux fergħa) meħtieġa għal intermedjarji assigurattivi. Jinżamm id-dritt li jintalab, għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u għall-ipprocessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat, ir-rekwiżit għall-użu tan-netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor. Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin jistgħu jibdew u jkomplu attività tal-assigurazzjoni fir-Repubblika tal-Polonja biss permezz ta’ fergħat ewlenin tagħhom.

RO: Dwar servizzi bankarji u finanzjarji oħra (ħlief assigurazzjoni), operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi Rumeni stabbiliti bħala kumpanniji b'ishma konġunti skont id-dispożizzjonijiet tad-Dritt tal-Kumpaniji. Is-sistemi alternattivi tan-negozju jistgħu jkunu maniġjati minn operatur tas-sistema stabbilit abbażi tal-kundizzjonijiet deskritti aktar 'il fuq jew minn ditta tal-investiment awtorizzata mis-CNVM.

SK: Ċittadini barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta’ kumpanija azzjonarja konġunta jew jistgħu jwettqu negozju tal-assigurazzjoni permezz tas-sussidjarji tagħhom b’uffiċċji rreġistrati fis-Slovakkja (mhux fergħat). Servizzi tal-investiment fis-Slovakkja jistgħu jiġu pprovduti minn banek, kumpaniji ta’ investiment, fondi ta’ investiment u negozjant tat-titoli li jkollhom forma ġuridika ta’ kumpanija azzjonarja konġunta b’kapital ta’ ekwità skont il-liġi (mhux fergħat).

SE: Il-provvista ta' assigurazzjoni diretta tista' ssir biss permezz ta' fornitur tas-servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, sakemm il-fornitur barrani tas-servizzi u l-kumpanija Żvediża tal-assigurazzjoni jagħmlu parti mill-istess grupp ta' kumpaniji jew għandhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom. Impriżi tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jiġu stabbiliti biss permezz ta’ fergħa. Fundatur ta’ bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-ŻEE.

SI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta’ servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati ta’ intermedjazzjoni, għajr l-assigurazzjoni tar-riskji relatati ma’ (i) traffiku marittimu u avjazzjoni kummerċjali u spara u ġarr ta’ merkanzija fl-ispazju (inkluż satelliti), b’tali assigurazzjoni tkopri kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin jew dawn kollha: l-oġġetti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u (ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali. Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta’ servizzi bankarji u finanzjarji oħrajn ħlief għal self ta’ kull tip, l-aċċettazzjoni ta’ garanziji u impenji minn istituzzjonijiet ta’ kreditu barranin minn entitajiet legali domestiċi u sidien uniċi, l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u softwer relatat minn fornituri ta’ servizzi finanzjarji oħrajn, servizzi ta’ konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra fuq dawn l-attivitajiet kollha, inklużi r-referenzi u l-analiżi ta’ kreditu, riċerka u pariri dwar l-investiment u l-portafoll, pariri dwar l-akkwist u dwar ristrutturazzjoni u strateġija tal-kumpaniji. Preżenza kummerċjali hija meħtieġa. Mingħajr restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'banek taħt privatizzazzjoni u għal fondi privati tal-pensjonijiet (fondi tal-pensjonijiet mhux obbligatorji).

8. Servizzi tas-Saħħa, Servizzi Soċjali u Servizzi tal-Edukazzjoni

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa, tas-servizzi soċjali u tas-servizzi tal-edukazzjoni li jirċievu finanzjament pubbliku jew sostenn mill-Istat fi kwalunkwe forma, u għalhekk mhumiex meqjusa li huma ffinanzjati privatament.

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa kollha li huma ffinanzjati privatament, apparti minn sptar finanzjat privatament, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali apparti minn servizzi ta’ sptar (kopert minn CPC 9311, 93192 u 93193).

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward ta’ attivitajiet jew servizzi li jagħmlu parti minn pjan ta’ irtirar pubbliku jew sistema statutorja ta’ sigurtà soċjali.

UE: Fir-rigward tas-servizzi tal-edukazzjoni ffinanzjati privatament, jistgħu japplikaw kundizzjonijiet taċ-ċittadinanza għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord.

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-provvista ta' servizzi oħra ta' edukazzjoni ffinanzjati privatament, li jfisser minbarra dawk ikklassifikati bħala servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja, ogħla u għall-adulti.

BG, CY, FI, MT, RO SE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta' forniment ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati privatament (CPC 921, 922)

AT, SI, PL: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-għoti ta' servizzi ta' ambulanza ffinanzjati privatament (CPC 93192).

BG: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta' servizzi ta' sptar, ta' servizzi ta' ambulanza u għal faċilitajiet residenzjali tas-saħħa oħra li mhumiex sptarijiet (CPC 9311, 93192, 93193).

DE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-forniment tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li b'hekk mhumiex "Servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva".

DE: Jinżamm id-dritt li tagħti trattament aħjar fil-kuntest ta' ftehim kummerċjali bilaterali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali (CPC 93).

CY, CZ, FI, HR, HU, MT, NL, PL, RO, SE, SI, SK: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi soċjali kollha ffinanzjati privatament (CPC 933).

BE, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, PT, UK: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward il-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati minn fondi privati minbarra servizzi relatati mal-Konvalexxenza u Djar ta' Mistrieħ u Djar tal-Anzjani.

CY, CZ, MT, SE, SK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit għall-għoti ta’ servizzi ta’ sptar, ta’ servizzi ta’ ambulanza u għal faċilitajiet residenzjali tas-saħħa oħra li mhumiex sptarijiet, iffinanzjati privatament (CPC 9311, 93192, 93193).

DE: Iżżomm id-dritt li żżomm s-sjieda nazzjonali ta' sptarijiet iffinanzjati privatament operati mill-Forzi Ġermaniżi. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tinnazzjonalizza sptarijiet prinċipali oħra ffinanzjati privatament.

FR: Dwar servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali, filwaqt li tipi oħra ta’ forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta’"*société d'exercice liberal*" u "*société civile professionnelle*". Awtorizzazzjoni hija meħtieġa biex wieħed jeżerċita funzjonijiet ta' maniġment. Il-proċess tal-awtorizzazzjoni tieħu kont tad-disponibbiltà ta' maniġers lokali.

FR: Dwar servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja u edukazzjoni ogħla (CPC 921, 922, 923): Kundizzjoni taċ-ċittadinanza sabiex wieħed jgħallem f’istituzzjoni edukattiva ffinanzjata privatament. Madankollu, ċittadini barranin jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jgħallmu. Ċittadini barranin jistgħu wkoll jiksbu awtorizzazzjoni biex jistabbilixxu u joperaw istituzzjonijiet edukattivi. Tali awtorizzazzjoni tingħata fuq bażi diskrezzjonali.

FI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa u soċjali ffinanzjati privatament.

BG: Skejjel sekondarji barranin ma jistgħux jiftħu diviżjonijiet tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija. Skejjel sekondarji barranin jistgħu jiftħu fakultajiet, dipartimenti, istituti u kulleġġi fil-Bulgarija biss fi ħdan l-istruttura tal-iskejjel sekondarji Bulgari u f’kooperazzjoni magħhom.

EL: Fir-rigward tas-servizzi tal-edukazzjoni għolja, ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit għall-istabbiliment ta' istituzzjonijiet edukattivi li jagħtu diplomi rikonoxxuti tal-Istat. Edukazzjoni fuq livell universitarju tista' tiġi pprovduta esklużivament minn istituzzjonijiet li jkunu persuni ġuridiċi awtonomi rregolati bil-liġi pubblika. Madankollu, il-liġi tippermetti l-istabbiliment minn residenti tal-UE (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) ta' istituzzjonijiet edukattivi terzjarji privati li jagħtu ċertifikati li mhumiex rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal lawriji universitarji. Il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE għas-sidien u għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord u għall-għalliema fl-iskejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament.

ES: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ università ffinanzjata privatament li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti; il-proċedura tinvolvi l-kisba tal-pariri tal-Parlament. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin huma d-daqs tal-popolazzjoni u d-densità ta' stabbilimenti eżistenti.

HR, SI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi ta' edukazzjoni primarja (CPC 921).

AT, BG, CY, FI, MT, RO, SE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tal-edukazzjoni ogħla li jkunu ffinanzjati privatament (CPC 923)

CZ: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit għall-forniment ta’ servizzi ta’ edukazzjoni għolja, ħlief għal servizzi ta’ edukazzjoni postsekondarja teknika u vokazzjonali (CPC 92310).

CY, FI, MT, RO, SE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta’ trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għall-forniment ta' servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti (CPC 924).

AT: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit għal skejjel għall-adulti permezz tax-xandir bir-radju jew it-televiżjoni (CPC 924).

SK: Jinżamm id-dritt li tintalab residenza fiż-ŻEE għall-forniturі ta’ servizzi edukattivi minbarra servizzi ta’ edukazzjoni postsekondarja teknika u vokazzjonali (CPC 92310). Jinżamm id-dritt li jintalab li l-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta’ stabbiliment li jipprovdi servizzi edukattivi jridu jkunu ċittadini Slovakki (CPC 921, 922, 923, 924).

SE: tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniturі ta’ servizzi edukattivi li huma approvati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu l-edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal forniturі ta' sevizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u privatament b’xi forma ta’ appoġġ mill-Istat, fost l-oħrajn forniturі ta’ servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, forniturі ta' servizzi edukattivi taħt superviżjoni mill-Istat jew edukazzjoni li tintitola għal appoġġ ta' studju.

BE, UK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-forniment ta’ servizzi ta’ ambulanza jew servizzi residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat minbarra s-servizzi tal-isptar.

9. Turiżmu u servizzi relatati mal-ivvjaġġar

BG, CY, EL, ES, FR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-gwidi turistiċi.

BG: Għas-servizzi turistiċi u tal-ivjaġġar relatati, l-għadd ta' maniġers barranin ma jistax jaqbeż l-għadd ta' maniġers li jkunu ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (tal-istat u/jew muniċipali) fil-kapital ta' ekwità ta' kumpanija Bulgara jkun ta' iktar minn 50%.

BG: Għal servizzi ta' lukandi, ristoranti u catering (minbarra catering fis-servizzi tat-trasport tal-ajru) hija meħtieġa l-inkorporazzjoni (mhux fergħat).

CY: Liċenzja għall-istabbiliment u l-operat ta' kumpanija tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar, kif ukoll it-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' kumpanija eżistenti, tingħata biss lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi mill-UE. Fornituri barranin ta' servizzi jridu jkunu rappreżentati minn uffiċċju tal-ivvjaġġar residenti.

IT: Gwidi turistiċi minn pajjiżi mhux tal-UE jeħtieġ li jiksbu liċenzja speċifika.

HR: Preżenza fiż-żoni restritti ta' interess storiku u artistiku partikolari u fi ħdan parks nazzjonali jew tal-pajsaġġ huwa soġġett għal approvazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja.

LT: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta' servizzi ta' gwidi turistiċi minn gwidi turistiċi minn pajjiżi barranin, li jistgħu jingħataw biss skont ftehimiet (jew kuntratti) bilaterali fuq bażi ta' reċiproċità.

10. Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi (minbarra servizzi awdjoviżivi)

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjoni l-aktar iffavorit għal servizzi ta’ rikreazzjoni, kultura u sport mhux impenjati fl-ANNESS VIII-B (lista ta’ impenji dwar servizzi transfruntiera) dwar il-forniment transfruntier ta’ servizzi.

Servizzi tad-Divertiment (inkluż servizzi ta' Teatru, Baned Lajv, Ċirkli u Diskoteki)

CY, CZ, FI, HR, MT, PL, RO, SI, SK: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward ta’ servizzi ta’ divertiment (inklużi servizzi ta’ Teatru, Baned Lajv, Ċirkli u Diskoteki).

BG: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit ħlief għal servizzi ta' divertiment ta' produtturi teatrali, gruppi tal-kant, baned u orkestri (CPC 96191), servizzi pprovduti minn awturi, kompożituri, skulturi, u artisti individwali oħra (CPC 96192), u servizzi teatrali anċillari (CPC 96193).

EE: Ma hemmx trattament nazzjonali u tan-nazzjon l-aktar iffavorit għal servizzi oħra ta’ divertiment (CPC 96199) ħlief għal servizzi tas-swali taċ-ċinema.

LV, LT: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit, ħlief għal servizzi tas-swali taċ-ċinema (parti minn CPC 96199).

Servizzi ta’ Aġenziji tal-Aħbarijiet u tal-Istampa

BG, CY, CZ, EE, HU, LT, MT, RO, PL, SI, SK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tal-aħbarijiet u tal-istampa (CPC 962).

FR: Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji eżistenti li jippubblikaw pubblikazzjonijiet bil-lingwa Franċiża ma tistax taqbeż 20 fil-mija tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija. Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-aġenziji tal-istampa.

Servizzi sportivi u rekreazzjonali oħrajn

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri.

AT, SI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi ta' skejjel tal-iski u s-servizzi ta’ gwida fuq il-muntanji.

BG, CY, CZ, EE, HR, LV, MT, PL, RO, SK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward is-servizzi sportivi (CPC 9641).

Libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra

UE (ħlief AT): Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta’ libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħrajn (CPC 963).

11. Servizzi ta’ Trasport

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tal-aktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tat-trasport fl-ispazju, kiri ta’ inġenji tal-ispazju (CPC 733, parti minn CPC 734) u servizzi anċillari tat-trasport fl-ispazju.

UE, ħlief fil-FI: Dwar il-forniment ta’ servizzi ta’ trasport kombinat, l-operaturi ta' trasport stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-okkupazzjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' prodotti bejn l-Istati Membri biss jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, iwettqu partijiet inizjali jew finali ta’ servizz tal-ġarr, li jifformaw parti integrali tal-operazzjoni tat-trasport ikkombinat u li jistgħu jew ma jistgħux jinkludu l-qsim ta' fruntiera. Limitazzjonijiet li jaffettwaw kull mod partikolari ta' transport huma applikabbli. Jistgħu jittieħdu miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għal vetturi tat-triq li jitwasslu bi trasport ikkombinat jiġu mnaqqsa jew rimborżati.

AT, BG, CY, CZ, EE, HR, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-forniment ta’ servizzi tat-trasport kombinat.

Servizzi awżiljarji għat-trasport

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta’ trattament tal-aktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-forniment ta’ servizzi ta’ pilotaġġ u rmiġġ (servizzi awżiljari tat-trasport marittimu u tal-passaġġi interni tal-ilma).

UE: tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru tal-UE biss jistgħu jipprovdu servizzi ta’ ġbid u rmunkar (servizzi awżiljarji marittimi u tal-passaġġi tal-ilma interni).

SI: iżżomm id-drittijiet li tirrikjedi li persuni ġuridiċi biss li jkunu stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu kklerjar doganali fir-rigward tat-trasport marittimu, trasport fuq l-ilmijiet interni, trasport bil-ferrovija u trasport bit-triq.

Trasport marittimu u servizzi awżiljari

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-istabbilment ta' kumpanija rreġistrata biex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment.

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tat-trasport nazzjonali tal-kabotaġġ jew taċ-ċittadinanza tal-ekwipaġġ.

BG: Iżżomm id-dritt li tipprovdi servizzi awżiljari għat-Trasport Marittimu li jeħtieġu l-użu ta' bastimenti jistgħu jiġu pprovduti biss minn bastimenti li joperaw taħt il-bandiera Bulgara. L-ebda fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni għal servizzi awżiljari għat-trasport marittimu).

CY: Kundizzjonijiet taċ-ċittadinanza għas-sidien ta' bastimenti Ċiprijotti:

(a) Persuni Fiżiċi: aktar minn 50 % tal-ishma tal-bastimenti jridu jkunu proprjetà ta' ċittadini tal-UE/ŻEE.

(b) Persuni ġuridiċi: 100 % tal-ishma jridu jkunu proprjetà ta' korporazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti fl-UE/taż-ŻEE jew ta' korporazzjonijiet stabbiliti barra l-UE/ŻEE iżda kkontrollati minn ċittadini tal-UE/ŻEE. Ikkontrollati tfisser aktar minn ħamsin fil-mija (50 %) tal-ishma tal-korporazzjonijiet, ikunu proprjetà ta' ċittadini tal-UE jew taż-ŻEE, jew il-maġġoranza tad-Diretturi tal-korporazzjonijiet ikunu ċittadini tal-UE jew taż-ŻEE. Fiż-żewġ każijiet tal-aħħar dawn iridu jkunu ħatru rappreżentant awtorizzat f'Ċipru jew il-maniġment tal-bastiment irid ikun ġie fdat bis-sħiħ lil kumpanija Ċiprijotta jew Komunitarja tal-immaniġġjar tal-bastimenti f'Ċipru.

DK: Persuni fiżiċi mhux residenti fl-UE ma jistgħux ikunu sidien ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Daniża. Kumpaniji mhux tal-UE/ŻEE u kumpaniji tat-tbaħħir b'sjieda konġunta ("partrederi") jistgħu jkunu sidien ta' bastimenti merkantili b'bandiera Daniża biss, jekk: il-bastimenti jkunu effettivament immaniġġjati, ikkontrollati u mħaddma permezz ta' stabbiliment primarju jew sekondarju tas-sid fid-Danimarka, jiġifieri sussidjarja, fergħa jew aġenzija mħaddma b'persunal b'mandat permanenti biex jaġixxi f'isem is-sid. Il-forniturі tal-pilotaġġ jistgħu jwettqu servizzi ta' pilotaġġ fid-Danimarka biss jekk ikunu domiċiljati f'pajjiż tal-UE/ŻEE u jkunu rreġistrati u approvati mill-Awtoritajiet Daniżi skont l-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ.

ES: Sabiex jirreġistra bastiment fir-Reġistru Speċjali, is-sid tal-kumpanija jrid ikun stabbilit fil-Gżejjer Kanarji.

HR: Għal servizzi awżiljarji tat-trasport marittimu persuna legali barranija hi meħtieġa tistabbilixxi kumpanija fil-Kroazja li għandha tingħata konċessjoni mill-awtorità tal-port, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti pubblika. L-għadd ta' forniturі tas-servizz jista' jkun limitat biex jirrifletti l-limiti tal-kapaċità tal-port.

HR: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward ta’: c) Servizzi tal-Ikklirjar, d) Stazzjoni tal-Kontejners u Servizzi ta' Ħażna, e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima u f) Servizzi tad-Dispaċċ tal-Merkanzija Marittima.

Għal a) Servizzi ta' Maniġġ ta' Merkanzija Marittima, b) Servizzi ta' ħżin u tal-imħażen j) Servizzi ta' appoġġ u servizzi anċillari oħra (inkluż il-forniment tal-ikel), h) Servizzi ta' mbuttar u rmunkar u i) Servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu: persuna ġuridika barranija hija meħtieġ li tistabbilixxi kumpanija fil-Kroazja li għandha tingħata konċessjoni mill-awtorità tal-port, wara proċedura pubblika tal-offerti. L-għadd ta' fornituri tas-servizz jista' jkun limitat biex jirrifletti l-limiti tal-kapaċità tal-port.

FI: Is-servizzi jistgħu jingħataw biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża.

Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni[1] u servizzi awżiljari

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tat-trasport nazzjonali tal-kabotaġġ jew taċ-ċittadinanza tal-ekwipaġġ. Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li gew wara r-rabta Rhine-Main-Danube) jirriżervaw xi drittijiet tat-traffiku għal operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati u li jilħqu l-kriterji nazzjonali dwar is-sjieda. Soġġett għar-regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta’ Mannheim dwar it-Tbaħħir fuq ir-Rhine.

[1] Inklużi s-servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni.

HR: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għat-trasport fuq mogħdijiet tal-ilma interni.

UE minbarra LV u MT: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tat-twaqqif ta’ kumpanija rreġistrata biex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat ta' stabbiliment:

AT: Fir-rigward tat-trasport bil-mogħdijiet interni tal-ilma u s-servizzi awżiljari għat-trasport bil-mogħdijiet interni tal-ilma (kiri ta’ bastimenti bl-ekwipaġġ, servizzi ta’ mbuttar u rmunkar, servizzi ta’ pilotaġġ u tal-irmiġġ, servizzi ta’ assistenza fin-navigazzjoni, servizzi tat-tħaddim ta’ portijiet u mogħdijiet tal-ilma), konċessjoni tingħata biss lill-persuni ġuridiċi taż-ŻEE, u iktar minn 50 % tal-ishma kapitali u tal-kapital operatorju, tad-drittijiet tal-vot u tal-maġġoranza fil-bordijiet tal-governanza huma rriżervati għal ċittadini taż-ŻEE.

HU: Il-parteċipazzjoni tal-Istat tista' tkun rikjesta fi stabbiliment

Servizzi tat-trasport bl-ajru u servizzi awżiljarji

Il-kundizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport bl-ajru jkun trattat bil-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Armenja dwar l-istabbiliment ta' spazju komuni tal-avjazzjoni.

UE: L-inġenji tal-ajru użati mill-kumpaniji tal-ajru tal-UE jridu jkunu reġistrati fl-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur jew, jekk l-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja jippermetti dan, x'imkien ieħor fl-UE. Sabiex ikun irreġistrat, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu meħtieġ li jkunu l-proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw ċerti kriterji speċifiċi ta' cittadinanza jew ta' intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi dwar sjieda ta' kapital u kontroll. Bħala eċċezzjoni, l-inġenji tal-ajru reġistrati fl-Armenja jistgħu jiġu mikrija minn operatur tal-ajru Armena lil operatur tal-ajru tal-UE taħt ċerti kundizzjonijiet - għall-ħtiġijiet eċċezzjonali tal-operatur tal-ajru tal-UE, il-ħtiġijiet ta' kapaċità skont l-istaġun tiegħu, jew il-ħtiġijiet biex jiġu megħluba diffikultajiet operazzjonali, li ma jistgħux raġonevolment jiġu sodisfatti permezz ta' kiri ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fl-UE, u suġġett għall-kisba tal-approvazzjoni għal perjodu ta' żmien limitat mill-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur tal-ajru tal-UE. Fir-rigward tal-kiri ta’ inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ, is-sidien tal-inġenju tal-ajru għandhom ikunu persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew ta’ persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji specifiċi marbuta mas-sjieda tal-kapital u l-kontroll. L-inġenju tal-ajru jrid ikun operat minn trasportatur tal-ajru li jkun il-proprjetà ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew minn persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi rigward il-pussess tal-kapital u l-kontroll.

UE: Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jiġi meħtieġ l-istabbiliment fit-territorju tal-UE. Il-livell ta' aċċess miftuħ għas-servizzi ta' groundhandling jiddependi fuq id-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' ikun limitat. Għal "ajruporti kbar", dan il-limitu ma jistax ikun inqas minn żewġ fornituri. Għal aktar ċertezza, dan ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-UE skont il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Armenja u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

UE: Fir-rigward tas-servizzi tar-riżervazzjoni bil-kompjuter, fejn l-operaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx trattament[1] ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea mill-fornituri tas-servizzi CRS barra l-UE, jew fejn il-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea minn operaturi tal-ajru barra mill-UE, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, lill-operaturi tal-ajru barra mill-UE mill-fornituri tas-servizzi CRS fl-Unjoni Ewropea, jew lill-fornituri tas-servizzi CRS barra mill-UE mill-operaturi tal-ajru fl-Unjoni Ewropea.

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tad-distribuzzjoni tas-servizzi tal-operat tal-ajruporti.

BG: L-ebda fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni) għal servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru. Għal aġenzija tat-trasport tal-merkanzija persuni barranin jistgħu jipprovdu servizzi biss bil-parteċipazzjoni f'kumpaniji Bulgari li jkollhom limitazzjoni ta' 49 fil-mija fuq il-parteċipazzjoni azzjonarja u permezz ta' fergħat.

HR: Iżżomm id-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi tal-groundhandling (inkluż il-catering).

CY, CZ, HU, MT, PL, RO, SK: Iżżommu d-dritt li jadottaw jew li jżommu kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748).

[1] Trattament ekwivalenti jimplika trattament mhux diskriminatorju tal-operaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea.

Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljari

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija ta’ passiġġieri u merkanzija (CPC 7111 u 7112).

BG: Rigward servizzi awżiljari għat-trasport bil-ferrovija, l-ebda fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Il-parteċipazzjoni f'kumpanija Bulgara hija limitata għal 49 %.

CZ: Rigward servizzi awżiljari għat-trasport bil-ferrovija, l-ebda fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).

HR: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew ta’ trattament tal-aktar nazzjon iffavorit għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, għal servizzi ta’ aġenzija għat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748), u għal servizzi ta’ mbuttar u rmunkar (CPC 7113).

Trasport bit-triq u servizzi awżiljari

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-kabotaġġ bit-triq, inkluż għal trasport fi ħdan Stat Membru minn operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor (CPC 7121 u CPC 7122), għajr għal kiri ta’ servizzi mhux skedati ta’ karozzi tal-linja mal-operatur, u servizzi tat-trasport ta’ merkanzija bit-triq (CPC 7123), eskluż il-ġarr ta’ oġġetti postali u bil-kurrier akkont proprju. Rekwiżit ta' residenza għall-maniġer tat-trasport.

AT: Għat-trasportazzjoni ta' passiġġieri u ta' merkanzija u għall-kiri ta’ vetturi kummerċjali tat-triq, id-drittijiet esklużivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

BG: Għat-trasportazzjoni ta' passiġġieri u ta' merkanzija, id-drittijiet esklużivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Hi meħtieġa l-inkorporazzjoni. Il-kondizzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE għal persuni fiżiċi. L-ebda fergħa diretta (inkorporazzjoni hi meħtieġa għal CPC 7121 u CPC 7122, u CPC 7123, eskluż il-ġarr ta’ oġġetti postali u bil-kurrier akkont proprju). Rigward servizzi awżiljari għat-trasport bit-triq, l-ebda fergħa diretta (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Parteċipazzjoni f'kumpanija Bulgara hija limitata għal 49 fil-mija.

CZ: L-ebda fergħa diretta (inkorporazzjoni hi meħtieġa għal CPC 7121 u CPC 7122, u CPC 7123, eskluż il-ġarr ta’ oġġetti postali u bil-kurrier akkont proprju).

EL: Għall-eżerċizzju tal-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq hija meħtieġa liċenzja Ellenika. Il-liċenzji huma mogħtija fuq termini mhux diskriminatorji. Operazzjonijiet ta’ trasport tal-merkanzija bit-triq stabbiliti fil-Greċja jistgħu jużaw biss vetturi li huma rreġistrati fil-Greċja.

ES: Għat-trasport ta’ passiġġieri u għal servizzi ta’ karozzi tal-linja bejn l-ibliet japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

FI: Awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' trasport bit-triq, li mhijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż

FR: L-investituri barranin mhumiex permessi jipprovdu servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra.

LV: Għal servizzi ta' trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija, jeħtieġ awtorizzazzjoni, li ma tingħatax lil vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż. L-entitajiet stabbiliti huma rikjesti jużaw vetturi nazzjonali rreġistrati.

RO: Il-liċenzja hija meħtieġa sabiex jiġu pprovduti ġarr ta’ merkanzija bit-triq u għat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. L-operaturi li għandhom liċenzja jistgħu jużaw biss vetturi li huma reġistrati fir-Rumanija, bi sjieda skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Governattiva u użati skontha.

SE: Għall-eżerċizzju tal-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq jeħtieġ liċenzja Żvediża. Il-kriterji biex tirċievi liċenzja għal taksi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala maniġer tat-trasport (rekwiżit ta’ residenza *de facto* – ara r-riżerva Żvediża fuq it-tipi ta’ stabbiliment). Rekwiżit għal entitajiet stabbiliti biex jużaw vetturi b'reġistrazzjoni nazzjonali.

Il-kriterji biex tingħata liċenzja għal operaturi oħrajn tat-trasport bit-triq jeżiġu li l-kumpanija tkun stabbilita fl-UE, ikollha stabbiliment li jinsab fl-Iżvezja u tkun ħatret persuna fiżika li taġixxi bħala maniġer tat-trasport, li trid tkun residenti tal-UE.

Il-liċenzji jingħataw abbażi ta' termini mhux diskriminatorji, ħlief li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu bħala regola ġenerali jużaw biss vetturi li huma rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tat-traffiku fit-triq. Jekk vettura tkun irreġistrata barra mill-pajjiż, u tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-residenza prinċipali barra mill-pajjiż u tinġieb l-Iżvezja għal użu temporanju, il-vettura tista' tkun temporanjament użata fl-Iżvezja. L-użu temporanju huwa normalment iddefinit mill-Aġenzija tat-Trasport tal-Iżvezja li jfisser mhux aktar minn sena.

It-trasport bil-pajpijiet ta’ oġġetti minbarra l-fjuwil u servizzi awżiljarji

AT: għal CPC 7139 jinżamm id-dritt li jingħataw drittijiet esklussivi lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE.

14. Servizzi tal-enerġija

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tal-persuni ġuridiċi mill-Armenja kkontrollati[1] minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta’ pajjiż li jirrappreżenta iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew il-gass naturali tal-UE[2], sakemm l-UE ma tipprovdix aċċess komprensiv għal dan is-settur lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta’ dan il-pajjiż, fil-kuntest ta’ ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika konkluż ma' dak il-pajjiż.

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tal-pajjiż l-aktar iffavorit għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta’ fjuwil nukleari u ta’ materjal nukleari u għall-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-enerġija abbażi nukleari.

UE: Iċ-ċertifikazzjoni ta’ operatur ta’ sistema tat-trażmissjoni li huwa kkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi tista’ tiġi rrifjutata jekk l-operatur ma jkunx wera li l-għoti taċ-ċertifikazzjoni ma jpoġġix fir-riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fi Stat Membru u/jew l-UE, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali.

---

[1] Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment jidderieġu l-azzjonijiet tagħha. B’mod partikolari, is-sjieda ta’ iktar minn 50 % tal-interess ta’ ekwità f’persuna ġuridika għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kontroll.

[2] Ibbażata fuq ċifri ppubblikati mid-Direttorat Ġenerali inkarigat mill-Enerġija fl-aħħar ktejjeb tal-istatistika tal-enerġija tal-UE: l-importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat espressi f'piż, importazzjonijiet tal-gass fil-valur kalorifiku.

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u tal-pajjiż l-aktar iffavorit fir-rigward tas-servizzi bl-ingrossa u tal-bejgħ bl-imnut ta’ fjuwil tal-magni, elettriku, gass (mhux fil-fliexken), fwar u misħun.

AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-fjuwil bil-pajpijiet, minbarra servizzi ta’ konsulenza.

BE, LV: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tat-trasport tal-gass naturali bil-pajpijiet, minbarra servizzi ta’ konsulenza.

UE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, minbarra servizzi ta’ konsulenza.

SI: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, minbarra servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass.

PL: Għal servizzi ta’ ħżin u mħażen għall-fjuwil ttrasportat permezz tal-pajpijiet (parti minn CPC 742), huwa riservat id-dritt li jkun meħtieġ li l-investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu pprojbiti milli jiksbu l-kontroll tal-attività. Jinżamm id-dritt li tkun meħtieġa l-inkorporazzjoni (mhux fergħat).

CY: Jinżamm id-dritt li jiġi rrifjutat l-għoti ta’ liċenzji lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew lil entitajiet ikkontrollati minn ċittadini ta’ pajjiżi terzi, fir-rigward ta’ attivitajiet ta’ prospettar, esplorazzjoni u esplojtazzjoni tal-idrokarburi. Entitajiet li ġew liċenzjati b’rabta ma’ attivitajiet ta’ prospettar, esplorazzjoni u esplojtazzjoni ta’ idrokarburi, ma jistgħux jaqgħu taħt il-kontroll dirett jew indirett ta’ pajjiż terz jew ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr approvazzjoni minn qabel.

15. Servizzi oħra mhux inklużi x'imkien ieħor

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-forniment ta’ servizzi ġodda minbarra dawk ikklassifikati fil-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti Provviżorja tan-Nazzjonijiet Uniti (CPC), 1991.

UE: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u ta’ trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-għoti ta’ servizzi ta’ sħubija f’organizzazzjonijiet (CPC 95), servizzi ta’ funerali, kremazzjoni u dfin (CPC 9703).

LT: Ma hemmx obbligu ta’ trattament nazzjonali u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-għoti ta’ indirizzi tal-internet li jispiċċaw b’“gov.lt” u ċertifikazzjoni ta’ cash registers elettroniċi.

CY: L-għoti ta’ servizzi ta’ parrukkier huwa suġġetta għal kundizzjoni taċ-ċittadinanza, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza.

PT: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi relatati mal-bejgħ ta' tagħmir jew mal-għoti ta' privattiva.

SE: Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon iffavorit fir-rigward tas-servizzi ta' funereali, kremazzjoni u dfin.

ANNESS VIII-B

LISTA TA’ IMPENJI DWAR SERVIZZI TRANSFRUNTIERA
TAL-UNJONI EWROPEA

1. Il-lista ta' impenji hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 151 ta’ dan il-Ftehim, u, permezz ta' riżervi, l-aċċess għas-suq u l-limiti ta' trattament nazzjonali li japplikaw għal servizzi u forniturі ta' servizzi tar-Repubblika tal-Armenja f'dawk is-setturi. Il-listi huma magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li fih l-impenn ikun meħud mill-Parti, u l-kamp ta’ applikazzjoni ta' liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi;

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi r-riżervi applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija fil-punt (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għal Stat Membru, l-Istati Membri li mhumiex imsemmijin hemmekk jieħdu impenji fis-settur konċernat mingħajr riżervi.

   In-nuqqas ta’ riżervi speċifiċi għal Stat Membru f’settur partikolari huwa bla ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali li japplikaw għall-UE kollha li jistgħu japplikaw.

   Is-setturi jew is-subsetturi li ma jissemmewx fil-lista ta' hawn taħt mhumiex impenjati.

2. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri għal-liċenzjar meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni għat-trattament nazzjonali fit-tifsira tal-Artikoli 149 u 150 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereż. il-ħtieġa għal liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li tgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inkluż tal-lingwa, rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jsirux f'żoni ambjentali protetti jew żoni ta' interess storiku jew artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-investituri tal-Parti l-oħra.

3. Il-lista hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-fattibilità tal-Modalità 1 f'ċerti setturi u subsetturi tas-servizzi u mingħajr ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritt fil-lista tal-impenji dwar l-istabbiliment.

4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 141 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.

5. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma jkollhomx effett ta' eżekuzzjoni awtomatika u għalhekk ma jikkonferixxux direttament dritt lil persuni fiżiċi jew lil persuni ġuridiċi individwali.

6. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li tikkonċedi trattament nazzjonali ma jimplikax ir-rekwiżit li jiġi estiż għal ċittadini jew persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra t-trattament mogħti fi Stat Membru lil ċittadini u persuni ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew għal kwalunkwe miżura adottata skont dan it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Dan it-trattament nazzjonali jingħata biss lil persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dak l-Istat Membru, inkluż dawk il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn ċittadini tal-Parti l-oħra.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
1. SERVIZZI TA' NEGOZJI	
Is-setturi kollha	
A. Servizzi Professjonali	
(a) Servizzi Legali (CPC 861)[1] (minbarra servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħan-nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics u ministériels* oħrajn)	Għal Modalitajiet 1 u 2 AT, BE, BG, CY, DE, EE, EL, ES, FR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, PT, PL, SK, UK: Is-sħubija sħiħa fl-Avukatura, liema sħubija hija meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru) u għal rappreżentazzjoni quddiem il-qrati, hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. CY: Kundizzjoni ta' ċittadinanza u residenza biex jiġu fornuti servizzi legali. Ammissjoni sħiħa fl-Avukatura hija suġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. Avukati li huma membri tal-Avukatura biss jistgħu jkunu sħab jew azzjonisti jew membri ta' Bord tad-Diretturi f'kumpanija tal-avukati f'Ċipru. CY, HU: Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali huwa limitat għall-għoti ta' pariri legali.

[1] Jinkludu servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali. L-għoti ta' servizzi ġuridiċi huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew il-persunal tiegħu jkunu kwalifikati bħala avukati, u bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għar-rekwiżiti ta' liċenzja u għall-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn jista' jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità mal-kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-oriġini (sakemm ma jkunx inkiseb rikonoxximent mat-titolu tal-pajjiż ospitu), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Avukatura tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju ġuridiku jew professjonali fil-pajjiż ospitu. Fil-prinċipju, is-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-Avukatura tal-UE huwa u jaġixxi personalment, u s-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jitwettqu minn jew permezz ta' avukat kompletament ikkwalifikat ammess fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru, huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u quddiem awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE, billi dan jinvolvi l-prattika tal-liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-avukati barranin li ma jkunux kompletament ammessi fl-avukatura huma permessi jirrappreżentaw, fi proċedimenti ċivili, parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, li hija meħtieġa biex jingħataw servizzi ta' rappreżentazzjoni legali, hi soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza (inkluż biex jintuża t-titlu Finlandiż ta' "asianajaja") BE: Japplikaw kwoti biex wieħed jidher quddiem il-"*Cour de cassation*" f'każijiet mhux kriminali. BG: Avukati barranin jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentazzjoni legali ta' ċittadin tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom u dan huwa soġġett għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa residenza permanenti. ES: L-avukati tal-proprjetà industrijali huma suġġetti għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE. FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "*avocat auprès de la Cour de Cassation*" u "*avocat auprès du Conseil d'Etat*" huwa soġġett għal kwoti u għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. LV: Rekwiżit ta' ċittadinanza għal solicitors liċenzjati, li għalihom hija riżervata r-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali. DK: L-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati hija meħtieġa għall-prattika tal-liġi, inkluż biex wieħed jidher quddiem il-qrati. Sabiex jiġi ammess fl-Avukatura, dak li jkun irid jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Aġenzija Daniża tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Skont l-Att Daniż dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, it-titlu "*Advokat*" huwa titlu protett. Persuni oħra li mhumiex avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw li jistgħu jwettqu servizzi legali skont l-Att Daniż dwar is-Servizzi Legali, iżda mhumiex permessi jużaw it-titlu "*Advokat*". EE: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-aġenti tal-privattivi u għat-tradutturi liċenzjati (parti minn CPC 861). NL, FI, HU: rekwiżit ta' residenza għall-aġenti tal-privattivi (parti minn CPC 861). LT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-avukati tal-privattivi. PT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-aċċess għall-professjoni ta' "*solicitadores*" u għall-aġenti tal-proprjetà industrijali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) 1. Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	Għall-Modalità 1 FR, HU, IT, MT, RO, SI: Bla restrizzjonijiet. AT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti. CY: L-aċċess huwa soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur Għall-Modalità 2 L-Istati Membri kollha. Ma hemmx.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) 2. Servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra s-servizzi tal-kontabbiltà)	Għall-Modalità 1 BE, BG, CY, DE, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, UK: Bla restrizzjonijiet. AT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq tal-awditjar previst f'liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (pereż. il-liġi dwar il-kumpaniji b'ishma konġunti, il-liġi dwar il-borża, il-liġi bankarja, eċċ.). SE: Biss l-awdituri approvati u awtorizzati fl-Iżvezja u intrapriżi tal-awditjar irreġistrati fl-Iżvezja jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju f'xi entitajiet ġuridiċi, inkluż fil-kumpaniji b'responsabbiltà limitata kollha, kif ukoll persuni fiżiċi. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi tal-kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwalifikat (għal skopijiet uffiċjali). Ir-residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera hija meħtieġa għall-approvazzjoni. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumiex kontabilisti awtorizzati jew approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. HR: Ditti tal-awditjar barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' awditjar fit-territorju Kroat fejn ikunu stabbilixxew fergħa, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji LT: Ir-rapport tal-awditur irid ikun ippreparat flimkien ma' awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja. DK: residenza hija meħtieġa. Għall-Modalità 2 Ma hemmx.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Tassazzjoni (CPC 863)[1]	Għall-Modalità 1 AT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti. CY: L-aċċess huwa soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur CZ: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. BG, MT, RO, SI: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Ma hemmx
(d) Servizzi arkitetturali u (e) Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali (CPC 8671 u CPC 8674)	Għall-Modalità 1 AT: Bla restrizzjonijiet għajr għal servizzi puri tal-ippjanar. BE, BG, CY, EL, IT, MT, PL, PT, SI: Bla restrizzjonijiet. DE: L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali fuq it-tariffi u l-emolumenti għas-servizzi kolllha li jitwettqu barra l-pajjiż. FR: Provvediment permezz ta' SEL (*anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions*) jew SCP biss. HU, RO: Bla restrizzjonijiet għal servizzi arkitettoniċi tal-pajżaġġ HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi wara li jiksbu l-approvazzjoni mill-Kamra tal-Arkitetti Kroata. Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jiġi rikonoxxut (validat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata. Mingħajr restrizzjonijiet għall-ippjanar urban. SK: residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal reġistrazzjoni f'kamra professjonali, li hija meħtieġa għat-twettiq ta' servizzi arkitettoniċi. Għall-Modalità 2 Ma hemmx.

[1] Mhumiex inklużi s-servizzi tal-konsulenza legali u tar-rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinsabu taħt 1.A.a). Servizzi legali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(f) Servizzi ta' inġinerija; u (g) Servizzi tal-inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	Għall-Modalità 1 AT, SI: Bla restrizzjonijiet għajr għal servizzi puri tal-ippjanar. BG, CZ, CY, EL, IT, MT, PT: Bla restrizzjonijiet HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi malli jiġu approvati mill-Kamra tal-Inġiniera Kroata. Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jiġi rikonoxxut (validat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata. SK: residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal reġistrazzjoni f'kamra professjonali, li hija meħtieġa għat-twettiq ta' servizzi ta' Inġinerija. Għall-Modalità 2 Ma hemmx.
(h) Servizzi mediċi (inklużi Psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	Għall-Modalità 1 AT, BE, BG, CY, DE, DK, EE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. LT: Il-forniment tas-servizz huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni li hija bbażata fuq pjan ta' servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, fid-dawl tal-popolazzjoni u tas-servizzi dentali u mediċi diġà eżistenti. SI: Bla restrizzjonijiet għas-servizzi ta' mediċina soċjali, sanità, epidemjoloġija, mediċi/ekoloġiċi, il-forniment tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm u t-trapjanti u l-awtopsja. HR: Bla restrizzjonijiet, ħlief għat-telemediċina. CZ: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Awtorizzazzjoni mill-Ministeru tas-Saħħa hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Għall-Modalità 2 Ma hemmx.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(i) Servizzi Veterinarji (CPC 932)	Għall-Modalità 1 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LV, MT, NL, PT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. UK: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' laboratorji veterinarji u servizzi tekniċi pprovduti lil kirurgi veterinarji, pariri ġenerali, gwida u informazzjoni, pereż.: pariri dwar in-nutrizzjoni, dwar l-imġiba u l-kura tal-annimali tal-kumpanija). Għall-Modalità 2 Ma hemmx.
(j) 1. Servizzi tal-qwiebel (parti minn CPC 93191) (j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi (parti minn CPC 93191) FI: servizzi ffinanzjati mill-privat biss	Għall-Mod 1 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. FI, PL: Bla restrizzjonijiet għajr għal infirmiera. HR: Bla restrizzjonijiet, ħlief għat-telemediċina. SE: Ebda. Għall-Mod 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmacewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara[1]	Għall-Mod 1 LT: il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali għall-pubbliku jista' jsir biss minn spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika huwa pprojbit. LV: Bla restrizzjonijiet għajr għal bejgħ bil-korrispondenza. HU: Bla restrizzjonijiet għajr għal CPC 63211. Għall-Mod 1 u Mod 2 UE ħlief EE: Bla restrizzjonijiet għal ħlief għal bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211). CZ, SE, UK: Bla restrizzjonijiet għal servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara. CY: Bla restrizzjonijiet għal bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara. AT, ES, IE: il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi mhix permessa. SI: il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodott mediċinali li jirrikjedu riċetta huwa pprojbit. IT, SK: Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi (CPC 63211): Ir-residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja bħala spiżjar u/jew biex tiftaħ spiżerija bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' ċerti oġġetti mediċi għall-pubbliku.

[1] Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(h)	Servizzi ta' ġbid u rmunkar (CPC 7214)	FI: Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu jistgħu jingħataw servizzi biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża.
(i)	Servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu (parti minn CPC 745)	
(j)	Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għal Mod 2 Ebda.

[1] Ma tinkludix il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinsabu fis-SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 1.F.l) 1 . sa 1.F.l) 4.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fuq il-mogħdijiet interni tal-ilma (a) Servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija (parti minn CPC 741) (b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' aġenżija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748) (d) Kiri ta' bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7223) (e) Servizzi ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7224) (f) Servizzi ta' sostenn għat-trasport bl-ilmijiet interni (parti minn CPC 745) (g) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għal Modi 1 u 2 UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li gew wara r-rabta Rhine-Main-Danube) li jirriżervaw xi drittijiet tat-traffiku għal operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati u li jilħqu l-kriterji nazzjonali dwar is-sjieda. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar it-Tbaħħir fuq ir-Rhine. UE: Bla restrizzjoni għal servizzi ta' permessi tad-dwana, servizzi ta' mbuttar u rmunkar u servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ. HR: Bla restrizzjonijiet għal servizzi tal-aġenziji għal trasport ta' merkanzija. Għal Mod 1 AT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ, servizzi ta' mbuttar u rmunkar, servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ, servizzi ta' għajnuna għan-navigazzjoni u servizzi ta' operat fil-port u l-mogħdijiet tal-ilma interni. BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HU, LV, LT, MT, RO, SK, SI, SE: Bla restrizzjoni għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ. BG: L-ebda fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni għal servizzi awżiljari għat-trasport fuq il-mogħdijiet tal-ilma). Il-parteċipazzjoni f'kumpanija Bulgara hija limitata għal 49 %.
C. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija (a) Servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija (parti minn CPC 741) (b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' aġenżija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748) (d) Servizzi ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7113) (e) Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju (CPC 743) (f) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għal Modi 1 u 2 UE: Bla restrizzjonijiet għal servizzi tad-dwana u servizzi ta' mbuttar u rmunkar. HR: Bla restrizzjonijiet għal servizzi tal-aġenziji għal trasport ta' merkanzija. Għal Mod 1 BG, CZ: L-ebda fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni għal servizzi awżiljari għat-trasport bil-ferrovija). Il-parteċipazzjoni f'kumpanija Bulgara hija limitata għal 49 %. Għal Mod 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (a) Servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija (parti minn CPC 741) (b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' aġenżija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748) (d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq b'operatur (CPC 7124) (e) Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 744) (f) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għal Mod 1 AT, BG, CY, CZ, DK, EE, HU, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI, SE: Bla restrizzjoni għall-Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi. HR: Mingħajr restrizzjoni ħlief għal servizzi ta' aġenzija għat-trasport marittimu u servizzi ta' sostenn għal trasport fit-triq li huma soġġetti għal permess. SE: Rekwiżit għal entitajiet stabbiliti sabiex jużaw vetturi b'reġistrazzjoni nazzjonali. Għal Mod 2 Ebda.
D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru (a) Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art (inkluż il-catering)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. BG: L-ebda fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni għal servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru). Għal Mod 2 BG, CY, CZ, HR, HU, MT, PL, RO, SK, SI: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742)	Għal Modi 1 u 2 Ebda. Għal Mod 1 BG: L-ebda fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni għal servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru).
(c) Servizzi tal-tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748)	Għal Modi 1 u 2 Ebda. Għal Mod 1 BG: Il-provvista ta' servizzi minn persuni barranin hija permess biss bil-parteċipazzjoni f'kumpaniji Bulgari li jkollhom limitazzjoni ta' 49 fil-mija fuq il-parteċipazzjoni azzjonarja u permezz ta' fergħat.
(d) Kiri ta' bċejjeċ tal-ajru bl-ekwipaġġ (CPC 734)	Għal Modi 1 u 2 UE: Inġenji tal-ajru użati mill-operaturi tat-titjiriet tal-Unjoni jridu jkunu rreġistrati fl-Istat Membru li jagħti l-liċenzja lill-operatur tat-titjiriet jew banda oħra fl-Unjoni. Biex ikun reġistrat, jista' jkun stipulat li inġenju tal-ajru jkun s-sjieda ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi marbuta mal-pussess ta' kapital u kontroll. Bħala eċċezzjoni, inġenju tal-ajru rreġistrat barra l-UE jista' jinkera minn trasportatur bl-ajru barrani lil trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea f'ċirkostanzi speċifiċi għall-ħtiġijiet straordinarji tat-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea, għall-ħtiġi jiet tal-kapaċità staġonali, jew sabiex jiġu megħluba diffikultajiet operazzjonali, li ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati b'mod raġonevoli permezz ta' lokazzjoni ta' inġenju tal-ajru rreġistrat fl-Unjoni Ewropa, u suġġett għall-ksib tal-approvazzjoni għal perjodu limitat mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li jagħti l-liċenzja lit-trasportatur bl-ajru tal-Unjoni Ewropea

Settur jew subsettur		Deskrizzjoni tar-riżervi
(e) (f)	Il-Bejgħ u l-Kummerċjalizzazzjoni Sistema ta' Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter	Għal Modi 1 u 2 UE: Fejn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx trattament ekwivalenti[1] għal dak mogħti fl-Unjoni Ewropea mill-fornituri tas-servizzi CRS barra l-UE, jew fejn il-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx trattament ekwivalenti għal dak mogħti fl-Unjoni Ewropea minn trasportaturi tal-ajru barra mill-UE, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, għat-trasportaturi tal-ajru barra mill-UE mill-fornituri tas-servizzi CRS fl-Unjoni Ewropea, jew lill-fornituri tas-servizzi CRS barra mill-UE mit-trasportaturi tal-ajru fl-Unjoni Ewropea.
(g)	Servizzi ta' operazzjoni tal-ajruport	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.
E. (a)	Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[2] Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' prodotti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet, (parti minn CPC 742)	Għal Mod 1 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, HR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.

[1] "Trattament ekwivalenti" timplika trattament mhux diskriminatorju mit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u l-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea.

[2] Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA Taħt 13.C.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
13. SERVIZZI OĦRAJN TAT-TRASPORT	
Servizz ta' Forniment ta' Trasport Ikkumbinat	Modalità 1 UE, ħlief fil-FI: l-operaturi ta' trasport biss stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-okkupazzjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' prodotti bejn l-Istati Membri jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, iwettqu partijiet inizjali jew finali tas-servizz tal-ġarr, li jifformaw parti integrali tal-operazzjoni tat-trasport ikkombinat u li jistgħu jew ma jistgħux jinkludu l-qsim ta' fruntiera. Il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kull mod partikolari ta' transport huma applikabbli. Jistgħu jittieħdu miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għal vetturi tat-triq routed fi trasport ikkombinat jiġu mnaqqsa jew rimborżati. Modalità 2 BE, DE, DK, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LU, NL, PT, UK: Bla restrizzjonijiet, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod ta' trasport partikolari fil-Lista ta' Impenji. AT, BG, CY, CZ, EE, HU, HR, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
14. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA	
A. Servizzi Inċidentali għall-Estrazzjoni (CPC 883)[1]	Għal Modi 1 u 2 Ebda.

[1] Inkluż is-servizz li ġej li hu offrut fuq bażi ta' pagament jew kuntratt: servizzi ta' parir u konsulenza relatat mat-tħaffir fil-minjieri, it-tħejjija tas-siti fuq l-art, l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-'casing' u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet 'downhole' speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, testjar tal-bjar, servizzi wireline, provvista u użu ta' completion fluids (brines) provvista u installazzjoni ta' apparat ta' tlestija, simentar (ippumpjar bi pressjoni), servizzi ta' stimulazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' 'workover' u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Trasport tal-fjuwil bil-pajpijiet (CPC 7131)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Mod 2: AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Bla restrizzjonijiet.
C. Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ ta' karburant trasportat bil-pajplines (parti minn CPC 742)	Għal Mod 1 AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, HR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.
D. Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' fjuwils solidi, likwidi u li fihom il-gass u prodotti relatati (CPC 62271) u servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, ta' fwar u ta' misħun	Għal Modi 1 u 2 UE: Bla restrizzjoni għal servizzi ta’ kummerċ bl-ingrossa ta’ elettriku, fwar u misħun.
E. Servizzi bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni (CPC 613)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Bejgħ bl-imnut ta' żejt fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u njam (CPC 63297) u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fit-tankijiet), fwar u misħun	Għal Modi 1 u 2 UE: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku, gass (mhux fil-fliexken), fwar u misħun. Għal Mod 1 BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SK, UK: Bla restrizzjonijiet għal Bejgħ bl-imnut, ta' żejt għall-fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam, Mhux marbuta għajr għal ordni bil-posta fejn: Għal Mod 2 Ebda.
G. Serviżżi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjoni għajr għal servizzi ta' konsulenza fejn: Għal Mod 2 Ebda.
15. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI MKIEN IEĦOR	
(a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-Ħwejjeġ (CPC 9701)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.
(b) Servizzi ta' hairdressing (CPC 97021)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.

Settur jew subsettur		Deskrizzjoni tar-riżervi
(c)	Trattament kożmetiku, servizzi ta' manicure u pedicure (CPC 97022)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.
(d)	Servizzi oħra ta' trattamenti tas-sbuħija n.e.c (CPC 97029)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.
(e)	Is-Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sa fejn jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' riabilitazzjoni[1](CPC ver. 1.0 97230)	Għal Mod 1 UE: Bla restrizzjonijiet. Għal Mod 2 Ebda.
(g)	Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7543)	Għal Modi 1 u 2 Ebda.

_____

[1] Servizzi ta' massaġġi terapewtiċi u ta' kura termali jinstabu taħt 1.A.h) Servizzi mediċi, 1.A.j) 2 Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi tas-saħħa (8.A u 8 C).”.

ANNESS VIII-C

RIŻERVI DWAR PERSUNAL, APPRENDISTI GRADWATI U NEGOZJANTI EWLENIN TAL-UNJONI EWROPEA

1. Il-lista ta' riżervi hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi li ġew liberalizzati skont it-Taqsimiet 151 ta’ dan il-Ftehim li għalihom il-limiti dwar persunal ewlieni u apprendisti gradwati skont l-Artikolu 154 ta' dan il-Ftehim u fuq in-negozju ta' bejjiegħa skont l-Artikolu 155 ta’ dan il-Ftehim japplikaw u jispeċifika dawn il-limiti. Il-lista li tinsab hawn taħt tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li fih japplikaw il-limitazzjonijiet; u

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija f'(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jkunu ħadu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu mingħajr ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw).

   L-Unjoni Ewropea ma tieħu l-ebda impenn għal persunal, apprendisti gradwar u negozjanti ewlenin f’attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mingħajr restrizzjonijiet) għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 144 ta’ dan il-Ftehim.

2. Impenji ta' persunal ewlieni u apprendisti gradwati, bejjiegħa ta’ servizzi tan-negozju u bejjiegħa ta' merkanzija ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom ikun li jinterferixxu ma' jew b'xi mod ieħor jaffettwaw ir-riżultat ta' kwalunkwe tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema jew il-maniġment.

3. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta’ liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu limitazzjoni fit-tifsira tal-Artikoli 154 u 155 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta’ servizz ġenerali, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f’setturi rregolati u l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u l-ħtieġa li dawn ikollhom domiċilju legali fit-territorju fejn l-attività ekonomika qed titwettaq), anke jekk mhumiex elenkati hawn taħt, japplikaw f’kull każ għall-persunal ewlieni, għall-apprendisti gradwati u negozjanti kummerċjali tar-Repubblika tal-Armenja.

4. Ir-rekwiżiti legali l-oħra kollha tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha f’dak li għandu x’jaqsam id-dħul, il-permanenza, ix-xogħol u l-miżuri ta’ sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar it-tul ta’ permanenza u s-salarji minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar is-salarji.

5. Skont l-Artikolu 141 paragrafu 3 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.

6. Il-lista ta' hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-eżistenza tal-monopolji pubbliċi u d-drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

7. Fis-setturi fejn it-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw, il-kriterji ewlenin tagħhom għandhom ikunu l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ir-reġjun fejn is-servizz għandu jingħata, inkluż rigward in-numru ta', u l-impatt fuq, il-forniturі eżistenti tas-servizz.

8. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m'għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtux drittijiet direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li tikkonċedi trattament nazzjonali ma timplikax ir-rekwiżit li jiġi estiż għal ċittadini jew persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra minn dak mogħti fi Stat Membru lil ċittadini u persuni ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew għal kwalunkwe miżura adottata skont dan it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Dan it-trattament nazzjonali jingħata biss lil persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dak l-Istat Membru, inkluż dawk il-persuni ġuridiċi stabbiliti fi ħdan l-UE li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn ċittadini tal-Parti l-oħra.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Kamp ta' applikazzjoni tal-persuni ttrasferiti fi ħdan il-kumpanija BG: In-numru ta’ persuni ttrasferiti fi ħdan il-kumpanija m’għandux jaqbeż l-10 fil-mija tal-medja annwali ta’ ċittadini tal-UE impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara. Fejn din timpjega anqas minn 100 persuna, in-numru ta’ persuni ttrasferiti fi ħdan il-kumpanija jista’ jaqbeż l-għaxra fil-mija, suġġett għal awtorizzazzjoni. HU: Bla restrizzjonijiet għal persuna fiżika li kienet sieħeb f'entità ġuridika tal-Armenja.
SETTURI KOLLHA	Apprentisti gradwati Għal AT, CZ, DE, ES, FR, HU, LT: it-taħriġ għandu jkun marbut ma' lawrja tal-università li nkisbet.
SETTURI KOLLHA	Diretturi maniġerjali u awdituri AT: Id-diretturi maniġerjali ta' fergħat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija. Persuni fiżiċi fi ħdan entità ġuridika jew fergħa li tkun responsabbli għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Awstrija jrid ikollha domiċilju fl-Awstrija. FI: Barrani involut fil-kummerċ bħala intraprenditur privat jeħtieġ permess kummerċjali u għandu jkun resident permanenti fiż-ŻEE. Għas-setturi kollha, r-rekwiżiti ta' residenza taż-ŻEE japplikaw għad-direttur maniġerjali; madankollu, jistgħu jingħataw xi eżenzjonijiet lil ċerti kumpaniji. FR: Id-direttur maniġerjali ta' industrija, attività kummerċjali jew artiġjanali, jekk ma jkunx id-detentur ta' permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika. RO: Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni. SE: Id-direttur maniġerjali ta’ persuna ġuridika jew fergħa għandu jirresjedi fl-Isvezja.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	SE: Detentur/applikant ta’ drittijiet reġistrati (privattivi, trademarks, drittijiet ta’ protezzjoni tad-disinn u tal-varjetajiet tal-pjanti) li mhuwiex residenti fl-Iżvezja għandu jkollu aġent residenti fl-Iżvezja għall-iskop ewlieni ta’ servizzi ta’ proċess, notifika, eċċ. SI: Detentur/applikant ta’ drittijiet reġistrati (privattivi, trademarks, drittijiet ta’ protezzjoni tad-disinn) li mhuwiex residenti fis-Slovenja għandu jkollu aġent residenti fis-Slovenja għall-iskop ewlieni ta’ servizzi ta’ proċess, notifika, eċċ.
SETTURI KOLLHA	Rikonoxximent UE: Id-direttivi tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ diplomi japplikaw biss għaċ-ċittadini tal-UE. Id-dritt li wieħed jipprattika servizz professjonali regolat fi Stat Membru wieħed tal-UE ma jagħtix id-dritt li wieħed ikun jista’ jipprattika fi Stat Membru ieħor[1].
4. IL-MANIFATTURA[2]	
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta’ midja rrekordjata (ISIC rev 3.1: 22), minbarra l-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta’ ħlas jew kuntratt[3]	IT: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-pubblikaturi. HR: Rekwiżit ta’ residenza għall-pubblikaturi. PL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-Kap Editur tal-gazzetti u r-rivisti. SE: Ir-rekwiżit tar-residenza għall-pubblikaturi u s-sidien ta' djar tal-pubblikazzjoni u kumpaniji tal-istampar.

[1] Sabiex ċittadini ta’ pajjiż mhux tal-UE jkunu jistgħu jiksbu għarfien tal-kwalifiki tagħhom fl-UE kollha, jista' jkun meħtieġ ftehim ta’ għarfien reċiproku, li jiġi nnegozjat fil-qafas definit fl-Artikolu XXX, huwa meħtieġ.

[2] Dan is-settur ma jinkludix servizz ta’ konsulenza relatti mal-manifattura.

[3] Il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 6.F.p).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
6. SERVIZZI TA' KUMMERĊJALI	
A. Servizzi Professjonali	
(a) Servizzi Legali (CPC 861)[1] minbarra servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħan-nutara, "*huissiers de justice*" jew "*officiers publics u ministériels*" oħrajn	AT, BE, BG, CY, DE, EE, EL, ES, FR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, PL, PT, RO, SK, UK: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru) u għal rappreżentazzjoni quddiem il-qrati, hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. Għal ES, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu rinunzji. BE, FR, LU: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għal servizzi tar-rappreżentanza legali, hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. Fil-BE, hemm kwoti li japplikaw għar-rappreżentanza quddiem il-"*Cour de cassation*" f'kazijiet mhux kriminali. BG: Avukati Armeni jistgħu jipprovdu biss servizzi ta' rappreżentanza legali lil ċittadin Armen u soġġett għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, hija meħtieġa residenza permanenti.

[1] Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u servizzi ta' konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumenti u ta' awtentikar legali. Il-forniment ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġuriżdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew l-impjegati tiegħu jkunu kkwalifikati biex jipprattikaw bħala avukati, u, bħall-forniment ta' servizzi oħra, ikun soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzja li japplikaw fl-Istati Membri tal-UE. Għall-avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija, dawn ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar jistgħu, fost oħrajn, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċi ta' etika lokali, l-użu ta' titolu lokali (sakemm ikun inkiseb ir-rikonoxximent mat-titolu lokali), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Kamra tal-Avukati tal-pajjiż ospitanti jew sħubija simplifikata fil-Kamra tal-Avukati tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test ta' attitudni u uffiċċju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat fi Stat Membru tal-UE li jaġixxi fuq bażi personali, filwaqt li s-servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-UE għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat f'dak l-Istat Membru waqt li jaġixxi fuq bażi personali. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-UE tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u quddiem awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE, billi tinvolvi l-prattika tal-liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madankollu, f'certi Stati Membri, avukati barranin li ma jkollhomx sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati jkunu awtorizzati li jirrappreżentaw parti fi proċeduri ċivili li tkun ċittadin ta' jew tappartjeni lil Stat li fih l-avukat ikun awtorizzat li jipprattika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	CY: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità u residenza meħtieġa għall-forniment ta’ servizzi legali. L-ammissjoni sħiħa għall-Avukatura hija suġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza. Biss l-avukati li huma membri tal-Kamra tal-Avukati jistgħu jkunu sieħba jew azzjonisti jew membri tal-Bord tad-Diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru. FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta’ “*avocat auprès de la Cour de Cassation*” u “*avocat auprès du Conseil d’Etat*” huwa soġġett għal kwoti u għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità. HR: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentazzjoni legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità (iċ-ċittadinanza Kroata u, mal-adeżjoni tal-UE, iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE). HU: L-ammissjoni sħiħa għall-Avukatura hija suġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza. Għal avukati barranin, l-ambitu tal-attivitajiet legali huwa limitat għall-għoti ta’ pariri legali, li għandu jseħħ fuq il-bażi ta’ kuntratt ta’ kollaborazzjoni konkluż ma’ prokuratur Ungeriż jew ditta ta’ avukati Ungeriża. LV: Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità għal avukati liċenzjati, li għalihom hi riżervata rappreżentazzjoni legali fi proċedimenti kriminali. DK: Ir-riklamar ta' attivitajiet ta' konsulenza legali huwa limitat għal avukati b'liċenzja Daniża għall-prattika. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża. LU: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-għoti ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Lussemburgu u tal-UE. SE: L-ammissjoni fl-avukatura, meħtieġa biss għall-użu tat-titlu Żvediż "*advokat*", hija soġġetta għal rekwiżit ta' residenza.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	ES, PT: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għall-aċċess għall-professjoni ta’ “solicitadores” u l-aġenti tal-proprjetà industrijali. LT: Kundizzjoni ta’ nazzjonalità għal avukati tal-privattivi. SI: li jirrappreżenta klijenti quddiem il-qorti bi ħlas hija kkundizzjonata minn preżenza kummerċjali fir-Repubblika tas-Slovenja Avukat barrani li jkollu d-dritt li jipprattika l-liġi f’pajjiż barrani jista’ jwettaq servizzi legali jew jipprattika l-liġi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att tal-Avukati, sakemm il-kundizzjoni ta’ reċiproċità reali tkun sodisfatta. Il-konformità mal-kundizzjoni ta’ reċiproċita tkun ivverifikata mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Slovena hija ristretta għal sjieda individwali, ditta legali b’responsabilità limitata (soċjetà) jew għal ditta legali b’responsabbiltà illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali jkunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu sieħba f'ditta legali.
(b) 1. Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra “servizzi ta' awditjar”, CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	FR: Għoti ta’ servizzi tal-kontabbiltà u ż-żamma tal-kotba hi kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ir-Rekwiżit ta' residenza ma jistax jaqbeż il-ħames snin. IT: Rekwiżit ta' residenza. CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) 2. Servizzi ta' awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra s-servizzi tal-kontabbiltà)	BG: Awditur barrani jista' jwettqu servizzi ta' awditjar biss suġġett għar-reċiproċità u jekk jissodisfax ir-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk tal-awdituri Bulgari u jkun għadda b'suċċess l-eżamijiet għalih. CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. DK: Rekwiżit ta' residenza. ES: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal awdituri statutarji u għall-amministraturi, diretturi u msieħba ta' kumpaniji minbarra dawk koperti bit-tmien direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji. HR: Awdituri ċċertifikati biss li jkollhom liċenzja rikonoxxuta formalment mill-Kamra tal-Awdituri Kroati jistgħu jipprovdu servizzi ta' awditjar. FI: Rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija b'responsabbiltà Finlandiża. IT: Rekwiżit ta' residenza għal awdituri individwali. SE: biss l-awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja u intrapriżi tal-awditjar irreġistrati fl-Iżvezja jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju f'xi entitajiet ġuridiċi, inkluż fil-kumpaniji b'responsabbiltà limitata kollha, kif ukoll persuni fiżiċi. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi ta' kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwalifikat (għal skopijiet uffiċjali). Ir-residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera hija meħtieġa għall-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumiex kontabilisti awtorizzati jew approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. SI: Residenza permanenti fis-Slovenja hija meħtieġa għal mill-inqas membru wieħed tal-bord ta' ġestjoni ta' kumpanija ta' awditjar stabbiliti fis-Slovenja.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa (CPC 863) [1]	CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. HR, HU, IT: Rekwiżit ta' residenza.
(d) Servizzi arkitetturali u (e) Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali (CPC 8671 u CPC 8674)	EE: Mill-anqas persuna waħda responsabbli (amministratur tal-proġett jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja. BG: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi ta' ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajżaġġ. CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. HR, HU, IT: Rekwiżit ta' residenza. SK: Is-sħubija fil-kamra rilevanti hija obbligatorja; sħubija f'istituzzjonijiet barranin rilevanti tista' tkun rikonoxxuta. Rekwiżit ta' residenza, iżda jistgħu jitqiesu xi eċċezzjonijiet.
(f) Servizzi ta' inġinerija u (g) Servizzi tal-inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	EE: Mill-anqas persuna waħda responsabbli (amministratur tal-proġett jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja. CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. CZ, HR, IT, SK: Rekwiżit ta' residenza. HU: Rekwiżit ta' residenza (Għal CPC 8673 Rekwiżit ta' residenza japplika biss għall-Apprentisti Gradwati).
(h) Servizzi mediċi (inklużi psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	CZ, LT, IT, SK: Rekwiżit ta' residenza. CZ, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. BG, CY, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. DK: Awtorizzazzjoni limitata sabiex titwettaq funzjoni specifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u teħtieġ residenza.

[1] Ma jinkludix servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinsabu taħt 6.A.a) Servizzi Legali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess hu possibbli fil-limiti tal-kwoti stabbiliti annwalment. HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti/li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. LV: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ permess mill-awtorità tas-saħħa lokali, ibbażat fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba u dentisti f'reġjun partikolari. PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti. PT: Rekwiżit ta' residenza għall-psikologi. SI: Tobba, dentisti, qwiebel, infirmiera u spiżjara jeħtieġu liċenzja minn kamra professjonali, professjonisti oħra fil-qasam tas-saħħa li jeħtieġu reġistrazzjoni.
(i) Servizzi veterinarji (CPC 932)	BG, CY, DE, EL, HR, FR, HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. CZ u SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza. IT: Rekwiżit ta' residenza. PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità. Il-persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess sabiex jipprattikaw.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 1. Servizzi tal-qwiebel (parti minn CPC 93191)	BG: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. CZ, CY, LT, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. DK: Awtorizzazzjoni limitata sabiex titwettaq funzjoni specifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u teħtieġ residenza. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess hu possibbli fil-limiti tal-kwoti stabbiliti annwalment. IT: Rekwiżit ta' residenza. LV: Soġġett għall-ħtiġijiet ekonomiċi, stabbilit bin-numru totali ta' qwiebel f'reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet tas-saħħa lokali. PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Il-persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess sabiex jipprattikaw. CY, HU: Bla restrizzjonijiet. HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti/li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. SI: Il-qwiebel jeħtieġu liċenzja mill-kamra professjonali.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku (parti minn CPC 93191)	AT: Fornituri barranin tas-servizzi jitħallew jagħmlu l-attivitajiet li ġejjin biss: infirmieri, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u tan-nutriment. BE, FR, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti/li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. CY, CZ, EE, RO, SK, LT: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. BG, CY, HU: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. DK: Awtorizzazzjoni limitata sabiex titwettaq funzjoni specifika tista’ tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u teħtieġ residenza. CY, CZ, EL, IT: Skont test dwar il-ħtiġijiet ekonomiċi: deċiżjoni hi soġġetta għal postijiet battala fir-reġjun u nuqqas ta’ ħaddiema. LV: Soġġett għall-ħtiġijiet ekonomiċi li huma ddeterminati min-numru totali ta’ infermiera fir-reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet tas-saħħa lokali. SI: L-infirmiera jeħtieġu liċenzja minn kamra professjonali, l-assistenti tas-saħħa jeħtieġu reġistrazzjoni.

Settur jew subsettur		Deskrizzjoni tar-riżervi
(k)	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmacewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara[1]	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, fi kwoti stabbiliti, l-aċċess għal ċittadini Armeni hu possibbli sakemm il-fornitur tas-servizz ikollu grad universitarju Franċiż fil-farmaċija. CY, DE, EL, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. HU: Kundizzjoni ta' nazzjonalità ħlief għal bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211). IT, PT: Rekwiżit ta' residenza.
D.	Servizzi ta' Proprjetà Immobbli[2]	
(a)	Li jinvolvu proprjetà jew beni immobbli mikrija (CPC 821)	FR, HU, IT, PT: Rekwiżit ta' residenza. CY, LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(b)	Fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 822)	DK: Ir-rekwiżit ta' residenza jista' jitneħħa mill-Awtorità Daniża għan-Negozju. FR, HU, IT, PT: Rekwiżit ta' residenza. CY, LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
E.	Servizz ta' Kera/Lokazzjoni mingħajr Operaturi	
(c)	Relatati ma' Tagħmir tat-Trasport Ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105)	SE: Ħtieġa ta' residenza taż-ŻEE (CPC 83101).
(e)	Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.
(f)	Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.

[1] Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzja u kwalifika u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-UE. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

[2] Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' propjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru propjetà immobbli.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Servizzi Kummerċjali Oħrajn	
(e) Servizzi ta' Ttestjar u Analiżi Tekniċi (CPC 8676)	IT, PT: Rekwiżit ta' residenza għal bijologi u analisti kimiċi. CY: Rekwiżit ta' residenza għal bijologi u analisti kimiċi.
(f) Servizzi ta' Konsulenza u Pariri Relatati mal-Agrikoltura, il-Kaċċa u l-Forestrija (Pari minn CPC 881)	IT: Rekwiżiti ta' residenza għall-agronomisti u l-"*periti agrarji*".
(j) 2. Servizzi ta' Sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	BE, BG, CY, CZ, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza. DK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza għall-maniġers u s-servizzi tal-gwardjani tal-ajruporti. ES, PT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persunal speċjalizzat. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal diretturi maniġerjali u diretturi. IT: Ir-Rekwiżit taċ-ċittadinanza Taljana jew tal-UE u residenza sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa għas-servizzi ta' gwardjani tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti prezzjużi.
(k) Servizzi Relatati ta' Konsultazzjoni Xjentifika u Teknika (CPC 8675)	DE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servejers maħtura pubblikament. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-'sorveljar' ta' operazzjonijiet relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u l-liġi tal-artijiet. CY: Rekwiżiti ta' nazzjonalità għas-sjieda ta' tiftix ġeoloġiku, ġeofiżiku u servizzi tral-produzzjoni tal-mapep. IT, PT: Rekwiżit ta' residenza.
(l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(l) 2. Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(l) 3. Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	UE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ispeċjalistsi u apprendisti gradwati għal manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi u snowmobiles.
(l) 5. Servizzi ta' Manutenzjoni u Tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar[1] (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità, ħlief għal: BE, DE, DK, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, UK for CPC 633, 8861, 8866; BG għat-tiswija ta' prodotti personali u tad-dar (eskluża ġojjellerija): CPC 63301, 63302, parti minn 63303, 63304, 63309; AT għal CPC 633, 8861-8866; EE, FI, LV, LT għal CPC 633, 8861-8866; CZ, SK għal CPC 633, 8861-8865; u SI għal CPC 633, 8861, 8866.
(m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874)	CY, EE, HR, MT, PL, RO, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(n) Servizzi ta' Fotografija (CPC 875)	HR, LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. BG, PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi fotografiċi mill-ajru.
(p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442)	HR: Ir-rekwiżit ta' residenza għall-bord editorjali u l-pubblikaturi. SE: Ir-rekwiżit tar-residenza għall-pubblikaturi u s-sidien ta' djar tal-pubblikazzjoni u kumpaniji tal-istampar. IT: Sidien ta' kumpanija tal-pubblikazzjoni jew tal-istampar u pubblikaturi jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE.

[1] Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinstabu fi 6.F. l) 1. sa 6.F.l) 4.
Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu f'6.B. Servizzi tal-kompjuter u Servizzi Relatati.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(q) Servizzi ta' Kungressi (parti minn CPC 87909)	SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(r) 1. Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (CPC 87905)	FI: Rekwiżit ta' residenza għat-tradutturi ċertifikati.
(r) 3. Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir (CPC 87902)	BE, EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. IT: Bla restrizzjonijiet.
(r) 4. Servizzi ta' rappurtar ta' kreditu (CPC 87901)	BE, EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. IT: Bla restrizzjonijiet.
(r) 5. Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)[1]	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-inqas sentejn fis-settur tal-bini. CY: Għal persuni fiżiċi barranin, japplikaw kundizzjonijiet speċjali u awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.
9. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (għajr distribuzzjoni ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra)	
C. Servizzi ta' bejgħ bl-imnut[2]	
(a) Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' ikel (CPC 631)	FR: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal bejjiegħa tat-tabakk (jiġifieri, buraliste). ES: bejgħ bl-imnut tat-tabakk L-istabbiliment huwa suġġett għall-kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE.

[1] Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F. p).

[2] Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinsabu f'SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 6.B. u 6.F.l).
Ma jinkludux servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti tal-enerġija li jinstabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 19.E u 19.F.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja (CPC 921)	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini Armeni jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal fornituri ta' servizzi li jkunu awtorizzati li joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat. EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-għalliema.
B. Servizzi ta' Edukazzjoni Sekondarja (CPC 922)	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini Armeni jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal fornituri ta' servizzi li jkunu awtorizzati li joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat. EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-għalliema. LV: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi tekniċi u vokazzjonali tat-tip tal-iskola sekondarja għal studenti bi bżonnijiet speċjali (CPC 9224).
C. Servizzi ta' Edukazzjoni Għolja (CPC 923)	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini Armeni jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. CZ, SK: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal servizzi ta' edukazzjoni għolja, ħlief għal servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali postsekondarja (CPC 92310). IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal fornituri ta' servizzi li jkunu awtorizzati li joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.
E. Servizzi edikattivi oħra (CPC 929)	CZ, SK: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-maġġoranza tal-membri tal-bord.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
12. SERVIZZI FINANZJARJI	
A. L-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni	AT: It-tmexxija ta’ uffiċċju ta’ fergħa trid tikkonsisti f’żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija. EE: Għal assigurazzjoni diretta, il-korp maniġerjali ta' kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'parteċipazzjoni Koreana fil-kapital jista' jkollu fih ċittadini Armeni biss fil-proporzjon tal-parteċipazzjoni Armena, imma mhux aktar minn nofs il-membri tal-korp maniġerjali. Il-kap amministrattiv ta' kumpanija sussidjarjaw jew indipendenti jrid ikun jgħix b'mod permanenti fl-Estonja. ES: Rekwiżit tar-residenza u tliet snin esperjenza għall-professjoni attwarjali (jew alternattivament sentejn esperjenza) HR: Rekwiżit ta' residenza. IT: Rekwiżit ta' residenza għall-professjoni attwarja. PL: Ħtiġijiet tar-residenza għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni. FI: Id-diretturi maniġerjali u għall-inqas awditur wieħed ta' kumpanija tal-assigurazzjoni għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-UE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-aġent ġenerali tal-kumpanija Armena ta' assigurazzjoni għandu jkollu l-post tiegħu ta' residenza fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-UE.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)	BG: Residenza permanenti fil-Bulgarija hi meħtieġa għad-diretturi eżekuttivi u l-aġent maniġerjali. FI: Id-diretturi maniġerjali u għallinqas awditur wieħed ta' istituzzjonijiet tal-kreditu għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-UE, sakemm l-Awtorità għas-Superviżjoni Finanzjarja ma tkunx tat eżenzjoni. L-intermedjarju finanzjarju (persuna individwali) tal-iskambju ta' strumenti derivattivi għandu jkollu l-post ta' residenza tiegħu fl-UE. IT: Kundizzjoni ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE għall-"konsulenti finanzjarji". (konsulenti finanzjarji). HR: Rekwiżit ta' residenza. Il-bord ta' ġestjoni għandu jidderieġi n-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu mit-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja. Mill-inqas membru wieħed tal-bord ta' ġestjoni għandu jkun jaf jitkellem sew bil-lingwa Kroata. LT: Mill-inqas kap wieħed mill-amministrazzjoni ta' bank irid ikun residenti permanenti fir-Repubblika tal Litwanja u jitkellem il-lingwa Litwana. PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità għal tal-inqas wieħed mill-eżekuttivi tal-bank. SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-ŻEE.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
13. SERVIZZI TAS-SAĦĦA U SERVIZZI SOĊJALI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
A. Servizzi fl-Isptar (CPC 9311) B. Servizzi ta' Ambulanza (CPC 93192) C. Servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa għajr servizzi fl-isptar (CPC 93193) E. Servizzi Soċjali (CPC 933)	FR: L-awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-aċċess għal funzjonijiet ta' ġestjoni. L-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-aċċess għal funzjonijiet ta' ġestjoni tqis id-disponibbiltà tal-maniġers lokali. LV: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba, dentisti, qwiebel, infirmiera, fiżjoterapisti, u persunal paramediku. PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti. HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti/li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni.
14. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR	
A. Lukandi, Restoranti u Catering (CPC 641, CPC 642 u CPC 643) minbarra l-forniment tal-ikel fis-servizzi tat-trasport bl-ajru[1]	BG: In-numru ta' maniġers barranin m'għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers li jkunu ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (tal-istat u/jew muniċipali) fil-kapital azzjonarju ta' kumpanija Bulgara jkun ta' iktar minn 50 %. HR: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal servizzi ta' ospitalità u ta' forniment tal-ikel f'unitajiet domestiċi u proprjetajiet residenzjali rurali.
B. Aġenziji tal-Ivvjaġġar u Servizzi ta' Operaturi ta' Tours (inklużi maniġers tat-tours) (CPC 7471)	BG: In-numru ta' maniġers barranin m'għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers li jkunu ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (tal-istat u/jew muniċipali) fil-kapital azzjonarju ta' kumpanija Bulgara jkun ta' iktar minn 50 fil-mija. CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. HR: Approvazzjoni tal-Ministeru tat-Turiżmu għall-pożizzjoni ta' maniġer ta' uffiċċju.

[1] Il-catering f'servizzi ta' trasport bl-ajru jinstab f'SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT taħt 17.E.a) Servizzi ta' nmaniġġjar fuq l-art.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi (CPC 7472)	BG, CY, ES, FR, EL, HR, HU, LT, MT, PL, PT, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. IT: Gwidi turistiċi minn pajjiżi mhux tal-UE jeħtieġ li jiksbu liċenzja partikolari.
15. SERVIZZI TA' RIKREAZZJONI, KULTURALI U TAL-ISPORT (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
A. Servizzi tad-Divertiment (inkluż servizzi ta' Teatru, Baned Lajv, Ċirkli u Diskoteki) (CPC 9619)	FR: L-awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-aċċess għal funzjonijiet ta' ġestjoni. L-awtorizzazzjoni hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għal aktar minn sentejn.
16. SERVIZZI TAT-TRASPORT	
A. Trasport marittimu (a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 eskluż il-kabottaġġ nazzjonali). (b) It-trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 eskluż il-kabotaġġ nazzjonali)	UE: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-ekwipaġġ tal-bastimenti. AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali. SE: Il-kmandant ta' bastiment kummerċjali jew bastiment tradizzjonali għandu jkun ċittadin tal-Iżvezja.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Trasport bit-triq	
(a) Trasportazzjoni tal-Passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122)	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati jirrappreżentaw persuna ġuridika jew sħubija. DK, HR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għall-maniġers. BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(b) Trasport tal-Merkanzija (CPC 7123, eskluż il-ġarr ta' oġġetti postali u bil-kurrier għal rashom[1]).	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati jirrappreżentaw persuna ġuridika jew sħubija. BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. HR: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza u rekwiżit ta' residenza għall-maniġers.
E. It-Trasport bil-pajpijiet ta' merkanzija minbarra l-fjuwil[2] (CPC 7139)	AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għald-diretturi maniġerjali.

[1] Parti minn CPC 71235, li tinstab fis-SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI taħt 7.A. Servizzi Postali u ta' Kurrier.

[2] It-trasport bil-pajpijiet ta' fjuwils jinstab fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 19.B.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
17. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT[1]	
A. Is-servizzi awżiljarji għat-Trasport Marittimu (a) Servizzi ta' Mmaniġġar tal-Merkanzija Marittima (b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana (d) Servizzi ta' Stazzjon u Depot tal-Kontejners (e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima (f) Servizzi Marittimi ta' Dispaċċ tal-Merkanzija (g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7213) (h) Servizzi ta' ġbid u rmunkar (CPC 7214) (i) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu (parti minn CPC 745) (j) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (inkluż il-catering) (parti minn CPC 749)	AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. DK, NL: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana. EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana.
D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi (CPC 7124)	AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati jirrappreżentaw persuna ġuridika jew sħubija. BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

[1] Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija of transport equipment, li jinstabu fis-SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 6.F.l) 1 sa 6.F.l) 4.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[1] (a) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' prodotti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet (parti minn CPC 742)	AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għald-diretturi maniġerjali.
19. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA	
A. Servizzi Inċidentali għall-Estrazzjoni (CPC 883)[2]	CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. SK: Rekwiżit ta' residenza.
20. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI MKIEN IEĦOR	
(a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-Ħwejjeġ (CPC 9701)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(b) Servizzi ta' hairdressing (CPC 97021)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. CY: Suġġett għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza.

[1] Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA fi 19.C.

[2] Inkluż is-servizz li ġej li hu offrut fuq bażi ta' pagament jew kuntratt: servizzi ta' pariri u ta' konsulenza dwar it-tħaffir, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir fuq l-art, it-tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-kejsing u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, il-kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet ta' tħaffir direzzjonali specjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, ittestjar tal-bjar, servizzi wajerlajn, forniment u tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), forniment u stallazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, simentar (ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' stimulazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' workover u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar.
Ma tinkludix l-aċċess dirett għal jew l-isfruttar ta' riżorsi naturali.
Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhux żejt jew gass (CPC 5115), li jinsab fi 8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI.

Settur jew subsettur		Deskrizzjoni tar-riżervi
(c)	Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura (CPC 97022)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(d)	Servizzi oħra ta' trattamenti estetiċi n.e.c (CPC 97029)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(e)	Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni[1] (CPC ver. 1.0 97230)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

[1] Massaġġi terapewtiċi u servizzi ta' kura termali jinsabu taħt 6.A.h) Servizzi Mediċi u Dentali, 6.A.j) 2. Servizzi pprovduti minn Infirmiera, Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku, u Servizzi tas-Saħħa (13.A u 13.C).

ANNESS VIII-D

RIŻERVI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI
U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI TAL-UNJONI EWROPEA

1. L-Unjoni Ewropea għandha jippermetti l-provvista tas-servizzi fit-territorji tagħhom minn fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, skont l-Artikoli 156 u 157 ta' dan il-Ftehim, għal attivitajiet ekonomiċi li huma elenkati hawn taħt, u soġġett għal limitazzjonijiet rilevanti.

2. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li fih japplikaw il-limitazzjonijiet; u

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija fil-punt (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għal Stat Membru, l-Istati Membri li mhumiex imsemmijin hemmekk jieħdu impenji fis-settur konċernat mingħajr riżervi. In-nuqqas ta' riżervi speċifiċi ta' Stat Membru f'settur partikolari huwa mingħajr preġudizzju għal riżervi orizzontali jew għal riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw.

Il-Parti tal-UE ma timpenjax ruħha għal forniturі tas-servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti għal ebda settur tas-servizzi, ħlief dawk li huma msemmija espliċitament hawn taħt.

3. L-impenji għal forniturі tas-servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom huwa li jinterferixxi mal-eżitu ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema/il-maniġment, jew b'xi mod ieħor jaffettwahom.

4. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu limitazzjoni fit-tifsira tal-Artikoli 156 u 157 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u l-ħtieġa ta' domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika), anke jekk mhumiex elenkati hawn taħt, japplikaw f'kull każ għall-forniturі tas-servizzi kuntrattwali u l-professjonisti indipendenti tar-Repubblika tal-Armenja.

5. Il-ħtiġijiet l-oħra kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha f'dak li għandhom x'jaqsmu dħul, permanenza, xogħol u miżuri ta' sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar it-tul ta' permanenza u s-salarji minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar is-salarji.

6. Il-lista ta’ hawn taħt ma fihiex miżuri li jirrigwardaw sussidji mogħtija minn Parti.

7. Il-lista ta’ hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-eżistenza ta’ monopolji pubbliċi u d-drittijiet esklussivi fis-setturi rilevanti, kif stabbilit mill-Unjoni Ewropea fl-Annessi VIII-A u VIII-B.

8. Fis-setturi fejn it-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw, il-kriterji ewlenin tagħhom għandhom ikunu l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ir-reġjun fejn is-servizz għandu jingħata, inkluż rigward in-numru ta', u l-impatt fuq, il-forniturі eżistenti tas-servizz.

9. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m’għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtux drittijiet direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

10. Il-Partijiet għandhom jippermettu l-provvista tas-servizzi fit-territorju tagħhom minn forniturі ta’ servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra permezz tal-preżenza ta’ persuni fiżiċi, bla ħsara għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 156 ta’ dan il-Ftehim, fis-subsetturi li ġejjin:

(a) servizzi legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija (jiġifieri, liġi mhux tal-UE)

(b) servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba;

(c) servizzi ta’ konsulenza dwar tassazzjoni;

(d) Servizzi ta’ arkitettura, ippjanar urban u servizzi ta’ arkitettura tal-pajsaġġ;

(e) servizzi ta’ inġinerija, servizzi ta’ inġinerija integrata;

(f) servizzi ta' informatika u dawk relatati;

(g) servizzi ta’ riċerka u żvilupp;

(h) reklamar;

(i) servizzi ta' konsulenza dwar il-maniġment;

(j) servizzi konnessi mal-konsulenza dwar il-maniġment;

(k) servizzi ta’ ttestjar u analiżi tekniċi;

(l) servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika;

(m) manutenzjoni u tiswija ta’ tagħmir fl-kuntest ta’ kuntratt ta’ servizz ta’ wara l-bejgħ jew wara lokazzjoni;

(n) servizzi ta’ traduzzjoni;

(o) xogħol ta’ investigazzjoni ta' siti;

(p) servizzi ambjentali;

(q) servizzi ta’ aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi tal-vjaġġi; u

(r) servizzi ta' divertiment.

11. Il-Partijiet għandhom jippermettu l-provvista tas-servizzi fit-territorju tagħhom minn professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra permezz tal-preżenza ta’ persuni fiżiċi, soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 157 ta’ dan il-Ftehim, fis-subsetturi li ġejjin:

(a) servizzi legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija (jiġifieri, liġi mhux tal-UE)

(b) servizzi arkitettoniċi, ippjanar urban u servizzi ta’ arkitettura tal-pajsaġġ;

(c) inġinerija u servizzi ta’ inġinerija integrata;

(d) servizzi ta' informatika u dawk relatati;

(e) servizzi ta’ konsulenza maniġerjali u servizzi relatati ma’ konsulenza maniġerjali;

(f) servizzi ta’ traduzzjoni.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Rikonoxximent UE: Id-Direttivi tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi japplikaw biss għal ċittadini tal-Istati Membri tal-UE. Id-dritt li persuna tipprattika servizz professjonali rregolat fi Stat Membru ma jiggarantixxix dritt awtomatiku li din tkun tista' tagħmel l-istess fi Stat Membru ieħor. [1]
Servizzi Konsultattivi Legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija (jiġifieri, liġi mhux tal-UE) (parti minn CPC 861)[2]	AT, CY, DE, EE, IE, LU, NL, PL, PT, SE, UK: Ebda. BE, ES, HR, IT, EL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. BG, CZ, DK, FI, HU, LT, MT, RO, SI, SK: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi. DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' għoti ta' pariri legali hija llimitata għall-avukati li għandhom liċenzja Daniża biex jipprattikaw. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża. FR: Ammissjoni sħiħa (simplifikata) għall-Avukatura permezz ta' test tal-kapaċitajiet hi meħtieġa. L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għal kwoti u kundizzjoni ta' ċittadinanza. HR: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità.

[1] Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jakkwistaw rikkonoxximent mal-UE kollha tal-kwalifiki tagħhom, jeħtieġ li jiġi nnegozjat Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku fi ħdan il-qafas definit fl-Artikolu 18 tal-Ftehim.

[2] Bħall-forniment ta' servizzi oħra, is-Servizzi Legali huma soġġetti għal rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn jista' jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-oriġini (sakemm inkiseb rikonoxximent mat-titolu tal-pajjiż ospitu), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju ġuridiku jew professjonali fil-pajjiż ospitu.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	SI: li jirrappreżenta klijenti quddiem il-qorti bi ħlas hija kkundizzjonata minn preżenza kummerċjali fir-Repubblika tas-Slovenja Avukat barrani li jkollu d-dritt li jipprattika l-liġi f'pajjiż barrani jista' jwettaq servizzi legali jew jipprattika l-liġi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att tal-Avukati, sakemm il-kundizzjoni ta' reċiproċità reali tkun sodisfatta. Il-konformità mal-kundizzjoni ta' reċiproċita tkun ivverifikata mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta legali b'responsabilità limitata (soċjetà) jew għal ditta legali b'responsabilità illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali jkunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu sieħba f'ditta legali.
Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	BE, CY, DE, EE, ES, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. AT: L-impjegatur għandu jkun membru tal-korp ta' professjonisti rilevanti fil-pajjiż tal-oriġini, fejn jeżisti korp bħal dan. FR: Rekwiżit tal-awtorizzazzjoni. Għoti ta' servizzi tal-kontabbiltà u ż-żamma tal-kotba hi kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. BG, CZ, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. HR: Rekwiżit ta' residenza.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa (CPC 863)[1]	BE, DE, EE, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: Ebda. AT: The employer must be a member of the relevant professional body in the home country where such body exists; kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti. BG, CZ, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. CY: Mingħajr restrizzjonijiet għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa. PT: Bla restrizzjonijiet. HR, HU: Rekwiżit ta' residenza.
Servizzi arkitetturali u Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali (CPC 8671 u CPC 8674)	EE, EL, FR, IE, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. BE, ES, HR, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. FI: Il-persuna fiżika għandha turi li hu/hi għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizzi mogħti. BG, CY, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. AT: Servizzi tal-ippjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. HR, HU, SK: Rekwiżit ta' residenza.
Servizzi ta’ inġinerija u Servizzi tal-inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	EE, EL, FR, IE, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. BE, ES, HR, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. FI: Il-persuna fiżika għandha turi li hu/hi għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizzi mogħti. BG, CY, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. AT: Servizzi tal-ippjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. HR, HU: Rekwiżit ta' residenza.

[1] Is-servizzi ta' pariri legali u ta' rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt is-Servizzi ta' Parir Legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija mhumiex inklużi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Kompjuter u Servizzi Relatati (CPC 84)	EE, EL, FR, IE, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Ebda. ES, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. AT, DE, BG, CY, CZ, DK, FI, HU, LT, RO, SK, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. HR: Rekwiżit ta' residenza għal CSS. Bla restrizzjonijiet għall-IP.
Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp (CPC 851, 852 minbarra servizzi ta' psikologi[1], 853)	UE, ħlief BE: Hu meħtieġ ftehim ta' akkoljenza ma' organizzazzjoni approvata tar-riċerka[2]. CZ, DK, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. BE, UK: Bla restrizzjonijiet. HR: Rekwiżit ta' residenza.
Reklamar (CPC 871)	BE, CY, DE, EE, ES, FR, IE, HR, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. AT, BG, CZ, DK, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' Konsulenza Maniġerjali (CPC 865)	DE, EE, EL, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. ES, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. BE, HR: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. AT, BG, CY, CZ, DK, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi Relatati mal-Konsulenza Maniġerjali (CPC 866)	DE, EE, EL, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. BE, ES, HR, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. AT, BG, CY, CZ, DK, FI, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi tal-arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (CPC 86602), fejn: Bla restrizzjonijiet.

[1] Parti minn CPC 85201, li jinsab taħt is-Servizzi Mediċi u dentali.

[2] Għall-Istati Membri kollha minbarra DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka u l-ftehim ta' ospitar għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva tal-UE 2005/71/KE.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' Ttestjar u Analiżi Tekniċi (CPC 8676)	BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: Ebda. AT, BG, CY, CZ, DK, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi Relatati ma' Konsulenza Xjentifika u Teknika (CPC 8675)	BE, EE, EL, ES, IE, IT, HR, LU, NL, PL, SI, SE, UK: Ebda. AT, CY, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. DE: Bla restrizzjonijiet għal surveyors maħtura mis-settur pubbliku. FR: Bla restrizzjonijiet għal operazzjonijiet ta' "surveying" marbuta mat-twaqqif ta' drittijiet tal-proprjetà u mal-liġi tal-art. BG: Bla restrizzjonijiet.
Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	BE, CY, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Ebda. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. UK: Bla restrizzjonijiet
Manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	BE, CY, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Ebda. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. UK: Bla restrizzjonijiet.
Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Ebda. AT, BG, CY, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. UK: Bla restrizzjonijiet

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Manutenzjoni u tiswija ta' ajruplani u partijiet minnhom (parti minn CPC 8868)	BE, CY, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Ebda. AT, BG, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. UK: Bla restrizzjonijiet
Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċji), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċji) u ta' prodotti personali u tad-dar [1] (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	BE, EE, EL, ES, FR, IT, HR, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. AT, BG, CY, CZ, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Traduzzjoni (CPC 87905, għajr attivitajiet uffiċjali jew ċertifikati)	DE, EE, FR, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. BE, ES, IT, EL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP. CY, LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. AT, BG, CZ, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. HR: Bla restrizzjonijiet għall-IP.
Xogħol ta' investigazzjoni ta' siti (CPC 5111)	BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. AT, BG, CY, CZ, DK, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

[1] Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji inklużi kompjuters (CPC 845) jinstabu taħt Servizzi tal-kompjuters..

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ambjentali (CPC 9401[1], CPC 9402, CPC 9403, CPC 9404[2], parti minn CPC 94060[3], CPC 9405, parti minn CPC 9406, CPC 9409)	BE, EE, ES, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE, UK: Ebda. AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitiċi (inklużi l-maniġers tal-ġiti[4]) (CPC 7471)	AT, CZ, DE, EE, ES, FR, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Ebda. BG, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. BE, CY, DK, FI, IE: Bla restrizzjonijiet, ħlief għal maniġers tat-tours (persuni li l-funzjoni tagħhom hi li jakkumpanjaw grupp ta' mill-anqas 10 persuni, mingħajr ma jaħdmu ta' gwidi f'postijiet speċifiċi). HR: Rekwiżit ta' residenza. UK: Bla restrizzjonijiet

[1] Tikkorrispondi għal servizzi tad-drenaġġ.

[2] Tikkorrispondi għas-Servizzi ta' Tindif ta' Gassijiet tal-Egżost.

[3] Tikkorrispondi għal partijiet tas-Servizzi ta' Protezzjoni tan-Natura u l-Pajsaġġ

[4] Fornituri tas-servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp tat-tours ta' minimu ta' 10 persuni, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi tad-Divertiment minbarra servizzi awdjoviżivi (inkluż servizzi ta' Teatru, Baned Lajv, Ċrieki u Diskoteki) (CPC 9619)	BG, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE: Tista' tiġi mitluba kwalifika teknika[1]. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. AT: Kwalifiki bil-quddiem u test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal persuni li l-attività professjonali ewlenija tagħhom hi fil-qasam tal-arti u li l-parti l-kbira tal-introjtu tagħhom ġej minn din l-attività u soġġett għall-kondizzjoni li dawn il-persuni ma jistgħu jeżerċitaw l-ebda attività kummerċjali oħra fl-Awstrija, fejn: Ebda. CY: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal Servizzi ta' Gruppi tal-Mużika Lajv u tad-Diskoteki. FR: Bla restrizzjonijiet għal CSS, ħlief jekk: (a) il-permess tax-xogħol jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx id-disa' xhur u li jista' jiġġedded għal tul ta' tliet xhur. (b) mitluba l-konformità ma' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. u (c) l-intrapriża tad-divertiment għandha tħallas taxxa lill-Office Français de l'Immigration et de l'Intégration. Bla restrizzjonijiet għall-IP. SI: It-tul taż-żjara huwa limitat għal sebat ijiem għal kull avveniment. Għal servizzi taċ-ċirkli u parkijiet tad-divertiment, it-tul taż-żjara huwa limitat għal massimu ta' 30 jum kull sena kalendarja. BE, UK: Bla restrizzjonijiet.

_____

[1] Fejn il-kwalifika ma tkunx inkisbet fl-UE u l-Istati Membri tagħha, l-Istat Membru kkonċernat jista' jevalwa jekk tkunx ekwivalenti għall-kwalifika rikjesta fit-territorju tiegħu.

ANNESS VIII-E

RIŻERVI GĦALL-ISTABBILIMENT
R-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA

1. Il-lista ta’ hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi fejn ir-Repubblika tal-Armenja tapplika r-riżervi għat-trattament nazzjonali jew trattament ippreferut skont l-Artikolu 144 paragrafu 2 tal-Ftehim għal stabbilimenti u investituri tal-Unjoni Ewropea.

   Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) lista ta’ riżervi orizzontali li japplikaw għas-setturi jew is-subsetturi kollha;

   (b) lista ta’ riżervi speċifiċi għas-setturi jew is-subsetturi kollha li tindika s-settur jew is-subsettur ikkonċernat flimkien mar-riżerva(i) applikabbli.

   Riżerva li tikkorrispondi għal attività li mhijiex liberalizzata (bla restrizzjonijiet) tiġi espressa kif ġej: “Ma hemmx obbligi ta’ trattament nazzjonali u ta' trattament tal-aktar nazzjon favorit”.

2. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 141 ta’ dan il-Ftehim, il-lista ta’ hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.

3. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m’għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtux drittijiet direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

4. Skont l-Artikolu 144 ta’ dan il-Ftehim, rekwiżiti mhux diskriminatorji, bħal dawk li jikkonċernaw il-forma legali jew l-obbligu biex jinkisbu liċenzji jew permessi applikabbli għall-forniturі kollha li joperaw fit-territorju mingħajr distinzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew kriterji ekwivalenti, mhumiex imniżżla f’dan l-Anness minħabba li mhumiex preġudikati b’dan il-Ftehim.

Riżervi orizzontali

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

L-Armenja tirriżerva d-dritt li tiġi adottata jew miżmuma kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali skont trattamenti internazzjonali ta’ investiment jew ftehim kummerċjali ieħor fis-seħħ jew iffirmat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

L-Armenja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali għal pajjiż abbażi ta' kull ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti li:

(a) joħloq suq intern għas-servizzi u l-investiment;

(b) jagħti d-dritt ta' stabiliment; jew

(c) jirrikjedi l-approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni f'settur jew setturi ekonomiċi.

Għall-finijiet ta' din l-eżenzjoni:

(a) “suq intern għas-servizzi u investiment” ifisser żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu tal-persuni, servizzi u kapital huwa żgurat.

(b) “id-dritt ta’ stabbiliment” ifisser obbligu li jitneħħew l-ostakli kollha għall-istabbiliment bejn il-partijiet tal-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali mid-dħul fis-seħħ ta’ dak il-ftehim u jinkludi d-dritt ta’ ċittadini tal-partijiet għall-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali sabiex jistabbilixxu u joperaw intrapriżi skont l-istess kundizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini skont il-liġi domestika tal-pajjiż fejn stabbiliment bħal dan iseħħ;

(c) “approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni” tfisser:

(i) L-allinjament tal-liġijiet ta’ waħda mill-partijiet, jew aktar, għall-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali mal-liġijiet tal-parti jew il-partijiet l-oħra għal dak il-ftehim; jew

(ii) l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni komuni fil-liġi nazzjonali tal-partijiet fil-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

It-tali allinjament jew inkorporazzjoni sseħħ, u tkun meqjusa li sseħħ, biss fiż-żmien li fih din tkun iddaħħlet fil-liġi nazzjonali tal-parti jew tal-partijiet għal ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

Utilitajiet Pubbliċi

Attivitajiet ekonomiċi kkunsidrati bħala servizzi pubbliċi jistgħu jkunu suġġetti għal monopolji pubbliċi jew drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati.

Proprjetà immobbli

Persuni fiżiċi barranin ma jistgħux jiksbu sjieda ta' art fl-Armenja, sakemm mhux provvdut mod ieħor bil-liġi.

Riżervi settorjali

1. Servizzi kummerċjali

Servizzi professjonali

Fir-rigward ta' servizzi ta' dokumentazzjoni legali u ta' ċertifikazzjoni, servizzi notarili huma riżervati għall-Istat tal-Armenja.

Għal servizzi ta' awditjar, entità ġuridika rreġistrata bħala kumpanija magħluqa b'ishma konġunti jew kumpanija b'responsabbiltà limitata, li tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi "Dwar Attività ta' Awditjar" tar-Repubblika tal-Armenja, hija eliġibbiltà biex tinħareġ liċenzja għall-implimentazzjoni ta' servizzi ta' awditjar.

Servizzi Kummerċjali Oħrajn

Fornituri ta' servvizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi għandhom ikunu entitajiet legali kkostitwiti skont il-leġiżlazzjoni Armena.

2. Servizzi ta' trasport

Servizzi awżiljarji għall-modi tar-trasport kollha

Fir-rigward ta’ servizzi ta’ aġenżija tat-trasport u ispezzjoni tal-merkanzija, l-iżdoganar għandu jitwettaq minn aġent tad-dwana b’liċenzja stabbilit fl-Armenja.

ANNESS VIII-F

LISTA TA' IMPENJI DWAR PROVVISTA TRANSFRUNTIERA:
R-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA

1. Il-lista ta' impenji hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi lliberalizzati mir-Repubblika tal-Arnenja skont l-Artikolu 151 ta' dan il-Ftehim u, permezz ta' riżervi, l-aċċess għas-suq u l-limiti ta' trattament nazzjonali li japplikaw għal servizzi u fornituri ta' servizzi tal-Unjoni f'dawk is-setturi. Il-listi huma magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn l-impenn huwa preżunt mill-Parti, u l-ambitu tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riservi;

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi r-riżervi applikabbli.

   Is-setturi jew is-subsetturi li ma jissemmewx fil-lista ta' hawn taħt ma ħadux impenji.

2. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri għal-liċenzjar meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni għat-trattament nazzjonali fit-tifsira tal-Artikoli 149 u 150 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa għal liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li tgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inkluż tal-lingwa, rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jsirux f'żoni ambjentali protetti jew żoni ta' interess storiku jew artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għal fornituri ta' servizz u investituri tal-Parti l-oħra.

3. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-fattibilità tal-Modalità 1 f'ċerti setturi u subsetturi tas-servizzi u bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklużivi kif deskritt fil-lista ta' impenji relatati mat-twaqqif.

4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 141 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.

5. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma jkollhomx effett ta' eżekuzzjoni awtomatika u għalhekk ma jikkonferixxux direttament dritt lill-persuni fiżiċi jew lil persuni ġuridiċi individwali.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
Orizzontali	Ebda
1. Servizzi kummerċjali	
A. Servizzi professjonali	
Servizzi legali (CPC 861)	Mod 1: Ebda, ħlief għall-abbozzar ta' dokumenti leġiżlattivi. Mod 2: Ebda.
Servizz tal-Kontabilità Servizzi ta' awditjar[2] Servizzi ta' żamm tal-kotba (CPC 862)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' tassazzjoni (CPC 863)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi arkitetturali Servizzi ta' inġinerija Servizzi tal-inġinerija integrata Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi mediċi u dentali (CPC 9312)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi Veterinarji (CPC 932)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

[1] Lista ta' servizzi ta' klassifika settorjali bbażati fuq MTN.GNS/W/120.

[2] Entità ġuridika rreġistrata bħala kumpanija magħluqa b'ishma konġunti jew kumpanija b'responsabbiltà limitata, li tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi "Dwar Attività ta' Awditjar" tar-Repubblika tal-Armenja, hija eliġibbli biex tingħata liċenzja għall-implimentazzjoni ta' servizzi ta' awditjar.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Kompjuter u Servizzi Relatati	
Servizzi ta' konsulenza relatata mal-installazzjoni ta' ħardwer tal-kompjuter Servizzi ta' implimentazzjoni ta' softwer Servizzi ta' proċessar ta' data Servizzi ta' bażijiet ta' data Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, inkluż kompjuters Servizzi oħra tal-kompjuter, inkluż servizzi tal-preparazzjoni tad-data (CPC 841, 842, 843, 844, 845, 849)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp	
Servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851-853)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
D. Servizzi ta' Proprjetà Immobbli	
Li jinvolvu proprjetà privata jew mikrija Fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 821, 822)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
E. Servizz ta' Kera/Lokazzjoni mingħajr operaturi	
Relatati ma' karozzi privati Relatati ma' vetturi għat-trasport tal-merkanzija Relatati mal-vapuri Relatati mal-inġenji tal-ajru Relatati ma' tagħmir ieħor ta' trasport fuq l-art Relatati ma' makkinarju u tagħmir ieħor (CPC 83101, 83102, 83103, 83104, 83105, 83106 - 83109)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Servizzi kummerċjali oħrajn	
Servizzi ta’ reklamar (CPC 871)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' studju tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar Servizzi ta’ konsulenza dwar l-amministrazzjoni (CPC 864, 865, 866)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	Mod 1: Fornituri ta’ servvizzi ta’ ttestjar tekniku u analiżi għandhom ikunu entitajiet legali kkostitwiti skont il-leġiżlazzjoni Armena. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta’ konsulenza relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (CPC 881**)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi inċidentali għall-minjieri (CPC 883)**)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta’ konsulenza inċidentali għall-manifattura (CPC 884**, 885**)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta’ konsulenza għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887**)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi relatati mal-inġinerija ta’ konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Mod 1: Bla restrizzjonijiet. Mod 2: Ebda.
Manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir (eskluż i bastimenti marittimi, inġenji ta’ l-ajru u tagħmir tat-trasport ieħor) (CPC 633+8861-8866)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi fotografiċi (CPC 875)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta’ ppakkjar (CPC 876)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
Stampar, pubblikazzjoni (CPC 88442)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' konvenzjonijiet Servizz tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni (CPC 87909, 87905)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
2. Servizzi tal-komunikazzjoni	
A. Servizzi postali u ta' kurier (CPC 7511+7512)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
B. Servizzi ta' Telekomunikazzjoni[1]	
Servizzi ta' telefown bil-vuċi Servizzi ta' trażmissjoni ta' data pakkett u circuit-switched ibbażati fuq il-faċilità, u servizzi ta' facsimile bbażati fuq il-faċilità servizzi ta' trażmissjoni ta' data pakkett u circuit-switched fuq bażi ta' bejgħ mill-ġdid; Servizzi ta' Facsimile fuq bażi tal-bejgħ mill-ġdid Servizzi ta' telex u telegrafu, faċilità bbażata fuq il-bażi tal-bejgħ mill-ġdid Servizzi ta' ċirkuiti mikrija privati (CPC 7521, 7522, CPC 7523)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

[1] L-impenji meħuda mill-Armenja huma bbażati fuq prinċipji ta' skedar ipprovduti mid-dokumenti tad-WTO:. "Noti għal Skeda tal-Impenji tas-Servizzi tat-Telekomunikazzjoni" (S/GBT/W/2/Rev.1) u "Limitazzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq fuq Disponibbiltà Spectrum" (S/GBT/W/3). L-Armenja tintrabat għall-obbligi fid-Dokument ta' Referenza dwar il-Prinċipji Regolatorji.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli, inklużi servizzi ċellulari diġitali/analogi, servizzi ta’ komunikazzjoni personali (KPS), radju mobbli speċjalizzati (SMR), is-Sistema Globali ta’ Komunikazzjonijiet Mobbli (GSM), servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) Servizzi ta’ paġing, u servizzi ta’ data mobbli, faċilità bbażata fuq il-bażi tal-bejgħ mill-ġdid (CPC 75213+ CPC 75291)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta’ telekomunikazzjoni bil-valur miżjud ta’ faċilità bbażata internazzjonali, ibbażati fuq il-wajer jew bir-radju, inkluż: posta elettronika; Il-voice mail; informazzjoni onlajn u rkupru minn database; skambju ta' data elettronika; Il-valur miżjud ta' facsimile avvanzati/servizzi, inklużi l-ħażna u l-bgħit, il-ħażna u l-irkupru, konverżjoni ta' kodiċi u protokoll; ipproċessar onlajn ta’ informazzjoni u/jew ta’ data (inkluż l-ipproċessar tat-tranżazzjoni) (CPC 7523 + CPC 843)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta’ telekomunikazzjoni bil-valur miżjud internazzjonali fuq il-bażi t’ bejgħ mill-ġdid, u servizzi ta’ telekomunikazzjoni bil-valur miżjud, faċilità bbażata fuq bejgħ mill-ġdid, ibbażati fuq il-wajer jew bir-radju, inkluż: posta elettronika; Il-voice mail; informazzjoni onlajn u rkupru minn database; skambju ta' data elettronika; Il-valur miżjud ta' facsimile avvanzati/servizzi, inklużi l-ħażna u l-bgħit, il-ħażna u l-irkupru, konverżjoni ta' kodiċi u protokoll; ipproċessar onlajn ta’ informazzjoni u/jew ta’ data (inkluż l-ipproċessar tat-tranżazzjoni) (CPC 7523 + CPC 843)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi relatati mat-telekomunikazzjonijiet (CPC 754)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
C. Servizzi awdjoviżivi	
Produzzjoni ċinematografika u ta' video tapes u servizzi ta' distribuzzjoni Servizzi tal-projezzjoni ta' films ċinematografiċi Servizzi ta' radju u televiżjoni (minbarra servizzi ta' trażmissjoni Servizzi ta' reġistrazzjoni tal-awdjo (CPC 9611, 9612, 9613)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
3. Servizzi tal-bini u tal-inġinerija relatati	
A. Xogħol ġenerali ta' kostruzzjoni għall-bini B. Xogħol ġenerali ta' kostruzzjoni għall-inġinerija ċivili C. Xogħol ta' installazzjoni u assemblaġġ D. L-ikkompletar tal-bini u x-xogħol tal-irfinar (CPC 512, 513, 514+516, 517)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
4. Servizzi ta' distribuzzjoni	
A. Servizzi ta' aġenti kummissjonanti B. Servizzi ta' negozju bl-ingrossa (CPC 61111, 6113**, 6121**, 621, 622)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut (CPC 61112, 6113**, 6121**, 631, 632)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
D. Konċessjoni (CPC 8929)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
5. Servizzi edukattivi	
A. Edukazzjoni ogħla (CPC 923) B. Edukazzjoni għall-adulti (CPC 924)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
6. Servizzi ambjentali	
A. Servizzi ta’ ilma mormi (servizzi ta’ dranaġġ) B. Ġestjoni tal-iskart solidu/perikoluż, minbarra t-trasport transfruntier ta' skart perikoluż (a) Servizzi ta' rimi tal-iskart (b) Sanità u servizzi simili C. Ħarsien tal-arja u l-klima tal-madwar (servizzi ta’ tindif tal-gassijiet tal-egżost) D. It-tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet E. Ir-Rimedjar u t-tindif ta' ħamrija u ilma – Trattament, rimedjazzjoni ta’ ħamrija u ilma kkontaminati/mniġġsa (servizzi ta’ protezzjoni tan-natura u l-paysaġġ) F. Ħarsien tal-bijodiversità u l-pajsaġġ – Servizzi għall-ħarsien tan-natura u tal-pajsaġġ G. Servizzi ambjentali u anċillari oħra (CPC 9401, 9402, 9403, 9404, 9405, 9406, 9409)	Mod 1: Bla restrizzjonijiet għajr għal servizzi ta’ konsulenza. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
7. Servizzi finanzjarji	
A. L-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni	Mod 1: Bla restrizzjonijiet għas-setturi li ġejjin: (a) Servizzi ta' assigurazzjoni diretta għajr għal assigurazzjoni tar-riskji relatati ma': (i) tbaħħir marittimu u avjazzjoni kummerċjali u varar fl-ispazju u ġarr ta' merkanzija (inkluż satelliti), b'tali assigurazzjoni tkopri kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin jew dawn kollha: l-oġġetti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tkun gejja minn dawn; u (ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali. (b) Servizzi ta' intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni ħlief għar-riassigurazzjoni, ir-retroċessjoni u assigurazzjoni ta' riskji relatati ma': (i) tbaħħir marittimu u avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assigurazzjoni li jkopri uħud u jew kollox minn dawn li ġejjin: l-oġġetti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tkun gejja minn dawn; u (ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi bankarji u finanzjarji oħra	Mod 1: Bla restrizzjonijiet għas-setturi li ġejjin: (a) Negozju proprju jew f'isem klijenti, kemm jekk fil-borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, kif ukoll jekk mod ieħor, f'dan li ġej: (i) strumenti tas-suq tal-flus (inklużi ċekkijiet, kontijiet, ċertifikati ta' depożiti); (ii) il-kambju f'valuta barranija; (iii) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhux limitati għal, kuntratti ta' xiri fil-futur u għażliet (futures u options) (iv) strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rati tal-interessi, inklużi prodotti bħal tpartit, ftehimiet ta' rati bil-quddiem; (v) titoli trasferibbli; u (vi) strumenti oħra negozjabbli u assi finanzjarji, inklużi ingotti tad-deheb; (b) Parteċipazzjoni fi kwistjonijiet ta' kull tipi ta' sigurtajiet, inkluż is-soskrizzjoni u l-pjazzament bħala aġent u l-forniment ta' servizz relatat ma' tali kwistjonijiet. (c) Senserija ta' flus. (d) Amministrazzjoni tal-assi, bħall-amministrazzjoni ta' flus kontanti jew ta' portafoll, il-forom kollha ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, amministrazzjoni ta' fondi għall-pensjoni, servizzi ta' kustodja, depożitarji u ta' trust. (e) Servizzi ta' saldu u likwidazzjoni għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti oħra negozjabbli. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
8. Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali	
A. Servizzi ta’ sptar (sjieda u l-ġestjoni diretta fuq bażi ta’ miżati) B. Servizzi marbuta mas-saħħa tal-bniedem (sjieda u l-ġestjoni diretta fuq bażi ta’ miżati) (CPC 9311, 9319)	Mod 1: Teknikament mhux fattibbli. Mod 2: Ebda.
9. Turiżmu u servizzi relatati mal-ivvjaġġar	
A. Ħotels u Restoranti CPC 641-643)	Mod 1: Teknikament mhux fattibbli. Mod 2: Ebda.
B. Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi C. Servizzi ta' gwida tat-turisti (CPC 7471, 7472)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
10. Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi	
A. Servizzi ta’ divertiment (għajr awdjoviżiv) B. Servizzi tal-aġenziji tal-aħbarijiet C. Servizzi sportivi u oħrajn rekreazzjonali (CPC 9619, 962, 964)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
11. Servizzi ta' trasport	
A. Servizzi ta' trasport marittimu	
Trasportazzjoni tal-passiġġieri It-Trasport tal-merkanzija Servizzi tal-kiri ta' bastimenti bl-operatur (CPC 7211, 7212, 7213)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' stazzjon tal-Containers u ta' depot Servizzi ta' aġenzija marittima Servizzi marittimi ta' dispaċċ tal-merkanzija	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma (CPC 745)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
B. Servizzi tat-trasport bl-ajru	
Manutenzjoni u tiswija ta' bċejjeċ tal-ajru (CPC 8868**)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru inklużi sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata (CPC 748+749)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' ground handling	Mod 1: Bla restrizzjonijiet. Mod 2: Ebda.
Ġestjoni tal-ajruporti	Mod 1: Bla restrizzjonijiet. Mod 2: Ebda.
C. Servizzi tat-trasport bil-ferrovija	
Trasportazzjoni tal-passiġġieri It-Trasport tal-merkanzija (CPC 7111, 7112)	Mod 1: Bla restrizzjonijiet. Mod 2: Ebda.
Manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport bil-ferrovija (CPC 8868)**)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija (CPC 743)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
D. Servizzi ta' trasport bit-triq	
Trasportazzjoni tal-passiġġieri It-Trasport tal-merkanzija Servizzi ta' kiri ta' vetturi kummerċjali ta' merkanzija b'operaturi (CPC 7121, 7122, 7123, 7124)	Mod 1: Trattament differenzjat fir-rigward ta' taxxi u ħlas għall-operazzjoni u l-preservazzjoni ta' toroq pubbliċi u għall-ħruġ ta' permessi ta' dħul. Mod 2: Ebda.

Settur jew subsettur[1]	Deskrizzjoni tar-riżervi
Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tat-trasport bit-triq (CPC 6112)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 744)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
12. Servizzi awżiljarji għall-modi tar-trasport kollha	
Servizzi ta' cargo handling (CPC 741) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (CPC 742)	Mod 1: Ebda. Mod 2: Ebda.
Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija Servizzi ta' trasport ta' sostenn u awżiljarji oħra (CPC 748, 749)	Mod 1: Is-servizzi doganali għandhom jitwettqu minn agent operatur liċenzjat fl-Armenja. Mod 2: Ebda.
13. Servizzi ta' enerġija	
Trasport ta' fjuwils bil-pajpijiet (CPC 7131)	Mod 1: Bla restrizzjonijiet għas-setturi li ġejjin: (a) trasport ta' gass naturali bil-pajpijiet, minbarra servizzi ta' konsulenza. Mod 2: Bla restrizzjonijiet għas-setturi li ġejjin (a) trasport ta' gass naturali bil-pajpijiet, minbarra servizzi ta' konsulenza.

ANNESS VIII-G

RIŻERVI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI TAR-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA

1. Ir-Repubblika tal-Armenja għandha tippermetti l-provvista tas-servizzi fit-territorji tagħhom minn fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti tal-Unjoni Ewropea permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, skont l-Artikoli 156 u 157 ta' dan il-Ftehim, għal attivitajiet ekonomiċi li huma elenkati hawn taħt, u soġġett għal limitazzjonijiet rilevanti.

2. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li fih japplikaw il-limitazzjonijiet; u

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

   Ir-Repubblika tal-Armenja mhix qed timpenja ruħha għal fornituri tas-servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti għall-ebda settur tas-servizzi, ħlief għal dawk li huma msemmija espliċitament hawn taħt.

3. L-impenji għal fornituri tas-servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom huwa li jinterferixxi mal-eżitu ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema/il-maniġment, jew b'xi mod ieħor jaffettwahom.

4. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu limitazzjoni fit-tifsira tal-Artikoli 156 u 157 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u l-ħtieġa ta' domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika), anke jekk mhumiex elenkati hawn taħt, japplikaw f'kull każ għall-fornituri tas-servizzi kuntrattwali u l-professjonisti indipendenti tal-Unjoni Ewropea.

5. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Armenja f'dak li għandu x'jaqsam id-dħul, il-permanenza, ix-xogħol u l-miżuri ta' sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar it-tul ta' permanenza u s-salarji minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar is-salarji.

6. Il-lista ta' hawn taħt ma fihiex miżuri li jirrigwardaw sussidji mogħtija minn Parti.

7. Il-lista ta’ hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza ta’ monopolji pubbliċi jew drittijiet esklużivi fis-setturi rilevanti, kif stabbilit mir-Repubblika tal-Armenja fl-Annessi VIII-E u VIII-F.

8. F'dawk is-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin se jkunu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni rilevanti fl-Armenja jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' fornituri eżistenti tas-servizz u l-impatt fuqhom.

9. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m’għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtux drittijiet direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

10. Ir-Repubblika tal-Armenja għandha tippermetti l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħha ta' fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonijiet indipendenti tal-Unjoni Ewropea permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, suġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 156 u 157 ta' dan il-Ftehim rispettivament, fis-subsetturi segwenti ta’ Servizzi Kummerċjali:

    (a) servizzi legali (CPC 861);

    (b) servizzi ta' kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba (CPC 862);

    (c) servizzi tat-tassazzjoni (CPC 863);

    (d) servizzi arkitettoniċi (CPC 8671);

    (e) servizzi ta’ inġinerija (CPC 8672);

    (f) servizzi relatati mal-inġinerija integrata (CPC 8673);

(g) ippjanifikar urban u servizzi arkitettoniċi tat-tisbiħ tal-pajsaġġ (CPC 8674);

(h) servizzi mediċi u dentali (CPC 9312);

(i) servizzi veterinarji (CPC 932);

(j) servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer tal-kompjuter (CPC 841);

(k) servizzi ta' implimentazzjoni ta' softwer (CPC 842);

(l) servizzi ta' pproċessar tad-data (CPC 843);

(m) servizzi ta' bażijiet tad-data (PC 844);

(n) servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija tal-makkinarju u tat-tagħmir tal-uffiċċji, inklużi l-kompjuters (CPC 845);

(o) servizzi oħra tal-kompjuter, inkluż servizzi tal-preparazzjoni tad-data (CPC 849);

(p) servizzi R&D (CPC 851-853);

(q) servizzi immobiljari: Li jinvolvu proprjetà jew beni immobbli mikrija (CPC 821);

(r) servizzi immobiljari: Fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 822);

(s) servizz ta' Kera/Lokazzjoni mingħajr Operaturi: Relatati mal-ajruplani (CPC 83104);

(t) servizz ta' Kera/Lokazzjoni mingħajr Operaturi: Relatat ma’ tagħmir ieħor tat-trasport (CPC 83101, 83102);

(u) servizz ta' Kera/Lokazzjoni mingħajr Operaturi: Relatati ma’ makkinarju u tagħmir ieħor (CPC 83106-83109);

(v) servizzi ta’ reklamar (CPC 871);

(w) servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864);

(x) servizzi ta' konsulenza maniġerjali (CPC 865);

(y) servizzi relatati mal-konsulenza dwar l-immaniġġjar (CPC 866);

(z) servizzi ta’ ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676);

(aa) servizzi inċidentali għall-manifattura (CPC 884, 885);

(bb) manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir (eskluż i bastimenti marittimi, inġenji ta’ l-ajru u tagħmir tat-trasport ieħor) (CPC 633, 8861-8866);

(cc) stampar, pubblikazzjoni (CPC 88442);

(dd) servizzi ta' konvenzjonijiet (CPC 87909); u

(ee) servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905).

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Orizzontali	Proprjetà immobbli Persuni fiżiċi barranin ma jistgħux jiksbu sjieda ta’ art fl-Armenja, sakemm mhux provvdut mod ieħor bil-liġi.
Servizzi kummerċjali	Professjonisti Indipendenti Dħul garantit għal massimu ta’ tliet snin.